# Bil-Kliem Tista’ Tpitter:

# Qafas Strutturat għat-Tagħlim tal-Kitba

# Deskrittiva mis-Snin Bikrin sas-Snin Sekondarji

Anthea Enriquez

Teżi mressqa

lill-Fakultà tal-Edukazzjoni

fl-Università ta’ Malta

għall-grad ta’

Master in Teaching and Learning

Ġunju 2023

L-Università ta' Malta

**University of Malta Library – Electronic Thesis & Dissertations (ETD) Repository**

The copyright of this thesis/dissertation belongs to the author. The author's rights in respect of this work are as defined by the Copyright Act (Chapter 415) of the Laws of Malta or as modified by any successive legislation.

Users may access this full-text thesis/dissertation and can make use of the information contained in accordance with the Copyright Act provided that the author must be properly acknowledged. Further distribution or reproduction in any format is prohibited without the prior permission of the copyright holder.

FAKULTÀ/ISTITUT/ĊENTRU/SKOLA Il-Fakultà tal-Edukazzjoni

DIKJARAZZJONI TA' STUDENTI POSTGRADWATI

**(a) L-Awtentiċità tad-Dissertazzjoni**

Niddikjara li jien l-awtur/l-awtriċi leġittimu/a ta' din id-Dissertazzjoni u li hija x-xogħol oriġinali tiegħi. Il-kodiċi tal-formula tal-Etika fir-Riċerka u l-Ħarsien tad-Data EDUC-2024-00070.

L-ebda parti minn dan ix-xogħol ma tressqet bħala sostenn ta' xi applikazzjoni għal grad jew kwalifika oħra f'din l-università jew kwalunkwe università jew istituzzjoni tal-edukazzjoni ogħla oħra.

Inżomm lill-Università ta' Malta mingħajr ħtija f'każ ta' talbiet minn terzi persuni b'rabta mal-ksur taddritt tal-awtur, ksur tal-kunfidenzjalità, malafama jew kull ksur ieħor tad-drittijiet tat-terzi persuni.

**(b) Il-Proċeduri tal-Kodiċi ta' Prattika għar-Riċerka u tal-Verifika tal-Etika fir-Riċerka**

Niddikjara li mxejt mal-Proċeduri tal-Kodiċi ta' Prattika għar-Riċerka u tal-Verifika tal-Etika fir-Riċerka tal-Università.

Bħala student/a tal-Master, skont ir-Regolament 77 tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad , naqbel li jekk id-dissertazzjoni tiegħi tikseb il-Grad A, tkun aċċessibbli pubblikament fir-Repożitorju Istituzzjonali tal-Università ta' Malta.

# Is-sinteżi


Bil-Kliem Tista' Tpitter:

Qafas Strutturat għat-Tagħlim tal-Kitba Deskrittiva mis-Snin Bikrin sas-Snin Sekondarji

F'din id-dissertazzjoni ssir analiżi dettaljata tal-funzjoni retorika tal-kitba deskrittiva fil-kuntest tat-tagħlim tal-Malti bħala lingwa nattiva. B'referenza għax-xogħlijiet mill-oqsma tar-retorika, il-filosofija, l-istilistika u l-pedagoġija, il-kitba deskrittiva se tkun mistħarrġa biex jinkixfulha l-karatteristiċi partikolari tagħha. Jiġu analizzati wkoll, b'għadd ta' eżempji, il-kuntesti soċjali varji li fihom titħaddem b'saħħa din il-funzjoni retorika. Il-parti prattika tissejjes fuq il-prinċipji u l-prattiċi tat-tagħlim tal-kitba bħala proċess.

Wara stħarriġ kritiku ta' xi dokumenti kurrikulari barranin u tas-Sillabi tal-Malti, din id-dissertazzjoni tipproponi qafas kurrikulari rraġunat tal-kitba deskrittiva mis-Snin Bikrin sa tmiem l-iskola Sekondarja. Dan il-qafas kurrikulari tfellel f'kategoriji ewlenin li jiżviluppaw b'mod imtarraġ mas-snin: il-vokabolarju, is-sensi, il-karattri, l-ambjent, il-qagħda emozzjonali, in-narrazzjoni, u l-lingwa figurattiva. Wara, kampjun ta' lezzjonijiet se jagħti togħma ta' kif tista' tiġi mgħallma, valutata, u ddifferenzjata l-kitba deskrittiva f'livelli differenti tas-sistema edukattiva formali.

Din id-dissertazzjoni tagħlaq bir-riflessjoni tar-riċerkatriċi tal-proġett u x-xogħol li pproponiet, b'risq il-bidla li għandha ssir f'livelli ta' ppjanar kurrikulari min-nies interessati f'dan il-qasam. B'hekk, l-għalliema u l-istudenti t'għada jista' jkollhom għarfien aktar ċar ta' din il-funzjoni retorika tant ta' fejda fil-ħajja ta' kuljum.



M.T.L. (bi speċjalizzazzjoni fil-Malti) Ġunju 2023



Is-Superviżur: Dr Terence Portelli, B.Ed. (bl-Unuri), M.A., Ph.D. (Birm)



**Il-kliem ewlieni**

It-tagħlim tal-Malti · It-tagħlim tal-kitba · Il-kitba deskrittiva

Qafas kurrikulari mtarraġ · Kampjun ta' lezzjonijiet · L-assessjar u evalwar

Lill-ġenituri tiegħi,

Bryan u Charlotte,

bi mħabba u rispett.

# Radd il-ħajr

Nixtieq irrodd ħajr lis-superviżur tiegħi, Dr Terence Portelli, tal-impenn tiegħu fit-tiswir u fil-mixja ta’ din id-dissertazzjoni. L-għajnuna u l-pariri siewja u kontinwi tiegħu tawni l-imbuttatura li kelli bżonn biex nagħlaq dan l-istudju. Nixtieq nirringrazzjah ukoll għad-diskussjonijiet u l-komunikazzjonijiet elettroniċi konsistenti sa minn meta wrejt interess li naħdem fuq din id-dissertazzjoni u ta’ kemm sellifni kotba minn jeddu biex insib dak li kelli bżonn. Fuq kollox, nirringrazzjah għar-reqqa tiegħu fil-qari tal-kitba tiegħi, li għallmitni nqis kull kelma qabel ma niktibha.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lill-istudenti kollha li kelli x-xorti niltaqa’ magħhom u nsir nafhom matul dan il-vjaġġ edukattiv. Kollha għandhom post speċjali f’qalbi u kienu huma li fakkruni għaliex għamilt dan l-istudju.

L-akbar radd il-ħajr, iżda, nagħtih lil familti. Lil missieri Bryan u lil ommi Charlotte, għall-paċenzja kollha li jieħdu bija, għall-interess u l-appoġġ li juruni, talli jum wara l-ieħor isibuni bilqiegħda fuq l-istess siġġu, qalb torri ta’ kotba, u jagħdruni f’kulma nagħmel. Lil oħti Abigail, talli dejjem għenet kif setgħet u talli dejjem serviet ta’ mudell għall-vjaġġ professjonali tiegħi.

Nixtieq nirringrazzja wkoll lil sħabi tal-Għaqda tal-Malti u lill-kollegi kollha tal-kors, b’mod speċjali lil Kirsty li għal kull xorta ta’ sentiment li nisslet fija l-kitba ta’ din id-dissertazzjoni, kont naf li kienet tkun ħdejja lesta biex tismagħni, jew messaġġ ’il bogħod.

Fl-aħħar, iżda mhux l-inqas, lil Darren, tal-kuraġġ kollu li tani u talli sema’ kemm-il darba t-tekniki tal-kitba deskrittiva u xi nkun żidt u naqqast fil-qafas. Dan kollu kien jagħtini ċertu serħan għax naf li dejjem kelli lil min jismagħni.

# Il-werrej


**Is-sinteżi ........ i**

**Radd il-ħajr ........ iii**

**Il-lista tat-tabelli ........ vii**

**Daħla ........ viii**

**Kapitlu 1: Il-kitba deskrittiva taħt il-lenti ........ 1**

1.1. Ħarsa lejn il-litteriżmu ........ 2

1.1.1. Aspetti tal-ħila tal-kitba ........ 3

1.2. Il-funzjonijiet retoriċi tal-kitba ........ 4

1.3. Lejn id-definizzjoni ta' deskrizzjoni ........ 5

1.4. It-tbexbix tal-kitba deskrittiva ........ 5

1.5. Xogħlijiet aktar riċenti dwar il-kitba deskrittiva ........ 7

1.6. Il-kuntesti tal-kitba deskrittiva ........ 9

1.6.1. Il-kitba deskrittiva fir-reklamar ........ 10

1.6.2. Il-kitba deskrittiva fid-djarju ........ 11

1.6.3. Il-kitba deskrittiva fil-ġurnaliżmu ........ 13

1.6.4. Il-kitba deskrittiva fil-letteratura ........ 15

1.7. It-tagħlim tal-kitba deskrittiva ........ 17

1.7.1. Ideat għat-tagħlim tal-kitba ........ 18

1.7.2. Ideat għat-tagħlim tal-kitba deskrittiva ........ 19

1.8. Konklużjoni ........ 21

**Kapitlu 2: Il-kitba deskrittiva f'kuntest edukattiv ... 22**

2.1. Introduzzjoni ... 23

2.2. It-tfassil ta' sillabu ... 23

2.3. Il-kurrikula ta' xi sistemi edukattivi barranin ... 23

2.3.1. Xi ideat mill-kurrikulu tal-Ingilterra (2014) ... 24

2.3.2. Xi ideat mill-kurrikulu tal-Kanada (2006) ... 27

2.4. Is-sillabu ta' Malta għall-iskejjel tal-Istat ... 29

2.4.1. L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu (2019) ... 30

2.4.2. Il-kitba deskrittiva fil-Kurrikulu Malti ... 31

2.4.3. L-assessjar ... 34

2.5. Konklużjoni ... 35

**Kapitlu 3: Il-qafas kurrikulari tal-kitba deskrittiva ... 37**

3.1. Introduzzjoni ... 38

3.2. It-tfassil tal-qafas tal-kitba deskrittiva ... 38

3.3. Il-ħoloq kurrikulari ... 39

3.4. L-udjenza ... 41

3.5. Ir-razzjonal ... 42

3.6. L-għanijiet ... 43

3.7. It-tul ta' żmien ... 45

3.8. Il-metodi ta' tagħlim ... 45

3.9. Il-qafas kurrikulari tal-kitba deskrittiva ... 48

3.9.1. It-tip ta' sillabu ........................................................................................ 48

3.9.2. Il-ġeneri tal-qafas tal-kitba deskrittiva .................................................... 49

3.9.3. Il-komponenti tal-qafas tal-kitba deskrittiva ............................................ 49

3.10. L-assessjar tal-kitba deskrittiva ................................................................ 53

3.11. Xi aspetti ta' differenzjar ........................................................................... 57

3.12. Xi limitazzjonijiet tal-qafas kurrikulari tal-kitba deskrittiva ........................ 59

3.13. Konklużjoni ................................................................................................ 60

**Kapitlu 4: Riflessjoni Personali fuq il-Proġett ................................................ 61**

4.1. L-importanza tar-riflessjoni fl-iżvilupp professjonali ...................................... 62

4.2. Merti tal-qafas tal-kitba deskrittiva ............................................................... 62

4.3. Il-ħidma ta' entitajiet differenti b'risq il-kitba deskrittiva ................................ 64

4.4. Xi limitazzjonijiet ta' dan l-istudju .................................................................. 65

4.5. Skop għal aktar riċerka .................................................................................. 66

4.6. L-evalwazzjoni ipotetika tal-qafas tal-kitba deskrittiva ................................... 67

4.7. Mill-għatba 'l ġewwa ....................................................................................... 69

**Il-biblijografija ...................................................................................................... 71**

**Appendiċi A: Il-qafas kurrikulari tal-kitba deskrittiva ........................................ 85**

**Appendiċi B: Il-lezzjonijiet .................................................................................. 102**

**Appendiċi Ċ: Kampjuni ta' rubriki b'rabta ........................................................ 142**

**mal-kitba deskrittiva ........................................................................................... 142**

# Il-lista tat-tabelli

Tabella 1: L-għanijiet tal-kitba deskrittiva fil-Key Stages (2014). .............................. 25

Tabella 2: L-għanijiet tal-kitba deskrittiva fis-sillabu ta' Ontario (2006). .................... 28

Tabella 3: L-għanijiet tal-kitba deskrittiva fis-sillabi ta' Malta (2019-2021)................ 33

Tabella 5: L-assessjar tal-kitba fil-livelli tal-Primarja, tal-Medja u tas-Sekondarja (2019-2022)......................................................................................................... 35

Tabella 6: Il-livelli proposti fil-qafas tal-kitba deskrittiva............................................ 41

# Daħla

"Biex tkun taf tikteb tajjeb trid taqra ħafna". Ħadt nifs qawwi. "Il-kitba żgur qatt mhi se tkun il-forte tiegħi". Hekk kont ngħid bejni u bejn ruħi hekk kif nisma' lill-għalliema tal-Malti waqt il-lezzjoni tal-kitba. Ma kinitx faċli biex insib ktieb li jżommni. Dejjem nistaqsi fejn kienet dik id-dinja ta' seħer li tant kont nisma' dwarha.

Meta kont nikteb, imqar xi komponiment, l-istorja kienet tkun differenti. Hemm kont inkun il-ħallieqa ta' din l-istess dinja ta' seħer li tant xtaqt insib fil-kotba. Ħaġa tal-għaġeb hi li l-kumment li kienet tagħtini l-għalliema meta tikkoreġili l-komponiment kien dejjem ikun "Prosit Anthea, tidher li taqra ħafna" u kont innissel dik it-tbissima mqarqċa li l-għalliema qatt ma setgħet tifhimha.

Meta fil-klassi kien ikollna ċ-ċans li nagħżlu t-titlu tagħna, qatt ma kont nagħżel titlu deskrittiv. Dan għaliex qatt ma kont inkun naf kif se naqbad nikteb komponiment tajjeb u kreattiv waqt li kont qed niddeskrivi xi ħaġa. Din it-tensjoni jaf ġejja wkoll mill-fatt li ma niftakarx li qatt ġejt mgħallma 'kif' nikteb b'mod deskrittiv. Fil-kitba narrattiva u f'dik argumentattiva kelli struttura fissa f'moħħi, kont naf x'għandi ndaħħal, kif u fejn. Kelli l-esperjenza. Fil-kitba deskrittiva, le. Kont inqatta' ħafna ħin niċċassa lejn il-karta vojta nistennieha timtela waħidha b'mod maġiku. Tant hu hekk, niftakarni ngħid li għall-eżamijiet nagħżel titlu li jkun, basta mhux deskrittiv.

Illum ir-rota daret. Illum m'għadnix studenta. Illum qiegħda quddiem klassi, biex ngħallem ġenerazzjoni ġdida ta' studenti. B'dispjaċir, waqt il-perjodu tat-taħriġ, erġajt rajt dik il-ħarsa ċassa li kien ikolli jien quddiem xi titlu deskrittiv, din id-darba fl-istudenti tiegħi. Anki jekk ma jgħiduhilhix b'mod dirett, kif insemmi l-kelma deskrizzjoni fil-klassi, nibda nara l-espressjonijiet differenti fuq l-uċuħ – min jgħolli

għajnejh, min donnu jinħasad, min jittewweb ... kważi kull espressjoni minbarra dik li għalliema tkun tixtieq. Ġeneralment, dawn l-espressjonijiet jakkumpanjawhom mistoqsijiet bħal: "X'ħa naqbad ngħid?" "Imma kemm indum niddeskrivi?" "Miss, dan għall-assessjar?" "Se tagħtina marka?" "Miss, jekk niktbu mitt kelma biżżejjed?" L-unika motivazzjoni tagħhom kienet biex imorru tajjeb u jġibu marka għolja, mhux biex jiktbu komponiment tajjeb, jew biex jieħdu pjaċir jiktbu. Barra minn hekk, mix-xogħlijiet li kienu jagħtuni lura, komplejt nikkonferma li dawn it-tfal kienu qegħdin fiż-żarbun li kont nilbes jien meta kont tamparhom.

Is-sabiħ li tkun studenta-għalliema hu li tkun qed tgħix żewġ realtajiet fl-istess ħin. Daqskemm nifhem lill-istudenti, nifhem lill-għalliema. Fejn tidħol il-kitba deskrittiva, minn mindu kont studenta, kont inħoss li hemm vojt jew nuqqas. Illum, meta ġejt biex ngħallem din il-funzjoni ta' kitba, donnu bdejt insib dan l-istess vojt u l-mistoqsijiet li jistaqsuni l-istudenti bdejt nirreċiprokahom jien: "Imma kemm se jdumu jiddeskrivu din il-ħaġa?" "X'jistgħu jgħidu?" "Tgħid 250 kelma wisq għal dan it-titlu?" U minn hawn nibtet l-interess għal din id-dissertazzjoni. Permezz ta' dan il-proġett nixtieq li dawn il-mistoqsijiet li qegħdin fuq fomm l-istudenti – u fuq fomm l-għalliema – ma jibqgħux ixekkluhom għax ikollhom tweġiba ċara.

Dan il-qafas kurrikulari li se nfassal (ara Kapitlu 3) u nipproponi (ara Appendiċi A) hu ta' fejda kemm għall-għalliema, kif ukoll għall-istudenti minħabba li se jipprovdi mod imtarraġ għal kif tiġi mgħallma l-kitba deskrittiva. Dan il-proġett se jkollu fil-mira tiegħu studenti Maltin mis-Snin Bikrin sa dawk tas-Sekondarja. Minbarra l-qafas innifsu, se jiġu pprovduti xi lezzjonijiet għal kull livell, biex iservu ta' mudell f'livelli differenti li jkunu jistgħu jintużaw mill-għalliema (ara Appendiċi B).

# Kapitlu 1: Il-kitba deskrittiva taħt il-lenti

## 1.1. Ħarsa lejn il-litteriżmu

Il-ħila tal-kitba tista' tinftiehem b'mod sħiħ jekk tinkwadra ruħha mal-proċessi l-oħra li jsawru l-ħiliet tal-lingwa – il-qari, is-smigħ u t-taħdit (Azzopardi, 2001, p. 64; Tompkins, 2018, p. 27). Dawn il-proċessi, imsejħa wkoll kompetenzi jew ħiliet, isawru l-kunċett tal-litteriżmu u jsaħħu l-att komunikattiv.

Matul iż-żmien, ingħataw għadd ta' tifsiriet differenti għall-kunċett tal-litteriżmu. Tifsira li spiss tinstema' hi dik li tqis persuna litterata bħala dik li tkun kapaċi ssegwi u tipparteċipa bi ħsieb bħala qarrejja, kittieba, semmiegħa u kelliema (Lipton & Hubble, 2008, p. 22; Perry, 2012 p. 52). Il-ħiliet tat-taħdit u tal-kitba, imsejħin produttivi, jitolbu impenn għax il-kelliema jew il-kittieba jridu jaħsbu, jistrutturaw il-ħsieb tagħhom, jaqilbuh f'kodiċi u jagħżlu kif se jittrażmettuh (Inglis & Aers, 2008, pp. 22-23; Jacobs, 2006, p. 12).

Bl-iżviluppi teknoloġiċi dejjem jiżdiedu b'rata mgħaġġla, biex persuna titqies litterata trid tħaddan kwalitajiet oħra, fosthom dik li tkun kapaċi tinteraġixxi mal-media. Definizzjoni oħra ta' litteriżmu tfisser persuna litterata bħala persuna li tkun kapaċi tisma', taqra, titkellem, tikteb u taħseb b'mod kritiku permezz ta' firxa ta' materjal stampat u diġitali (Jacobs, 2006, p. 14; UNESCO, b.d; Vasquez & Felderman, 2013, p. 8).

Il-ħiliet tal-lingwa, kif ukoll l-interazzjoni mal-media, jintużaw f'kuntesti soċjali u kulturali differenti. Persuni litterati għandhom ikunu kapaċi jaqraw ir-realtà u s-sitwazzjoni soċjali ta' madwarhom. Dawn il-ħiliet, la jintużaw fit-triqat differenti fil-ħajja, m'għandhomx jiġu mgħallma u mħarrġa biss mill-għalliema tal-lingwi (Savage & Fautley, 2013, p. 108). Dan il-kunċett hu msejjaħ content literacy, jew litteriżmu

speċifiku (McKenna & Robinson, 2010) u hu magħruf ukoll bħala litteriżmu mifrux tul il-kurrikulu (Savage & Fautley, 2013, p. 108). L-istudenti għandhom jiġu mgħallma l-kliem tekniku biex ikunu kapaċi jesprimu lilhom infushom fis-suġġetti kollha (Savage & Fautley, 2013, pp. 108-109).

### 1.1.1. *Aspetti tal-ħila tal-kitba*

It-tweġiba għall-mistoqsija "x'inhi l-kitba?" mhix faċli, partikolarment għax ma teżistix tweġiba waħda. Donnu f'kull definizzjoni, iżda, hemm il-qbil li l-kitba titqies bħala mezz ta' espressjoni (Atwell, 2015, p. 15; Graham, 2019, p. 278; Miles & Howell, 2008, p. 7). Il-kitba hi proċess kumpless li jitlob l-użu ta' simboli grafiċi, jiġifieri l-ittri tal-alfabett, li jintużaw biex sa ċertu punt jimitaw dak li jinstema' waqt it-taħdit. Minbarra li jiġu traskritti dawn is-simboli fuq karta, il-kittieba jkunu jridu jdommuhom f'ordni li jagħmel sens biex joħolqu s-sentenza bit-tifsir li jixtiequ (Inglis & Aers, 2008, p. 24).

Għal ħafna, il-ħila tal-kitba għandha l-fama li hi marbuta max-xogħol għad-dar (Oliver-Federici, 2009, p. 18). Għadd żgħir ta' nies għandhom kompetenza għolja fil-ħila tal-kitba b'mod naturali, il-kumplament iridu jagħmlu sforz sabiex itejbu l-kompetenza tagħhom f'din il-ħila produttiva (Warburton, 2006, p. 7). Il-programmi edukattivi, flimkien mal-għalliema, għandhom jenfasizzaw din il-ħila sabiex l-istudenti jagħmlu progress u jilħqu l-potenzjal kollu tagħhom, u fuq kollox, jiżviluppaw attitudni pożittiva lejn il-kitba.

Il-kitba għandha tingħata prijorità fil-klassi għax toffri għadd ta' benefiċċji. Fosthom hemm il-kuntatt dirett mal-lingwa li twassal għal sintassi u stil ta' kitba aħjar (Graham, 2019, p. 278) u li tiffaċilita l-proċess tat-tagħlim u l-komunikazzjoni (Graham, 2019, p.

278). Il-ħila tal-kitba tiġi mħaddma u żviluppata "permezz tal-kitba" minħabba li "waqt l-att tal-kitba, il-kittieba jiċċaraw l-ideat, jesploraw temi varji, jesprimu lilhom infushom, iwasslu messaġġi u jiddevertu skont xi jkun il-każ, u fuq kollox, huma u jagħmlu dan kollu u aktar, jieħdu gost u ġieli jagħtu gost lil min jaqrahom ukoll" (Portelli, 2012, p. 1).

## 1.2. Il-funzjonijiet retoriċi tal-kitba

Ir-retorika ilha żmien twil tinfluwenza s-sistemi edukattivi tal-Punent. It-tradizzjoni akkademika tħares u tippreserva d-definizzjoni klassika ta' retorika li kien ħareġ biha Aristotli (f'Alkin, 1992): "rhetoric is the art of finding the available means of persuasion for any particular case" (p. 549). Il-funzjonijiet retoriċi jistgħu jitqiesu bħala l-modi ta' kif il-bniedem jista' jikkomunika bil-lingwa b'mod effettiv (Crowther, Curtright, & Gilbert, 2020).

Aristotli identifika erba' kategoriji retoriċi kbar: in-narrazzjoni, id-deskrizzjoni, l-espożizzjoni u l-persważjoni (Crowther, Curtright & Gilbert, 2020; Gaines, 2000, p. 11). In-narrazzjoni twassal storja; id-deskrizzjoni tpinġi stampa bil-kliem; l-espożizzjoni tispjega u tinforma; u l-persważjoni tipprova tikkonvinċi billi tippreżenta argument kontra l-ieħor waqt li xxeqleb lejn naħa tal-argument (Richards, 2007, p. 44).

## 1.3. Lejn id-definizzjoni ta' deskrizzjoni

Il-kelma 'deskrizzjoni' ġejja mil-Latin *descriptio,* mill-verb *descriptionem*. *Descriptionem* tinqasam fil-prefiss Latin *de-* li hu assoċjat ma' "isfel" u *–scribere* (oriġinarjament ġejja minn *skribh-)* li tfisser "tikteb". *Descriptio,* allura, tirreferi għall-att li tikteb jew tikkopja, li biż-żmien ħadet it-tifsira tal-att li wieħed jiddeskrivi jew jirrappreżenta xi ħaġa bil-kliem (Harper, 2022; The Oxford Dictionary, 2021).

Deskrizzjoni mwassla b'mod tajjeb tpinġi, jew aħjar tpitter, stampa f'moħħ is-semmiegħa jew il-qarrejja. Erin Serracino Inglott (1975) jiddefinixxi l-kelma 'deskrizzjoni' bħala: "tifsira bl-irqaqat (bil-kliem, kitba, disinn jew mużika) ta' dak li wieħed irid ifiehem lil ħaddieħor; spjegazzjoni bid-dettalji biex min jisma', jaqra u l-bqija jifhem sewwa; tagħrifa bir-reqqa ta' xi ħaġa fil-għamla, fis-sura" (p. 58).

The Oxford English Dictionary (1989) jiddefinixxi l-istess kelma bħala: "the action of setting forth in words by mentioning recognizable features or characteristic marks; verbal representation or portraiture; a statement which describes, sets forth, or portrays; a graphic or detailed account of a person, thing, scene etc.; a pictoral representation" (p. 512). Min-naħa l-oħra, il-Cambridge Dictionary (2023) ifissirha bħala: "a statement or a piece of writing that tells what something or someone is like".

## 1.4. It-tbexbix tal-kitba deskrittiva

Fi żmien bikri, il-kitba deskrittiva kienet fuq fomm għadd ta' kittieba minħabba l-effett li tħalli fuq l-udjenza. F'dak iż-żmien, ġiet irrikonoxxuta l-importanza ta' din il-funzjoni ta' kitba, kif ukoll issemmew il-karatteristiċi li għandu jkollha deskrizzjoni sabiex

titqies bħala waħda effettiva. Fir-*Rhetoric,* Aristotli (f'Lawson-Tancred, 2005) jiddefinixxi l-kitba deskrittiva bħala tip ta' taħdit jew kitba li jagħti stampa ċara u dettaljata ta' persuna, post jew oġġett. Aristotli jargumenta li deskrizzjoni effettiva tgħin biex tiżviluppa konnessjoni emottiva mal-udjenza, kif ukoll issaħħaħ l-impatt ta' taħdit jew kitba persważiva (Lawson-Tancred, 2008, p. 111). Il-filosfu jiddiskuti wkoll l-importanza li jintużaw vokabolarju xieraq, dettalji sensorji u lingwa figurattiva fid-deskrizzjoni biex jgħinu fit-tiswir ta' stampa ċara u dettaljata għall-udjenza (Aristotli f'Lawson-Tancred, 2005, p. 113).

F'*Ion*, Platun (f'Brener, 2005) jiddiskuti r-rwol tal-poeta fit-tiswir ta' deskrizzjonijiet dettaljati li jgħinu biex tingħata l-ħajja lill-plott u l-karattri. Platun imiss l-idea li l-ħila li wieħed jiddeskrivi b'mod effettiv hi don mingħand l-allat u li l-poeta bilfors li jkun ispirat mid-divin biex jirnexxilu joħloq deskrizzjonijiet li jkunu tassew effettivi (Brener, 2005, p. 85). Platun jerġa' jiddiskuti d-deskrizzjoni fil-*Phaedrus,* fejn jattribwixxi sehem importanti lid-deskrizzjoni fl-immaġinazzjoni minħabba li l-kliem deskrittiv għandu l-abbiltà li jwassal stampi ċari u għarfien preċiż għand il-qarrejja (Rowe, 2005, pp. 22-23).

Il-filosfu u l-kritiku letterarju Grieg, Lonġinu (f'Roberts, 2011), ukoll tratta d-deskrizzjoni f'*On the Sublime*. F'dax-xogħol hu ddiskuta r-rwol primarju tad-deskrizzjoni fit-tiswir ta' lingwa b'saħħitha u elevata. Hu jemmen li l-użu ta' lingwa sensorja, kif ukoll l-użu ta' lingwa figurattiva jista' jittrasforma kitba f'livell sublimi (Roberts, 2011, p. 139). F'*Institutio Oratoria,* Kwintinju (f'Murphy & Wiese, 2016), edukatur Ruman, argumenta li d-deskrizzjoni hi għodda essenzjali għall-oratur minħabba li tgħin biex twassal lill-udjenzja biex iħossuhom daqslikieku qegħdin preżenti fix-xena deskritta (Murphy & Wiese, 2016, p. 39).

Dawn il-kittieba huma wħud li emmnu li d-deskrizzjoni hi għodda b'saħħitha u effettiva għall-kelliema u għall-kittieba u li l-użu ta' vokabolarju effettiv, dettalji sensorji u lingwa figurattiva huma karatteristiċi li jelevaw din l-għodda.

## 1.5. Xogħlijiet aktar riċenti dwar il-kitba deskrittiva

L-importanza tal-funzjoni deskrittiva kompliet tidwi tul is-snin. Minkejja l-għadd ta' snin li għaddew, il-qafas ta' dak kollu li ntqal fl-imgħoddi baqa' relevanti. L-awtur tal-kitba tal-waħx, Stephen King (2010, p. 173) jirrifletti fuq l-importanza tad-dettalji fid-deskrizzjonijiet biex jgħinu lill-qarrejja jivviżwalizzaw dak li qed jitwassal min-narratur. Dan il-punt jisħquh ukoll Spencer (2005 p. 8), Romano (2015 p. 25), Crowther, Curtright u Gilbert (2020) u Kramer (2021), fost oħrajn. Minbarra l-vjaġġ immaġinattiv li kapaċi tgħaddi lill-qarrejja minnu deskrizzjoni tajba, il-kitba deskrittiva kapaċi tgħaddi lill-kittieba stess minn kurituri ta' ħsibijiet distinti. Gallagher (2011 p. 41) esprima kif il-kitba deskrittiva twassal għal titjib fil-ħila tal-osservazzjoni u l-vokabolarju fost l-istudenti u l-kittieba. Atwell (2015 p. 57) temmen li l-użu tal-lingwa deskrittiva tgħin lill-istudenti u lill-kittieba jiżviluppaw il-vuċi tal-kitba tagħhom.

Kif issemma fis-sorsi tal-bidu, għadd ta' xogħlijiet riċenti jikkummentaw dwar il-karatteristiċi tal-kitba deskrittiva. Idea li baqgħet b'saħħitha hi dik li ssostni li kitba tista' ssir aktar deskrittiva bl-użu ta' tekniki speċifiċi. Fost dawn it-tekniki tispikka l-lingwa figurattiva, fejn il-kittieba, fost oħrajn, jagħmlu użu mill-metafora, mis-similitudni, mill-iperbole, mill-onomatopea u l-personifikazzjoni (Akerson & Young, 2005, pp. 40-41; Kramer, 2021). Il-lingwa figurattiva tgħin lill-kittieba jiżnu u jqisu sew il-kliem biex ikunu ċerti li jagħżlu l-kelma li toqgħod l-aħjar f'dak il-kuntest (Kramer, 2021).

Minbarra dawn it-tekniki hemm oħrajn li jikkontribwixxu għal-logħob tal-lingwa f'deskrizzjoni. Teknika prinċipali fid-deskrizzjoni hi l-użu tan-nomi, tal-verbi, u l-aġġettivi b'mod effettiv u korrett. Skont il-grammatika jeżistu għadd ta' kategoriji tal-aġġettiv li juru kwalitajiet differenti, fosthom dawk li jiddeskrivu d-daqs, id-dehra, l-għamla, it-togħma u l-istat (Scicluna, Agius, & Giordano, 2018, p. 265). Biex deskrizzjoni tkun tajba u preċiża, jeħtieġ li jiġu evitati dawk imsejħin deskrizzjonijiet vagi – aġġettivi li jistgħu jfissru affarijiet differenti għal nies differenti, ngħidu aħna: sabiħ, kbir, tajjeb u ħażin. It-tifsira ta' dawn l-aġġettivi tvarja minn suġġett għall-ieħor għax huma xi ftit jew wisq indeterminati (Akerson & Young, 2005, p. 43).

Nomi u verbi effettivi huma essenzjali biex il-kittieba jkunu jistgħu jpinġu stampa ċara lill-qarrejja tagħhom. In-nomi konkreti jistgħu jgħinu lill-qarrejja jivviżwalizzaw ix-xena u jibdew isawruha ftit ftit b'kull kelma qisha pinzellata fuq it-tila (Longknife & Sullivan, 2012, p. 103). Il-verbi attivi jiddeskrivu azzjonijiet u avvenimenti b'mod dinamiku, u b'hekk jistgħu joħolqu sens ta' moviment u progress fil-kitbiet (Longknife & Sullivan, 2012, p. 104). Verbi li jiddeskrivu l-ħames sensi jistgħu jkomplu jgħinu biex il-qarrejja ma jimmaġinawx biss x'hemm fix-xena, imma jħossuhom daqslikieku qegħdin hemm billi jimmaġinaw l-irwejjaħ, il-ħsejjes, u l-bqija (Longknife & Sullivan, 2012, p. 104).

Żewġ għodod oħra li jikkontribwixxu għal deskrizzjoni effettiva huma l-qwiel u l-idjomi. Il-qawl ġeneralment ikun ippreżentat f'għamla ta' sentenza qasira li ġġorr dehen b'rabta ma' tema partikolari (Aquilina, 1972, p. xii). Karatteristika tal-qwiel hi li twassal lill-qarrejja, jew lis-semmiegħa meta jingħadu, biex jaqraw bejn il-linji u b'hekk jieħdu messaġġ li donnu jingħadda lil min hu kapaċi jifhmu (Aquilina, 1972, p. xii). Allura dawn jagħtu aktar ħajja u karattru lid-deskrizzjoni li jkunu qed jagħmlu parti minnha. Bħall-qawl, l-idjoma wkoll tintensifika deskrizzjoni. L-idjoma hija

sekwenza ta’ kliem li tirrestrinġi ruħha semantikament u fil-maġġor parti sintattikament, u b’hekk din is-sekwenza titħaddem bħala unità waħda (Farrugia, 2019, p. 3). Is-sens individwali li jagħmel kull kelma ma jwassalx għat-tifsira sħiħa tal-espressjoni idjomatika (Crystal, 2007, pp. 180-181; Farrugia, 2019, p. 4).

Kitba deskrittiva effettiva tistrieħ fuq id-dettalji sensorji li jgħinu biex itejbu l-kitba. L-għan ta’ din it-teknika hu li jitpinġew stampi sħaħ minn angoli differenti li jappellaw għas-sensi kollha tal-qarrejja sabiex huma jkunu jistgħu jimmaġinaw li qegħdin fix-xena mal-karattri fil-plott jew inkella qed jarawha mill-viċin ħafna (Akerson & Young, 2005, pp. 40-41; Kramer, 2021).

Jista’ jingħad li permezz ta’ dawn it-tekniki vasti, id-deskrizzjoni tista’ titqies bħala fenomenu li jista’ jokkorri f’aktar minn forma waħda (Wolf & Bernhart, 2007, p. 3). Dawn l-argumenti jixhdu li kuntrarju għall-ħsieb ta’ ħafna, il-kitba deskrittiva mhix biss hi kitba skont is-sensi li tieħu l-ħajja biss permezz ta’ aġġettivi, iżda teħtieġ it-tħaddim ta’ għadd ta’ tekniki differenti, li flimkien jikkontribwixxu biex kitba tilħaq il-potenzjal kollu tagħha.

## 1.6. Il-kuntesti tal-kitba deskrittiva

Id-deskrizzjoni hi għodda prattika u effettiva li titħaddem f’għadd ta’ kuntesti differenti. Se tingħata ħarsa lejn kif titħaddem din il-funzjoni retorika f’xi wħud minn dawn il-kuntesti li jistgħu anki jieħdu s-sura ta’ ġeneri ta’ din l-istess funzjoni.
Diġà beda jingħata ħjiel li fil-qofol tal-parti l-kbira tad-diskors u l-kitbiet tal-bnedmin hemm id-deskrizzjoni. Il-bnedmin, b’mod naturali, iħossu din il-ħtieġa li jiddeskrivu: meta jirrakkontaw il-ġurnata li kellhom; meta jiddeskrivu lil xi ħadd li ltaqgħu miegħu; biex jitkellmu dwar oġġett li raw li għoġobhom; biex jgħidu x’qed iħossu, u aktar. Xi

kuntesti komuni li fihom tintuża l-kitba deskrittiva huma: fir-reklamar ta' xi prodotti, fil-proprjetà u fid-deskrizzjoni ta' oġġetti varji; fid-djarji; fil-ġurnaliżmu; u fil-kitba letterarja.

### *1.6.1. Il-kitba deskrittiva fir-reklamar*

Fir-reklamar tal-prodotti jkun hemm il-bżonn li jitniżżlu għadd ta' dettalji li jħajru lix-xerrejja potenzjali. Meta jkunu qed jirreklamaw jew jiddeskrivu prodott, il-bejjiegħa u l-pubbliċisti għandhom ikunu konxji tal-udjenza implikata minħabba li permezz t'hekk, id-deskrizzjoni tkun tista' tieħu xejra aktar personali (Yilmaz, 2019, p. 71). B'mod ġenerali, fid-deskrizzjoni għandha ssir enfasi fuq il-benefiċċji tal-prodott b'mod li x-xerrejja jħossu li jekk jixtru dan il-prodott itejbu aspetti minn ħajjithom. Minħabba li llum ħafna mir-reklamar isir b'mod diġitali, idealment jiġu identifikati u mmarkati xi kelmiet ewlenin li jkunu jistgħu jintużaw biex dak li jkun jikteb lilhom meta jiġi biex ifittex fuq is-siti soċjali (Yilmaz, 2019, p. 71).

Fejn jidħol reklamar għall-bejgħ ta' suq speċifiku bħalma hu tal-arti, id-deskrizzjoni tax-xogħol artistiku titqies importanti daqs ix-xogħol artistiku nnifsu (Bowkett, 2009, p. 132). Ir-raġuni għal dan hi li aktarx bnedmin li mhumiex daqshekk intiżi fl-arti ma jkunux jafu japprezzaw l-arti jekk iħarsu lejha biss, iżda jekk id-deskrizzjoni tal-arti tinkludi l-perjodu, l-istil u l-valur, dak li jkun isibha ħafna aktar faċli biex japprezzaha (Bowkett, 2009, p. 132). Deskrizzjonijiet ta' dan it-tip ġeneralment jinkitbu b'intenzjoni, bħal li: il-kittieba għandhom jimmaġinaw li dawk li se jixtru x-xogħol ma jarawx u allura jistgħu jħaddmu biss is-sensi li m'għandhomx x'jaqsmu mal-ħars; għandha tiġi deskritta l-burdata, stat emozzjonali; tul id-deskrizzjoni l-kittieba għandhom iżommu f'moħħhom li x-xerrejja implikati ma jafu xejn dwar l-arti allura l-

lingwa trid tkun imħaddma b'mod li ssaħħarhom; minħabba li l-arti hi xi ħaġa ħajja, għandhom jintużaw azzjonijiet biex jiddeskrivuha; m'għandux jiġi deskritt kulur mingħajr l-effett li dan iħalli.

Dan li ġej hu eżempju ta' deskrizzjoni li ntużat għal reklam għall-bejgħ ta' dar:

> Iddisinjata għad-divertiment, din id-dar tonda għandha kamra kbira ta' 24' x 24', b'soqfa ta' koppla b'tamboċċi ttundjati apposta li jifrex 5 piedi fid-dijametru. Fi ħdan dan id-disinn ittundjat, ser tesperjenza dak li l-ebda struttura kwadra jew rettangolari tipika ma tista' toffri. Jikkumplimentaw lil din l-istruttura hemm kċina b'armarju kulur iċ-ċirasa, uċuħ tal-granit, bibien Franċiżi, kamra tas-sodda prinċipali li għandha kamra tal-banju separata b'banju tal-idromassaġġi, doċċa separata, u gwardarobba walk-in. (specialfinds.com.mt, 2022)

Kif jidher f'dan l-eżempju, il-kittieb tar-reklam uża għadd ta' aġġettivi li jpinġu stampa ċara lix-xerrejja. Minbarra l-aġġettivi, il-kittieb għażel verbi b'saħħithom bħal "jikkumplimentaw" u "tesperjenza". Barra minn hekk, il-kittieb beda wkoll billi jpoġġi lix-xerrejja potenzjali f'kuntest, fejn irrimarka li din id-dar hi "ddisinjata għad-divertiment". Permezz ta' dan il-kumment u t-ton ottimist tar-reklam, ix-xerrejja jibdew b'immaġni pożittiva li tiddetermina l-burdata għall-kumplament tar-reklam.

### *1.6.2. Il-kitba deskrittiva fid-djarju*

F'dan il-kuntest, id-djarju jirreferi għal kull post fejn il-bnedmin jesprimu ruħhom dwar il-ġrajjiet personali tagħhom. Ħafna drabi jiġu deskritti sitwazzjonijiet, esperjenzi, persuni li jkunu parteċipi fihom u emozzjonijiet varji. Rainer (2004 p. 59) taqsam id-

djarju f'żewġ tipi prinċipali. L-ewwel tip, imsejjaħ old diary, jirreferi għal djarju li wħud ikollhom meta jkunu għadhom żgħar. Dan it-tip ta' djarju ġeneralment ikollu deskrizzjonijiet ta' sitwazzjonijiet sempliċi imma minħabba l-età, u allura l-iżvilupp konjittiv tal-kittieba, ma jkunx fih wisq dettalji u riflessjonijiet. It-tieni tip, imsejjaħ new diary, hu tip ieħor ta' djarju li jitħaddem minn kittieba daqsxejn akbar fl-età. Fin-new diary, il-kittieba jiktbu mingħajr ċensura dak li jkunu għaddejjin minnu: "free flowing, spontaneous and utterly honest journal" (Ranier, 2004 p. 60).

Jeżistu għamliet differenti tat-tieni tip ta' djarju. Hemm djarju tradizzjonali, li ġeneralment ikun jikkonsisti minn karti miġburin f'xi pitazz u kitba bl-idejn, u djarju modern jew virtwali li jista' jieħu sura f'forma ta' post fuq Facebook jew fuq Instagram, fost pjattaformi oħrajn (Vermeulen, Vandebosch & Heirman, 2018, p. 212). Il-mod kif jinkitbu d-deskrizzjonijiet li jsibu ruħhom fin-new diary jiddependi fuq min ikun jista' jaqrahom. Ngħidu aħna, jekk il-ħsus tal-ġurnata se jiġu kkomunikati fuq Facebook, aktarx li l-kittieba se jieħdu ħsieb li ma jidħlux f'wisq dettall fejn tidħol id-deskrizzjoni tal-persuni involuti minħabba li hemm iċ-ċans li l-istess persuni jaqrawhom. Mill-banda l-oħra, jekk id-djarju jkun b'mod aktar tradizzjonali, u allura ma jkunx hemm wisq nies li jaqrawh minbarra l-kittieba nfushom, hemm ċans li d-deskrizzjonijiet ikunu aktar iddettaljati u mirqumin (Vermeulen, Vandebosch & Heirman, 2018, p. 218). Barra minn hekk, jista' jkun li minħabba li posts fuq siti soċjali ġeneralment ikunu jimitaw it-taħdit ta' kuljum, jitmewwet l-użu ta' xi qwiel, idjomi u taħdit metaforiku fid-deskrizzjonijiet (Vermeulen, Vandebosch & Heirman, 2018, p. 218).

Dan li ġej hu eżempju ta' djarju mhux tas-soltu, miktub minn Trevor Żahra (1990). Dan l-eżempju letterarju jiġbor fih is-sempliċità tal-karatteristiċi tad-djarju, li jintuża biex il-kittieba jesprimu l-ħsus tal-ġurnata, mill-perspettiva ta' qattusa:

> It-Tnejn
>
> Għażiż djarju,
>
> Għamilt lejl m'għalaqtx għajn m'għajn. Il-qtates ta' ħdejna ħarġu jiġġerrew fuq il-bjut u riduni nilgħab magħhom. Qgħadna niġru wara xulxin u nilagħbu noli. Ħadna gost ħafna. Imma ħin minnhom il-qattus l-iswed baqa' dieħel ġo arblu tat-T.V. u weġġa' moħħu. Mort norqod meta beda jisbaħ u domt rieqda sa nofsinhar ...

F'dan l-eżempju l-qarrejja jaqraw deskrizzjoni ta' dak li ġara matul il-ġurnata. Anki f'test qasir bħal mhu dan, jixirfu tekniki deskrittivi bħalm'hi l-espressjoni "m'għalaqtx għajn m'għajn", verb speċifiku bħal "jiġġerrew", l-avverbju "ħadna gost ħafna" u l-aġġettiv "l-iswed".

### *1.6.3. Il-kitba deskrittiva fil-ġurnaliżmu*

Il-media llum mimlija bi stampi u ħsejjes imma l-pedament ta' kollox jinsab fid-deskrizzjoni. Minkejja x-xeni u r-ritratti li jkunu fil-headlines u t-thumbnails tal-artikli, dak li jkun xorta jfittex l-aħbar bil-kitba biex jifhem eżatt x'ġara (Cnox, 2018). Il-ġurnalisti jġorru responsabbiltà partikolari għal dak li jiktbu minħabba li kitbithom trid tirrifletti verità u preċiżjoni b'rabta ma' dak li jkun qed jiġi rrappurtat (Kille, 2009).

Anki minħabba l-kompetizzjoni ta' bejn il-kmamar tax-xandir, il-kitbiet tal-ġurnalisti jridu jinkitbu b'mod li jiġbdu għajn il-qarrejja biex jibqgħu jaqraw u jerġgħu jagħżlu li

jaqraw artikli tagħhom. Artiklu jew rapport effettiv jibda mill-fażi tat-tħejjija. Qabel il-kitba, il-ġurnalisti għandu jkollhom f'moħħhom tweġibiet ċari għall-mistoqsijiet: min? fejn? xiex? meta? u kif? (Cnox, 2018). Madankollu, id-deskrizzjoni ma tistax tkun waħda li twieġeb dawn il-mistoqsijiet fil-qosor imma jeħtieġ li tkun waħda li twieġeb f'ħafna dettall, bl-aktar mod ikkulurit possibbli mingħajr l-użu żejjed ta' għodod letterarji (Foroux, 2017). L-introduzzjoni, partikolarment, għandha tkun effettiva ħafna biex jirnexxilha żżomm lill-qarrejja jaqraw sal-aħħar (Foroux, 2017).

Dan li ġej hu eżempju ta' deskrizzjoni li ntużat għal rapport ta' persuna mitlufa:

> Pawlu Grech, 47, kien irrappurtat nieqes nhar l-14 t'Ottubru, 2013. Il-Pulizija qalet li l-aħħar li deher kien nhar l-10 t'Ottubru, 2013, għall-ħabta tas-6.30 p.m., f'Buġibba. Hu kien liebes jeans blu skur u qmis sewda bl-abjad jew blu bl-abjad u kien qed jagħmel użu minn Isuzu Gemini ta' kulur il-fidda bin-numru tar-reġistrazzjoni CBA 494, li s'issa għadha ma nstabitx. Is-Sur Grech huwa ta' statura medja. Il-pulizija qed tappella għal kull min għandu xi informazzjoni dwaru huwa ġentilment mitlub jgħaddiha lill-pulizija, anke b'mod kunfidenzjali, fuq in-numru 2122 4001 jew fl-eqreb għassa tal-pulizija. Ritratti tas-Sur Grech qed jiġi anness ma' din l-istqarrija stampa (Micallef, 2013).

Kif jidher f'dan l-eżempju, il-ġurnalist għamel użu minn għadd ta' aġġettivi li jiddeskrivu lill-persuna mitlufa minħabba li hu kruċjali li l-qarrejja tar-rapport ikollhom kemm jista' jkun dettalji dwarha. Fil-fatt, hemm użu spiss ta' kuluri – kemm tal-ilbies, kif ukoll tal-karozza, u anki sekwenza ta' żewġ aġġettivi bħal "blu skur". Il-ġurnalist hemeż ukoll ritratt tal-persuna mitlufa sabiex ikun aktar t'għajnuna. Permezz taż-żieda ta' dan ir-ritratt, il-ġurnalist kompla jidderieġi lill-qarrej fl-identifikazzjoni tal-

persuna l-mitlufa, xi ħaġa li ssir f'kuntest bħal dan iżda mhux f'kuntesti oħrajn bħal pereżempju dawk letterarji.

### *1.6.4. Il-kitba deskrittiva fil-letteratura*

Mil-lenti letterarja, deskrizzjoni tista' tiġi mfissra bħala "silta li tiġbor l-irqaqat dwar persuna jew qagħda, jew żmien, jew ambjent u l-bqija; it-tqegħid flimkien tax-xejriet li jistgħu jagħtu d-dehra ta' personaġġ jew qagħda u l-bqija" (Friggieri, 2010, p. 146). Dan l-element ivarja fl-importanza tiegħu fis-sens li jieħu suriet differenti skont ix-xejra tan-narratur (Friggieri, 2010, p. 146). In-narrazzjoni u d-deskrizzjoni jaħdmu id f'id u allura m'għandhomx jinżammu 'l bogħod minn xulxin. Iż-żewġ funzjonijiet isegwu lil xulxin u d-deskrizzjoni ma tbiddel xejn min-narrazzjoni fiha nnifisha, iżda l-bini ta' ambjent jew personaġġ jew sitwazzjoni ma jistax iseħħ mingħajr xi għamla ta' deskrizzjoni tagħhom (Friggieri, 2010, p. 146; Wolf & Bernhart, 2007, pp. 93-94).

Bħala funzjonijiet tad-deskrizzjoni fil-letteratura, id-deskrizzjoni tista' tgħin biex in-narrazzjoni tikseb is-sens tagħha; tkun id-definizzjoni stess ta' personaġġ (prospografija) u jkollha skop dekorattiv jew pittoresk (Friggieri, 2010, p. 146; Wolf & Bernhart, 2007, pp. 94). Fil-letteratura, l-ogħla grad li tista' tilħaq id-deskrizzjoni fil-poeżija jinkiseb meta l-kwadru deskritt isir kollu kemm hu metaforiku, għax jirrappreżenta jew jimplika xi ħaġa oħra li mhix deskritta (Friggieri, 2010 p. 149).

Dan li ġej hu deskrizzjoni tal-ambjent mill-'Preludju' ta' Pierre J. Mejlak (2009):

> Il-bibien infetħu bit-tisbita tas-soltu. Ħa nifs twil. Bilqiegħda ħdejh kien hemm wieħed b'riħa taqsam ta' ħalib maqtugħ. Imma ma marx sab post ieħor. Għax f'għajnejn ir-raġel bir-riħa tal-ħalib maqtugħ kien hemm ħarsa ta' xi ħadd

> konxju mir-riħa li bħal donnu kien qed jipprova jitgeddes biex jagħlaqha kemm jista' ġo fih. U allura ssaporta. Imma meta l-bieb infetaħ, ħareġ u ġera (p. 1).

F'dan l-eżempju Mejlak jisfrutta t-tekniki deskrittivi. F'dan l-ispazju ċkejken, l-awtur jirreferi għal tlieta mill-ħames sensi: is-smigħ – "il-bibien infetħu bit-tisbita tas-soltu"; ix-xamm – "riħa taqsam ta' ħalib maqtugħ"; u l-ħars – "ħarsa ta' xi ħadd konxju". L-awtur jagħmel użu mill-aġġettivi "twil" u "maqtugħ" biex jintensifika d-deskrizzjonijiet tiegħu. Il-kittieb juża aktar minn verb wieħed biex ikollu deskrizzjoni aktar preċiża, effettiva u mmovimentata fil-qarrejja: "l-bieb infetaħ, ħareġ u ġera".

> Din li ġejja hi poeżija 'Il-Ktieb Tiegħi' ta' Immanuel Mifsud (2021):
>
> Il-Ktieb Tiegħi
>
> Ġo dal-ktieb jikbruli l-fjuri,
> jien u naqra jibda jfuħ.
> Ktieb tal-fwieħa, tal-kuluri,
> sħabi kollha jixtiquh.
>
> Għandu qoxra fil-kannella,
> paġni bojod ġiżimina,
> fuq quddiem hemm sardinella
> u fuq wara settembrina (p. 3).

F'din il-poeżija miktuba għat-tfal, Mifsud jiddeskrivi ktieb. Fid-deskrizzjoni tiegħu, il-poeta juża metafora "jikbruli l-fjuri", jirreferi għas-sens tal-ħars meta jiddeskrivi, permezz ta' aġġettivi, kif jidher il-ktieb "għandu qoxra fil-kannella / paġni bojod ġiżimina" u għas-sens tax-xamm "jien u naqra jibda jfuħ", kif ukoll jispjega b'mod ċar fejn jistgħu jinsabu dawn l-affarijiet li qed jiddeskrivi "fuq quddiem", "fuq wara".

Din li ġejja hi silta minn poeżija ‘In-naxra’ ta’ Mary Meylak (f’Portelli, 2021):

> In-naxra
>
> ...
>
> Mar-riħ, iperpru, iperpru,
> iz-ziju Naz bil-qmis
> Toninu b’libsa roża
> u Ġanni b’qalziet griż.
>
> Iperpru, iperpru, iperpru,
> kulħadd minfuħ bħal qlugħ,
> jixxenglu u jitbandlu
> la ġisem u anqas ruħ (p. 26).

F’din is-silta, Meylak tiddeskrivi l-ħwejjeġ li tagħtihom il-ħajja permezz tat-tekniki ta: l-alliterazzjoni “iperpru, iperpru”, “iz-ziju Naz”; l-użu ta’ aġġettivi “griż”, “roża”; l-użu ta’ verbi speċifiċi u effettivi “jixxenglu”, “jitbandlu” u anki l-użu tas-similitudni “minfuħ bħal qlugħ”. Permezz ta’ dawn it-tekniki, fi spazju biss ta’ żewġ strofi, Mary Meylak, bħal Immanuel Mifsud u Pierre J. Mejlak, teżemplifika kif bil-kitba deskrittiva, kull oġġett ordinarju jista’ jieħu sura oħra.

## 1.7. It-tagħlim tal-kitba deskrittiva

Biż-żmien, issawru għadd ta’ ideat kif dan kollu jista’ jiġi mgħallem. Se tingħata ħarsa lejn xi ideat u metodi ta’ tagħlim li jistgħu jintużaw waqt il-lezzjonijiet tal-kitba, u mbagħad lejn it-tagħlim tal-kitba deskrittiva nnifisha.

### *1.7.1. Ideat għat-tagħlim tal-kitba*

Jeżistu żewġ metodi prinċipali li jintużaw fil-klassijiet għat-tagħlim tal-kitba (Calkins, 2020, p. 21; White & Arndt, 1997, p. 3). L-ewwel metodu jenfasizza l-prodott aħħari. It-tieni metodu ta' tagħlim, jagħti aktar importanza lill-kitba bħala proċess, jiġifieri t-traġitt li jgħaddu minnu l-kittieba waqt il-kitba.

Il-metodu ta' tagħlim li jiffavorixxi l-prodott aħħari hi pedagoġija li jħaddnu għadd ta' edukaturi. F'dan il-metodu ta' tagħlim, l-istudenti huma ppreżentati b'ġeneru partikolari bħala mudell u flimkien mal-għalliema, joftquh biex janalizzaw il-karatteristiċi tiegħu (Calkins, 2020, pp. 21-22). L-għalliema mbagħad tenfasizza l-karatteristiċi ta' dak il-ġeneru u l-istudenti jintalbu jimitaw dan il-mudell bil-karatteristiċi kollha tiegħu (Calkins, 2020, pp. 21-22; Lapp & Flood, 1993, p. 255). Dan il-mudell fih il-vantaġġ li l-istudenti jkollhom gwida u pass meqjus tul il-fażi tal-kitba iżda ma jagħtix wisq spazju għall-kreattività (Grossmann, 2009, p. 5). Din il-pedagoġija tistrieħ fuq strutturi fissi f'mudelli ta' ġeneri partikolari iżda mhux kull ġeneru għandu forma definita (Grossmann, 2009, p. 5). Filwaqt li din il-pedagoġija tkun ideali għall-ġeneri bħalm'huma r-rapporti u l-ittri, ġeneri bħall-poeżiji, ċajt, reċensjonijiet u djalogi, fost oħrajn huma fluwidi u mhux faċli timitahom.

Il-metodu ta' tagħlim li jenfasizza lill-proċess tal-kitba kiseb il-popolarità wara li xi pedagoġisti wrew kif it-tagħlim tal-kitba kellu jmur lil hinn mill-prodott aħħari biex jaqdi aħjar il-ħtiġijiet tal-istudenti (Atwell, 1998, p. 40; White & Arndt, 1997, p. 3). Dan il-proċess meqjus aktar li jżomm lill-istudent fiċ-ċentru minħabba li jemmen li t-tagħlim mill-għalliema u t-tagħlim tal-istudenti għandhom jimxu fi sħubija fejn il-parteċipanti jkollhom sehem kumplimentari (Grossmann, 2009, p. 5; White & Arndt, 1991, p. 3).

Din il-pedagoġija tħalli lill-istudenti jiżviluppaw il-proċess tagħhom tal-kitba, flimkien mal-istil u mal-vuċi tagħhom (Calkins, 2020, p. 28). Il-mudell tal-proċess tal-kitba l-aktar magħruf hu dak li ppropona Graves (1983) li fih ħames stadji: il-fażi ta' qabel il-kitba jew it-tħejjija; il-fażi tal-kitba; l-iċċekkjar u fejn meħtieġ il-kitba mill-ġdid; l-editjar; u l-fażi ta' wara l-kitba jew il-pubblikazzjoni (Lapp & Flood, 1993, pp. 255-256). Uħud komplew jibnu fuq dan il-mudell u allura jeżistu xi varjazzjonijiet aktar riċenti tiegħu, ngħidu aħna hemm proċess tal-kitba li fih seba' stadji: l-għażla tas-suġġett; il-ġbir tal-ideat; l-organizzazzjoni tal-ideat; il-kitba tal-ewwel verżjoni; ir-reviżjoni; l-editjar; il-kitba tal-verżjoni finali; u l-pubblikazzjoni (Calkins, 2020, pp. 28-29). Dawn l-istadji mhux bilfors jimxu wara xulxin bħala riċetta fissa (Lapp & Flood, 1993, p. 255), anzi l-għalliema għandhom jiddeċiedu s-sekwenza ideali għall-istudenti tagħhom (Calkins, 2020, p. 30).

### *1.7.2. Ideat għat-tagħlim tal-kitba deskrittiva*

Il-kitba deskrittiva tiġi mgħallma għal għadd ta' raġunijiet. Il-funzjoni retorika tad-deskrizzjoni tħeġġeġ lill-istudenti jkunu aktar kreattivi u jesprimu lilhom infushom b'mod uniku, kif ukoll tgħin fl-iżvilupp tal-ħiliet komunikattivi tagħhom (Graham & Perlin, 2007; Werner 2021). Il-kitba deskrittiva hi waħda mill-funzjonijiet retoriċi li fiha l-qarrejja josservaw, jaħsbu b'mod kritiku, iħossu, janalizzaw id-dettalji u jirreaġixxu (Graham & Perlin, 2007; Graves, 1994; Werner, 2021). Matul iż-żmien, għadd ta' pedagoġisti ppropnew mudelli u strateġiji għat-tagħlim tal-kitba deskrittiva fil-klassi.

Calkins (1994 p. 362) tisħaq li t-tagħlim tal-kitba deskrittiva għandu jdur mal-lingwa sensorja. Hi temmen li kitba deskrittiva tajba għandha tappella għas-sensi u għall-emozzjonijiet tal-qarrejja. Dan it-tagħlim għandu jsir b'mezz li hu relevanti għall-

istudenti, f'kuntesti li ġieli jkunu ltaqgħu magħhom jew li beħsiebhom jiltaqgħu magħhom fil-ħajja. Calkins (1994 p. 365) tħeġġeġ lill-għalliema biex jipprovdu opportunitajiet ta' feedback għall-istudenti tagħhom biex jorqmu x-xogħol tagħhom.

Graves (1994, p. 11) jiddiskuti l-importanza tat-tagħlim tal-kitba deskrittiva għall-iżvilupp tal-ħiliet tal-osservazzjoni permezz tal-mudelli. L-għalliema jistgħu janalizzaw eżempju deskrittiv u joftqu t-tekniki li ntużaw, biex aktar tard jippruvaw jagħmlu użu minnhom huma (Graves, 1994, pp. 30-33). Graves (1994, p. 33) jissuġġerixxi wkoll tagħlim barra mill-klassi biex l-istudenti jkunu jistgħu jesperjenzaw is-sensi sew qabel ma jinsġuhom f'kitbiet.

Johennessen (1995 p. 12) jemmen li t-tagħlim tal-kitba deskrittiva għandha tinqasam fi stadji differenti. L-ewwel istadju sejjaħlu attivitajiet qabel il-kitba. Dawn l-attivitajiet għandhom iqisu lill-istudenti fiċ-ċentru sabiex huma jkunu jistgħu jiskopru l-effetti u t-tekniki li hemm bżonn f'kitba deskrittiva. Ngħidu aħna, minflok li l-għalliema jfissrulhom xi tkun similitudni, juruhom eżempji ta' kitbiet deskrittivi li jkun fihom similitudnijiet b'kuntrast ma' siltiet li ma jużawx similitudnijiet. B'hekk l-istudenti jifhmu mal-ewwel l-effett li jħallu s-similitudnijiet f'dawn il-kitbiet (Johannessen, 1995, p. 14). Għal Johannessen (1995, p. 14), l-istadju li jiġi wara l-kitba hu l-evalwazzjoni tal-kitba skont kriterji. Din l-evalwazzjoni idealment tkun bejn l-imsieħba tal-klassi. L-aħħar stadju f'dan il-proċess hu li l-istudenti jirrevedu xogħolhom skont il-kriterji mogħtija mill-għalliema. F'dan l-istadju l-istudenti jkunu qed jitgħallmu min-nuqqasijiet tagħhom u jimmaturaw bħala kittieba (Johannessen, 1995, p. 20).

McCarthy (1998, p. 6) targumenta li m'hemmx bżonn li t-tagħlim tal-kitba deskrittiva jimxi dejjem ma' proċess, iżda hemm xi għanijiet u tekniki li l-għalliema għandhom

iwasslu lill-istudenti għalihom waqt il-lezzjonijiet, għax mingħajrhom il-kitba deskrittiva ma tkunx ta' kwalità. Dawn it-tekniki huma: vokabolarju mifrux; il-kapaċità li jkunu jafu jqabblu permezz tal-lingwa figurattiva; u l-ħila li jkunu kapaċi jiffukaw fuq dettalji żgħar fid-deskrizzjonijiet tagħhom (McCarthy, 1998, p. 6).

Ix-xogħol ta' Spencer (2005, p. 45) jipprovdi mudell, għat-tagħlim tal-kitba deskrittiva li jirreferi għalih bħala SFV – (s)ensory details, (f)igurative language u (v)ivid words. Dan il-mudell fih tliet stadji: il-kitba ħielsa (free-writing) li hu magħmul mill-ħsieb u l-organizzazzjoni tal-ideat; waqt il-kitba (whilst-writing) li fih il-kittieba għandhom jagħmlu biċ-ċert li jkunu missew mad-dettalji sensorji, mal-lingwa figurattiva u ma' kliem effettiv; u wara l-kitba (post-writing) li jinvolvi l-editjar u l-preżentazzjoni (Spencer, 2005, p. 48). Dan il-mudell jinseġ fih dak li mir-riċerka hu meqjus bħala neċessarju biex kitba deskrittiva tkun ta' livell għoli. Barra minn hekk, hu mudell li jintrabat sfiq mal-istadji tal-proċess tal-kitba.

## 1.8. Konklużjoni

Dan il-kapitlu ħares lejn il-ħila tal-kitba fil-kuntest tal-litteriżmu u bħala ħila indipendenti. Ġew diskussi xogħlijiet bikrin u wħud aktar riċenti li fittxew li joftqu l-kitba deskrittiva biex jispjegaw dak kollu li hemm maħżun f'din il-funzjoni retorika. Ġew diskussi b'eżempji xi kuntesti ewlenin li fihom tintuża b'saħħa l-kitba deskrittiva bil-għan li l-qarrejja japprezzaw il-kumplessità ta' dan it-tip ta' kitba. Fl-aħħar, ġie diskuss kif dan kollu li ntqal jista' jidħol fil-kwadru tal-klassi permezz ta' metodoloġiji u mudelli differenti.

# Kapitlu 2: Il-kitba deskrittiva f'kuntest edukattiv

## 2.1. Introduzzjoni

Filwaqt li fl-ewwel kapitlu ġiet esplorata n-natura tad-deskrizzjoni u postha fil-ħajja ta' kuljum, f'dan il-kapitlu se tiġi mistħarrġa d-deskrizzjoni b'referenza speċifika għas-sehem tagħha fis-sistema edukattiva. Se tingħata ħarsa lejn is-sehem tal-kitba deskrittiva f'kurrikula barranin u lejn dak Malti, kif ukoll lejn xi riżorsi li jirfdu t-tagħlim tagħha.

## 2.2. It-tfassil ta' sillabu

Il-vjaġġ ta' żvilupp ta' sillabu għandu jitlaq mill-identifikazzjoni tal-għanijiet tal-kors. Dawn l-għanijiet għandhom ikunu "specific, measurable, achievable, relevant and time-bound" (Dee Fink, 2013, p. 56; Ramsdan, 2003, p. 119). Wara li jkun hemm stampa ċara tal-għanijiet, ikun meħtieġ li jitħejja l-kontenut f'forma ta' temi jew topiks, kif ukoll jintgħażlu kotba u riżorsi oħrajn biex jintużaw fil-proċess tat-tagħlim (Dee Fink, 2013, p. 57; Ramsdan, 2003, p. 119). Fil-proċess tat-tfassil ta' sillabu għandu jingħata prijorità wkoll lill-metodi tal-assessjar u l-evalwar tal-kontenut imħejji (Ramsdan, 2003, p. 121). Meta wieħed jiġi biex jiżviluppa sillabu, jagħmel tajjeb li jikkonsulta sillabi tal-istess suġġett u/jew tip biex jieħu xi ideat (Nilson, 2010, p. 38). Dan kollu jeħtieġ reviżjoni kontinwa għall-fini tat-tirqim u l-konsistenza (Nilson, 2010, p. 39).

## 2.3. Il-kurrikula ta' xi sistemi edukattivi barranin

Din it-taqsima se tħares lejn tliet sillabi barranin rikonoxxuti: dak Ingliż u wieħed mill-Kanada. Ġie deċiż li jiġu trattati żewġ sillabi biex issir analiżi komparattiva, fejn is-similaritajiet u d-differenzi jkunu jistgħu jiġu mistħarrġa f'dettall.

### *2.3.1. Xi ideat mill-kurrikulu tal-Ingilterra (2014)*

Fil-programm tal-istudju tal-kitba tal-Key Stages 1 u 2, il-kitba tinqasam fi tnejn – it-traskrizzjoni (ortografija u kaligrafija) u l-kompożizzjoni (l-artikulazzjoni tal-ideat u l-istrutturar tagħhom). Dan id-dokument jisħaq li hu essenzjali li t-tagħlim irawwem fl-istudenti l-kompetenza f'dawn iż-żewġ dimensjonijiet. L-istudenti għandhom jiġu mgħallma kif jippjanaw, jirrevedu u jevalwaw il-kitbiet tagħhom (Department for Education, England, 2014). Minn din l-istqarrija hu evidenti li dan hu s-sies tal-proċess tal-kitba, u allura l-kitba fis-sillabu Ingliż hi mqassma skont dan l-istess proċess.

L-għanijiet li jittrattaw direttament it-tagħlim tal-kitba deskrittiva bħala funzjoni ta' kitba huma miġburin f'Tabella 1:

| Is-sena | L-għanijiet marbuta mal-kitba deskrittiva |
|---|---|
| **Key Stage 1**<br>L-ewwel sena | L-istudenti għandhom jagħtu deskrizzjonijiet strutturati b'mod tajjeb, spjegazzjonijiet u narrattivi għal skopijiet differenti, fosthom l-espressjoni tal-emozzjonijiet tagħhom. |
| **Key Stage 1**<br>It-tieni sena | L-istudenti għandhom jiktbu dwar avvenimenti reali.<br>L-istudenti għandhom jiktbu poeżiji.<br>L-istudenti għandhom jiktbu għal skopijiet differenti.<br>L-istudenti għandhom iniżżlu ideat u/jew kliem prinċipali li jinkludi vokabolarju. |
| **Key Stage 2**<br>It-tielet u r-raba' sena | L-istudenti għandhom joħolqu karattri, ambjent u plott f'kitbiet narrattivi u jużaw organizzazzjoni sempliċi (pereżempju titli u sottotitli) f'kitbiet li mhumiex narrattivi. |
| **Key Stage 2**<br>Il-ħames u s-sitt sena | Fil-kitbiet narrattivi l-istudenti għandhom jiddeskrivu l-ambjent, il-karattri u l-atmosfera, kif ukoll jintegraw id-djalogu.<br>L-istudenti għandhom jipproponu bidliet fil-vokabolarju, fil-grammatika u fil-punteġġjatura sabiex jagħmlu kitbiethom aktar effettiva. |
| **Key Stage 3**<br>Mis-seba sad-disa' sena | L-istudenti għandhom iduru fuq l-għarfien tagħhom dwar il-mekkaniżmi letterarji u retoriċi li jkunu kisbu mill-qari u s-smigħ sabiex itejbu l-kitba tagħhom. |
| **Key Stage 4**<br>L-għaxar u l-ħdax-il sena | L-istudenti għandhom jiktbu għal skopijiet u udjenzi varji: jiddeskrivu, jirrakkontaw, jispjegaw, u jargumentaw. |

*Tabella 1: Ħarsa lejn l-għanijiet tal-kitba deskrittiva fil-Key Stages (2014)*

Il-Key Stages (2014) ma jispeċifikawx għadd ta' kliem partikolari għax-xogħol li għandu jingħata għall-assessjar jew għax-xogħol għad-dar. L-għalliema jistgħu jagħżlu li jagħtu gwida għall-għadd ta' kliem lill-istudenti tagħhom skont il-ġudizzju personali tagħhom.

In-National Association for the Teaching of English (NATE, 2015, p.3) temmen li l-Key Stages jipprovdu qafas utli b'objettivi ċari għat-tagħlim tal-ħiliet tal-lingwa. Id-

Dipartiment tal-Edukazzjoni tal-Ingilterra (2013, p. 5) jistqarr li s-sillabu tal-Key Stages jipprovdi l-għarfien essenzjali li għandhom bżonn l-istudenti biex ikunu ċittadini edukati u jżid li l-programmi ta’ studju tat-tagħlim tal-kitba huma impenjattivi sa mill-bidu.

Il-Key Stages jipprovdu qafas organizzat iżda l-objettivi speċifiċi tal-Key Stages jistgħu jwasslu għal tagħlim ta’ kitba li jkun nieqes għalkollox mill-kreattività u l-ħsieb kritiku (Dombey, 2016, p.3). Cremin (2022, pp. 21-23) tistqarr li l-Key Stages huma organizzati u huma utli għall-għalliema iżda targumenta li r-riġidità tas-sillabu qed jillimita l-kreattività u l-espressjoni fost l-istudenti. Minkejja din l-organizzazzjoni, f’Key Stage 1, il-kisbiet dwar il-kitba ta’ komponiment mhumiex dettaljati u m’hemmx referenza għall-ġeneri li għandhom jitgħallmu l-istudenti (Richmond, 2016, p. 8).

Clark (2015, p. 11) jispjega li l-qafas tal-Key Stages jillimita partikolarment il-kreattività fil-kitba deskrittiva. Clark jissuġġerixxi li għandu jkun hemm spazju għall-istudenti biex jesperimentaw bil-lingwa u bl-istruttura tas-sentenzi. L-għalliema jistgħu jagħtu opportunitajiet lill-istudenti biex jagħmlu dan fil-kitba deskrittiva billi jipprovdu modalitajiet differenti, fosthom il-viżwal u l-media diġitali (Clark, 2015, p. 12).

Minn dawn l-argumenti, kif ukoll minn dak li jidher f’Tabella 1, jidher li ftit li xejn hemm għanijiet li jirreferu għall-kitba deskrittiva u kif l-istudenti għandhom jiġu mgħallma x’inhuma u kif iħaddmu l-karatteristiċi tagħha. Kif jirreferi Friggieri (2010, p. 146) meta jiġi biex jiddefinixxi n-narrazzjoni, fil-kuntest Ingliż, il-kitba deskrittiva qed tissemma f’kuntest fejn din tkun bħala forma t’għodda biex ittejjeb in-narrazzjoni (Wolf u Bernhart, 2007).

Fil-Key Stages, l-istudenti huma mitluba jirrevedu kitbiethom sa mill-ewwel stadji, jiġifieri mit-tieni sena tagħhom l-istudenti jibdew jitħarrġu biex jirriflettu dwar il-lingwa li jkunu qed jużaw. Il-bidliet li huma mitlubin jagħmlu fil-vokabolarju biex jikkalibraw kitbiethom jimplikaw l-użu ta' tekniki deskrittivi bħal aġġettivi u verbi effettivi. Dawn il-bidliet huma gradati. Kif jista' jiġi nnotat, f'Key Stage 3, l-istudenti jiġu mgħallma kif iduru fuq l-għarfien tagħhom dwar il-mekkaniżmi letterarji u retoriċi li jkunu kisbu mill-qari u s-smigħ sabiex itejbu l-kitba tagħhom. Dan juri li ta' din l-età l-istudenti mistennija jisfruttaw tekniki deskrittivi aktar kumplessi.

### *2.3.2. Xi ideat mill-kurrikulu tal-Kanada (2006)*

Is-Sillabu ta' Ontario (2006) qiegħed imqassam b'mod li l-ewwel jindirizza għadd ta' għanijiet li għandhom jintlaħqu fi tmiem is-sena skolastika rispettiva u warajhom, imbagħad, jagħti għadd ta' sottoħiliet li għandhom jintlaħqu biex jinkiseb l-għan aħħari. Ngħidu aħna, għan numru wieħed (1) ikun li 'l-istudenti għandhom ikunu kapaċi jagħrfu testi varji'. Wara li jissemma dan l-għan jingħataw għadd ta' sottoħiliet pereżempju '1.1 Jaqraw testi letterarji differenti li jinkludu stejjer fittizji u testi mhux letterarji fosthom kalendarji' sabiex iservu ta' gwida għall-għalliema. Meta jiġi għas-sottoħiliet b'rabta mal-kitba, is-Sillabu jerġa' jinqasam skont il-proċess tal-kitba, jiġifieri l-istruttura, il-vuċi, l-għażla tal-kliem, ir-ritmu, il-perspettiva, ir-reviżjoni, il-vokabolarju, il-grammatika, u l-pubblikazzjoni (Department for Education, Ontario, 2006).

| Is-sena | L-għanijiet marbuta mal-kitba deskrittiva |
|---|---|
| **Grade 1**<br>L-istruttura | Jiktbu siltiet qosra bl-użu ta' strutturi sempliċi (eż. dwar esperjenzi personali). |
| **Grade 2**<br>L-istruttura | Jiktbu siltiet qosra bl-użu ta' strutturi sempliċi (eż. riċetta li tiddeskrivi l-proċedura tat-tisjir, paragrafu li jiddeskrivi l-karatteristiċi fiżiċi ta' annimal, reklam għal ġugarell partikolari). |
| **Grade 3**<br>L-istruttura | Jiktbu siltiet qosra bi tħaddim ta' ġeneri ta' kitba differenti (eż. ġrajjiet li jinkludu ritratti jew tpinġijiet u captions; ittri li jiddeskrivu). |
| **Grade 4**<br>L-istruttura | Jiktbu aktar siltiet qosra bi tħaddim ta' ġeneri ta' kitba differenti (eż. storyboard bl-użu ta' captions u ritratti; reċensjoni ta' ktieb jew sit). |
| **Grade 5**<br>L-istruttura | Jiktbu kitbiet itwal u aktar kumplessi bi tħaddim ta' ġeneri ta' kitba differenti (eż. captions; reċensjoni jew kummentarju ta' ktieb, film jew logħba). |
| **Grade 5**<br>L-għażla tal-kliem | Jużaw xi espressjonijiet grafiċi u/jew lingwa figurattiva biex iżidu l-interess tal-qarrejja. |
| **Grade 6**<br>L-għażla tal-kliem | Jużaw xi espressjonijiet grafiċi u/jew lingwa figurattiva biex iżidu l-interess tal-qarrejja. |
| **Grade 9**<br>L-istruttura | Jiktbu għal skopijiet u udjenzi differenti bl-użu ta' diversi forom letterarji, informattivi u grafiċi (eż. poeżija ispirata minn passaġġ deskrittiv). |
| **Grade 9**<br>It-tip ta' kliem | Jużaw kelmiet deskrittivi u evokattivi, frażijiet u espressjonijiet biex jagħmlu kitbithom ċara u grafika. |

*Tabella 2: Għażla ta' għanijiet tal-kitba deskrittiva misjuba fis-Sillabu ta' Ontario (2006)*

Dan is-sillabu (2006) ma jispeċifikax l-għadd ta' kliem partikolari għax-xogħol li jingħata jew għall-assessjar. L-għalliema jistgħu jagħżlu li jagħtu gwida għall-għadd ta' kliem lill-istudenti tagħhom skont il-ġudizzju personali tagħhom.

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni ta' Ontario (2006) jemmen li s-sillabu implementat qed iwassal lill-istudenti għal dak li hu essenzjali biex isiru ċ-ċittadini responsabbli

t'għada, jiġifieri qed jipprovdi l-ħiliet neċessarji biex l-individwi jkunu infurmati tajjeb u jaħsbu b'mod kritiku. B'rabta mal-kitba deskrittiva, jidher li dan is-sillabu jibda jħarreġ lill-istudenti fit-tekniki u fl-istrateġiji tal-kitba deskrittiva mill-bidu u jidentifika ġeneri deskrittivi, bħalm'huma d-djarju, il-poeżiji u r-rapporti, fil-livelli bikrin tal-istudenti.

Is-sillabu ta' Ontario (2006) huwa mfaħħar għall-organizzazzjoni u d-dettall tiegħu iżda skont Graham (2012), uħud jargumentaw li jenfasizza wisq il-kitba skont formola fissa. Huma jemmnu li, fit-tul, dan iwassal għal nuqqas ta' kreattività u nuqqas ta' ħsieb kritiku minħabba li l-istudenti ma jkunux qed jaħsbu lil hinn minn dak li jkunu qed jaraw fil-mudell tal-ġeneru li jingħataw (Graham, 2012).

Nuqqas ieħor li jinħass dwar is-sillabu ta' Ontario (2006) hu li ma ġiex aġġornat għad-dinja diġitali tal-lum (McGarth, 2019). Aktar ma jgħaddi żmien, aktar qed tiżdied il-komunikazzjoni diġitali u s-sillabu implimentat mhux qed jagħti biżżejjed attenzjoni għall-ħiliet ta' kitba diġitali bħal, pereżempju, kitbiet għall-media soċjali (McGarth, 2019).

## 2.4. Is-sillabu ta' Malta għall-iskejjel tal-Istat

Is-Sillabu tal-Malti (Dipartiment tal-Kurrikulu, b.d.), hu maqsum f'ħiliet u f'oqsma differenti tal-lingwa skont il-livell akkademiku. Is-Sillabu tal-Malti (Dipartiment tal-Kurrikulu, b.d.) hu mfassal b'rabta mal-*Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd f'Malta u Għawdex* (2019).

### *2.4.1. L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu (2019)*

*L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd f'Malta u Għawdex* (2019) tmexxi 'l quddiem il-filosofija magħrufa bħala 'Litteriżmu Bilanċjat' fejn l-aspetti tekniċi tal-qari, il-kitba, it-taħdit u s-smigħ jiġu mgħallma f'kuntest li l-istudenti jagħmlu sens mit-testi li jkunu qegħdin jaqraw u/jew jiktbu (L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2019, p. 8).

Din il-filosofija tenfasizza l-immudellar u l-gwida tal-għalliema li tiġi mnaqqsa gradwalment sakemm l-istudenti jitgħallmu jaħdmu b'mod indipendenti. Il-litteriżmu bbilanċjat jgħaqqad il-qari u l-kitba flimkien fil-mod li jekk l-istudenti se jkunu qed jaħdmu fuq ġeneru ta' kitba partikolari, qabel ma jibdewh u anki waqt li jkunu qed jagħmluh, se jkunu qed jaqraw dan il-ġeneru biex b'hekk ikunu esposti għalih u josservaw ċerti karatteristiċi li mbagħad ikunu jistgħu japplikawhom fil-kitbiet tagħhom (Wharton-McDonald, Pressley, & Rankin, 1997, pp. 519-521).

Dan il-mudell fih bosta vantaġġi għall-istudenti. Il-litteriżmu bbilanċjat jenfasizza l-qari u l-kitba b'mod awtentiku (Tompkins, 2021, p. 20). Dan jgħin lill-istudenti jaraw il-valur u r-relevanza tal-qari u tal-kitba fil-ħajja ta' kuljum. Vantaġġ ieħor hu li jiżviluppa strateġiji differenti tal-qari u tal-kitba (Tompkins, 2021, p. 20). B'dan il-mod l-istudenti jkunu jistgħu jaqraw, jifhmu u jinterpretaw b'modi differenti. Il-mudell tal-litteriżmu bbilanċjat iħejji lill-istudenti għal qari u kitba b'mod indipendenti li huma essenzjali għat-tagħlim tul il-ħajja. Il-mudell jippromwovi wkoll il-ħidma kollaborattiva, li tgħin lill-istudenti jiżviluppaw ħiliet soċjali u komunikattivi, il-flessibilità, li tħalli lill-għalliema jsejsu l-kontenut b'mod individwali skont il-bżonnijiet tal-istudenti, kif ukoll l-

involviment attiv tal-istudenti minħabba l-varjazzjonijiet fil-fażijiet tal-mudell kollu (Tompkins, 2021, p. 21).

### *2.4.2. Il-kitba deskrittiva fil-Kurrikulu Malti*

Tabella 3 turi l-għanijiet fis-Sillabu ta' Malta mill-iskola Primarja sas-Sekondarja b'rabta mal-kitba deskrittiva.

| **Is-sena** | **L-għanijiet marbuta mal-kitba deskrittiva** |
|---|---|
| **L-ewwel sena**<br>(Il-livell 4) | Ma hemmx referenzi għal għanijiet marbuta mal-kitba deskrittiva. |
| **It-tieni sena**<br>(Il-livell 4) | Ma hemmx referenzi għal għanijiet marbuta mal-kitba deskrittiva. |
| **It-tielet sena**<br>(Il-livell 5) | K5: Nikteb captions taħt ritratti u stampi fuq nies u ħwejjeġ li nara madwari. |
| **Ir-raba' sena**<br>(Il-livell 5) | K4: Nikteb testi fattwali ta' mhux inqas minn 70 kelma b'tagħrifiet fuq fejn ngħix jien, il-persuni li nħobb u annimali, passatempi, festi u l-bqija.<br>K6: Inżomm djarju bil-ġrajjiet tal-ġurnata l-aktar importanti għalija. |
| **Il-ħames sena**<br>(Il-livell 6) | K4: Nikteb captions konċiżi għal ritratti, stampi, komiks, cartoons u l-bqija u fihom nuri li fhimt il-messaġġ jew il-ġrajja storika jew attwali li jkunu qed juru. |
| **Is-sitt sena**<br>(Il-livell 6) | K7: Nikteb taqbiliet u poeżiji sempliċi ta' strofa waħda jew aktar fuq affarijiet, nies, ġrajjiet, postijiet u l-bqija.<br>K11: Inżomm fi djarju l-ġrajjiet l-aktar importanti tal-ġurnata u nagħti l-opinjonijiet tiegħi fuqhom. |
| **Is-seba' sena**<br>(Il-livell 7) | <u>Rotta 1</u><br>K3: Nikteb captions konċiżi għal ritratti, stampi, komiks, |

| | |
|---|---|
| | cartoons u l-bqija u fihom nuri li fhimt il-messaġġ jew il-ġrajja storika jew attwali li jkunu qed juru.<br>K7: Inżomm fi djarju/journal il-ġrajjiet l-aktar importanti tal-ġurnata u nagħti l-opinjonijiet tiegħi fuqhom.<br><u>Rotot 2 u 3</u><br>K3: Nikteb captions konċiżi għal ritratti jew stampi ta' ġrajjiet u avvenimenti mix-xena mużikali, sportiva, kulturali u ċinematografika, u l-bqija.<br>K6: Nikteb il-ġrajjiet tal-ġurnata fi djarju u nesprimi opinjonijiet personali, il-ġudizzji u r-riflessjonijiet tiegħi fuq uħud minnhom. |
| **It-tmien sena**<br>(Il-livell 7) | <u>Rotta 1</u><br>K3: Nikteb captions konċiżi għal ritratti jew stampi ta' ġrajjiet u avvenimenti mix-xena mużikali, sportiva, kulturali u ċinematografika, u l-bqija.<br>K5: Nikteb il-ġrajjiet tal-ġurnata fi djarju u nesprimi opinjonijiet personali, il-ġudizzji u r-riflessjonijiet tiegħi fuq uħud minnhom.<br><u>Rotot 2 u 3</u><br>K5: Nikteb kitbiet deskrittivi ta' bejn 150 u 250 kelma fuq persuni, postijiet, avvenimenti, u l-bqija.<br>K9: Nikteb reċensjoni ta' film/dramm li nkun rajt u ktieb li nkun qrajt u nagħti l-fehmiet tiegħi fuq il-produzzjoni artistika, il-ġrajja, il-karattri u l-bqija. |
| **Id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il sena**<br>(*Mis-Sillabu tal-Malti ĊES 22* [2025]) | <u>Rotta 1</u><br>8.1ċ: Nikteb kitbiet sempliċi skont in-natura tal-kitba deskrittiva. Eż. stedina, riċetta, menù, caption, slowgan<br><u>Rotot 2 u 3</u><br>8.2ċ: Nikteb kitbiet kumplessi skont in-natura tal-kitba deskrittiva. Eż. avviż, reklam, inventarju, djarju, ittra, struzzjonijiet, spjega ta' proċess.<br>8.3ċ: Nikteb kitbiet aktar kumplessi skont in-natura tal-kitba deskrittiva. Eż. reċensjoni ta' film, dramm jew ktieb, bijografija, rapport. |

*Tabella 3: L-għanijiet tal-kitba deskrittiva fis-Sillabi ta' Malta (2019-2021)*

Fl-ewwel snin tal-primarja s-sillabu Malti jidher li hu mdawwar man-narrattiva. L-istudenti jibdew jiġu esposti għall-kitba deskrittiva l-ewwel darba fit-tielet sena permezz tal-captions. Is-sillabu juża frażijiet bħal "nikteb kitbiet deskrittivi", "nikteb kitbiet sempliċi" u "nikteb kitbiet kumplessi skont in-natura deskrittiva", fost oħrajn. Għall-għalliema u l-qarrejja ta' dan is-sillabu dawn it-termini huma vagi. Ma tingħatax spjegazzjoni ta' x'jitqies bħala "sempliċi", "kumpless", u x'għandu jkollhom tassew il-"kitbiet deskrittivi". Hawn seta' daħal aktar dettall dwar, ngħidu aħna, is-sensi (Akerson & Young, 2005, pp. 40-41; Kramer, 2021), l-aġġettivi u l-verbi b'saħħithom (Akerson & Young, 2005; Scicluna, Agius, & Giordano, 2018) u l-lingwa figurattiva (Akerson & Young, 2005, pp. 40-41; Kramer, 2021), fost oħrajn. Dawn il-komponenti tal-kitba deskrittiva huma neqsin fis-sillabu u mingħajrhom hemm is-sogru li l-kitba deskrittiva tal-istudenti tibqa' mwaħħla ma' livell partikolari u ma tilħaqx il-maturità u l-potenzjal kollu tagħha.

Komponent ieħor nieqes fis-Sillabu Malti hu dak li għandu x'jaqsam mal-proċess ta' wara l-kitba, jiġifieri r-reviżjoni u l-editjar, żewġ stadji essenzjali tal-proċess tal-kitba, (Calkins, 2020; Lapp & Flood, 1993), li ftit li xejn jidhru. Jidher li fis-sillabi barranin (Department for Education, England, 2014; Department for Education, Ontario, 2006) ħafna mir-riflessjonijiet tal-istudenti fuq id-deskrizzjonijiet tagħhom isiru f'dawn iż-żewġ stadji.

Aspett ieħor li jeħtieġ ftit attenzjoni fis-sillabu Malti hu dak li għandu x'jaqsam mal-ġeneri. Il-ġeneri jirrepetu ruħhom. Ngħidu aħna, il-captions jissemmew għall-ewwel darba fit-tielet sena u jibqgħu jiġu repetuti sat-tmien sena. Għalkemm l-oġġett li se tinkiteb il-caption dwaru jinbidel, il-ġeneru jibqa' l-istess u ma tingħatax gwida kif l-

għalliema għandhom ivarjaw dan il-ġeneru ta' kitba minn sena għall-oħra. B'dan il-mod, tul iż-żmien, l-iżvilupp li jista' jseħħ minn sena għall-oħra fil-ħila tal-kitba deskrittiva hu limitat. L-akbar firxa ta' ġeneri tinsab bejn id-disa' u l-ħdax-il sena. Il-varjetà ta' ġeneri f'sillabu hi importanti għall-kreattività u għall-iżvilupp tal-ħsieb kritiku, kif ukoll biex l-istudenti jsiru familjari ma' forom letterarji u informattivi u jibdew japprezzaw għadd ta' kitbiet (Devitt, 2008, p. 29).

Bil-mod kif inhu miktub is-sillabu, l-għanijiet jidhru li huma mifruxa u vagi. Dan iwassal biex l-għalliema jaqbdu triq għalihom u jmexxu skont dak li jemmnu huma li huwa l-aħjar. Barra minn hekk, dawn l-istess għanijiet jittennew u l-varjazzjoni u l-iżvilupp bejn kull għan hu l-għadd ta' kliem li huma mistennija jiktbu l-istudenti. Minħabba f'hekk, minn sena għall-oħra, l-għalliema mhux se jkunu jafu x'għandhom jistennew mill-istudenti tagħhom u l-istudenti jista' jkun li jmorru pass lura u jirrepetu dak li jkunu għamlu diġà fis-snin ta' qabel.

### *2.4.3. L-assessjar*

L-informazzjoni li ġejja hi l-gwida għall-għalliema dwar l-assessjar mistenni minnhom fil-kitba. L-informazzjoni hi kollha meħuda mid-dokumenti uffiċjali tal-kriterji tal-assessjar tal-istat (2019-2022).

| Is-sena | L-assessjar fil-kitba |
|---|---|
| It-tielet sena | L-għalliema jħarrġu lill-istudenti għall-assessjar wara prova jew tnejn għal kull ġeneru ta' kitba, dejjem skont l-esiġenzi tal-klassi. Il-prova tista' tingħata bħala xogħol għad-dar imma dik il-prova għall-assessjar trid issir fil-klassi (Il-Kriterji tal-Assessjar, 2019, p. 1). |
| Mir-raba' sas-sitt sena (primarja) | L-għalliema jħarrġu lill-istudenti għall-assessjar wara prova jew tnejn għal kull ġeneru ta' kitba, dejjem skont l-esiġenzi tal-klassi. Il-prova |

| | |
|---|---|
| | tista' tingħata bħala xogħol għad-dar imma dik il-prova għall-assessjar trid issir fil-klassi (Kriterji tal-Assessjar, 2019, p. 1). |
| Is-seba' u t-tmien sena | L-għalliema jridu jagħtu l-marka finali tal-assessjar fuq ix-xogħol identifikat għall-assessjar wara prova jew tnejn għal kull ġeneru ta' kitba. Dejjem skont l-esiġenzi tal-klassi. Il-prova tista' tingħata bħala xogħol għad-dar imma dik il-prova għall-assessjar trid issir fil-klassi (Kriterji tal-Assessjar, 2022, p. 1). |
| Id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il sena (iċ-ĊES 22) | Meta l-għalliema jikkoreġu l-assenjamenti, għandhom jimxu skont il-kriterji tal-assessjar tal-kisba, filwaqt li meta jiġu biex jikkoreġu l-komponiment tal-eżami, għandhom jimxu fuq il-kriterji ġenerali tal-komponiment. Il-karti tal-eżamijiet huma maqsumin f'żewġ livelli: QMK 1 sa 2 u QMK 2 sa 3 u l-kriterji tal-assessjar ivarjaw skont il-livell magħżul. |

*Tabella 4: L-assessjar tal-kitba fil-livelli tal-Primarja, tal-Medja u tas-Sekondarja (2019-2022)*

Il-marki allokati għal kemm il-kitba tal-istudenti hi leali lejn il-ġeneru tissemma mis-snin Medja. L-assessjar tal-kitba f'dawn id-dokumenti hu l-istess u ma jirriflettix il-funzjoni ta' kitba jew il-ġeneru li jkunu qed iħaddmu l-istudenti. Għal assessjar aktar preċiż ikun tajjeb li tissawwar rubrika jew xi gwida li tkun speċifika għall-funzjoni jew għat-titlu li jkunu qed jaħdmu fuqhom l-istudenti (Graham, Harris & Herbert, 2011, p. 10).

## 2.5. Konklużjoni

Dan il-kapitlu ħares lejn xi sillabi barranin u dak Malti b'referenza għal-lingwa Maltija b'lenti fuq il-kitba deskrittiva. L-ewwel punt li ħareġ mill-analiżi ta' dawn id-dokumenti hu li l-kitba deskrittiva teżisti f'żewġ dimensjonijiet: bħala għodda biex issaħħaħ funzjonijiet ta' kitbiet oħrajn li jkollhom għanijiet varji bħal li jirrakkontaw jew jargumentaw, u bħala kitba li l-għan tagħha hu primarjament li jiddeskrivi. It-tieni punt li ħareġ hu li meta mqabbel mas-sillabi barranin, is-sillabu Malti hu b'saħħtu ħafna

fejn jidħlu l-fażijiet tal-ippjanar u tal-kitba imma jħalli barra l-fażijiet tal-iċċekkjar u l-editjar li huma tant essenzjali għall-kitba ta' kwalità, speċjalment dik deskrittiva. Barra minn hekk, iżda, jidher li la fis-sillabi barranin u lanqas f'dak Malti ma hemm bħal qafas strutturat li jieħu l-kitba deskrittiva b'mod imtarraġ sena b'sena. L-għanijiet tal-kitba deskrittiva, fejn jidhru, jidhru vagi u f'waqtiet ripetuti u faċilment jistgħu jxekklu, flok jgħinu, l-iżvilupp tal-potenzjal f'din il-funzjoni ta' kitba. Wara li analizza n-nuqqasijiet u l-possibbiltajiet li jeżistu fis-sistema edukattiva b'rabta mal-kitba deskrittiva, dan il-kapitlu għen biex titħejja t-triq għall-ħolqien tal-qafas kurrikulari ta' dan l-istudju.

# Kapitlu 3: Il-qafas kurrikulari tal-kitba deskrittiva

## 3.1. Introduzzjoni

Dan il-kapitlu se jiddiskuti elementi varji li jsawru l-qafas kurrikulari żviluppat f'dan l-istudju (ara Appendiċi A), fosthom: il-ħoloq kurrikulari li ġew ikkonsultati qabel it-tħejjija tal-qafas; l-udjenza tiegħu; l-għan; ir-razzjonal; it-tul ta' żmien li mistenni jieħu u għadd ta' metodi ta' tagħlim li jistgħu jitħaddmu għall-implimentazzjoni tal-qafas. Dan il-qafas tfassal bil-ħsieb li sillabu għandu jkun forma ta' kuntratt li jispjega x'inhu mistenni mill-għalliema u mill-istudenti, għandu jkun forma ta' dokument permanenti li jiddokumenta dak li jkun sar tul is-snin tat-tagħlim, kif ukoll li għandu jkun għodda siewja għat-tagħlim għaliex suppost jirrifletti l-aħħar ideat fir-riċerka u l-kontenut (Harris & Parkes, 2010, pp. 55-58).

## 3.2. It-tfassil tal-qafas tal-kitba deskrittiva

It-tiswir ta' kisbiet ċari u konċiżi hu strumentali għal qafas kurrikulari bħalm'hu dan li qed jiġi propost biex l-għalliema u l-istudenti jkunu jifhmu sewwa dak li hu mitlub minnhom. Il-kisbiet jeħtieġ li jartikulaw dak li għandhom jitgħallmu l-istudenti sa tmiem il-lezzjoni u jappellaw għall-iżvilupp konjittiv u affettiv (Fry, Ketteridge & Marshall, 2009, p. 42).

Qabel il-kitba tal-qafas, ġew ikkonsultati għadd ta' dokumenti kurrikulari (irreferi għal Kapitlu 2) biex jittieħdu xi ideat minnhom. L-ewwel pass fit-tfassil tal-kisbiet tal-qafas tal-kitba deskrittiva kien l-għażla tal-verb (Gronlund, 2008, p. 67). Il-verbi magħżulin kellhom ikunu speċifiċi u gradati minn livell għall-ieħor. Il-verbi tal-qafas intgħażlu mill-firxa li hemm fix-xogħol bikri ta' Bloom fl-1956 u l-aġġornament aktar riċenti ta' Anderson u Krathwohl (2001) li ġew tradotti għall-Malti minn Portelli (2021). Fil-kitba ta' kull sentenza kellu jkun ċert li dak li qed jinkiteb jimxi mal-proċess ta' SMART

(Dee Fink, 2013, p. 56; Ramsdan, 2003, p. 119). Wara dan kollu, il-qafas kellu jiġi rrivedut għal diversi drabi biex jorqom il-kisbiet. Ġie deċiż ukoll li jinkitbu xi noti supplimentari għall-għalliema biex jagħtu gwida aktar ċara ta' dak li hu mistenni.

Barra minn hekk, kellhom jittieħdu għadd ta' deċiżjonijiet, fost oħrajn, dwar il-kontenut, l-udjenza intenzjonata, it-tul taż-żmien, il-metodi ta' tagħlim, l-assessjar, u l-aspetti tad-differenzjar, li se jiġu diskussi fit-taqsimiet rispettivi tagħhom.

## 3.3. Il-ħoloq kurrikulari

Il-qafas kurrikulari propost jagħmel parti mit-taqsima tal-ħila tal-kitba fis-Sillabi tal-Malti, mis-sillabu tas-Snin Bikrin sa dak tas-Sekondarja (Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni ta' Malta, 2021). Il-qafas għat-tagħlim tal-kitba deskrittiva jorbot mal-għanijiet tal-*Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali għal Kulħadd* (Il-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol, 2012), u allura hu mfassal ukoll fuq il-prinċipji tal-litteriżmu bbilanċjat (Tompkins, 2021; L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2014-2019). Dan ifisser li l-qafas propost jimxi fuq il-prinċipju li l-istudenti għandhom jinżammu fiċ-ċentru tat-tagħlim (L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2014-2019, p. 9). Infatti, il-kisbiet li jsawru l-qafas huma miktubin mill-perspettiva ta' x'jafu jagħmlu l-istudenti. Il-qafas kurrikulari propost jara wkoll li jitħaddem il-kunċett tal-litteriżmu bbilanċjat u, permezz tal-kontenut tiegħu, jagħti l-opportunità għall-integrazzjoni tal-ħiliet tal-lingwa, għalkemm l-għalliema għandhom jiżnu din l-integrazzjoni f'kuntest tal-L1 (Dipartiment tal-Kurrikulu, b.d., p. 8; L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2014-2019, p. 10). Barra minn hekk, il-qafas iħeġġeġ l-użu ta' teknoloġiji ġodda fit-tagħlim tal-ħila tal-kitba (Dipartiment tal-Kurrikulu, b.d., p. 9; L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2014-2019, p. 10).

Dokumenti oħrajn li ġew ikkonsultati b'reqqa huma l-kurrikulu tal-Ingilterra (Department for Education: England, 2014), il-kurrikulu ta' Ontario, il-Kanada (Department for Education: Ontario, 2006), il-kurrikulu Awstraljan (Australian Curriculum, Assessment and Reporting Authority, 2016), u s-Sillabi tal-Malti għall-Iskejjel tal-Istat (Dipartiment tal-Kurrikulu, b.d.).

Dawn id-dokumenti ispiraw ideat u partijiet differenti mill-qafas kurrikulari propost. Is-sillabu Ingliż imfellel f'erba' Key Stages (Department for Education: England, 2014) juri kif sillabu tal-kitba jista' jkun imdawwar mal-proċess tal-kitba u xorta waħda jesplora għadd ta' ġeneri tal-kitba. Minkejja li l-objettivi ta' dan is-sillabu kienu ċari, inħass li din ir-riġidità tillimita l-kreattività fil-kitbiet tal-istudenti (Dombey, 2016, p. 3; Cremlin, 2022, pp. 21-23).

Is-sillabu Kanadiż ta' Ontario (Department for Education: Ontario, 2006) fih firxa wiesgħa ta' ġeneri deskrittivi, ngħidu aħna captions, kummentarju ta' ktieb, film jew logħba, u poeżija ispirata minn passaġġ deskrittiv, iżda wħud ikkummentaw li dan jista' jkun wisq formolarju u joffri sfida għall-kreattività u għall-ħsieb kritiku (Graham, 2012). Barra minn dan li ntqal, ma jidhirx li ġie aġġornat għad-dinja diġitali tal-lum (McGarth, 2019).

Il-kurrikulu Awstraljan (Australian Curriculum, Assessment and Reporting Authority, 2016) hu strutturat b'mod differenti. Għadd ta' kunċetti introdotti f'sena, jiġu żviluppati u msaħħa fis-snin ta' wara (Mueller, 2014, p. 39) – simili għal sillabu spirall. L-għanijiet tal-kitba huma kreattivi u jintużaw mezzi multimodali u diġitali (Australian Association for the Teaching of English, 2014, pp. 5-7). Element nieqes f'dan is-

sillabu hu l-enfasi fuq l-importanza tat-testi letterarji bħala eżempji ta' kitba ta' kwalità (Mueller, 2014, p. 32).

Mill-analiżi li saret fit-tieni kapitlu ta' din id-dissertazzjoni, b'kuntrast mal-għanijiet li hemm fis-sillabi barranin, jidher li l-għanijiet fis-sillabi Maltin mhumiex ċari u l-għażla ta' ġeneri hi ċkejkna u tirrepeti ruħha. Barra minn hekk, jidher li għandha tingħata daqsxejn attenzjoni lejn il-kreattività tal-għanijiet kif ukoll issir aktar enfasi fuq l-importanza tat-testi letterarji bħala eżempji ta' kitba ta' kwalità. Element ieħor li jeħtieġ aktar attenzjoni hu l-bilanċ bejn il-proċess tal-kitba u l-ġeneri tal-kitba deskrittiva.

## 3.4. L-udjenza

Is-sillabu propost hu mfassal għall-istudenti Maltin mis-Snin Bikrin sa dawk tas-Sekondarja (irreferi għal Tabella 6).

| Il-livell | L-età | Is-snin fis-sistema edukattiva Maltija |
|---|---|---|
| Is-Snin Bikrin | 5-7 snin | L-ewwel u t-tieni sena |
| Il-Primarja A | 7-9 snin | It-tielet u r-raba' sena |
| Il-Primarja B | 9-11-il sena | Il-ħames u s-sitt sena |
| Il-Medja | 11-13-il sena | Is-seba' u t-tmien sena |
| Is-Sekondarja | 13-16-il sena | Id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il sena |

*Tabella 5: Il-livelli proposti fil-qafas tal-kitba deskrittiva*

Is-sillabu propost jiġbor is-snin bl-istess mod li jiġborhom is-sillabu tal-Malti tal-Istat (Dipartiment tal-Kurrikulu, b.d.), iżda jsemmihom b'mod differenti biex titnaqqas l-ambigwità. Ir-raġunijiet wara dan huma li dan il-qafas propost ipotetikament se jagħmel parti mis-sillabu tal-kitba tal-Istat (Dipartiment tal-Kurrikulu, b.d.), u

għaldaqstant ikun eħfef għall-għalliema li jitħajru jimplementawh jekk ikollu l-istess livelli li jaqblu mas-snin varji. Barra minn hekk, il-kitba deskrittiva, bħal kull tip ta' kitba, teħtieġ livelli ta' maturità differenti għal-livelli ta' kitba differenti (Atwell, 2015, p. 17).

Dan il-qafas jitlob li l-istudenti jibdew jitħarrġu fil-kitba deskrittiva minn ċkunithom u jibqgħu jirrevedu u jikkonsolidaw dak li tgħallmu, kif ukoll iżidu materjal u tekniki aktar kumplessi kull sena. Filwaqt li l-qafas propost ma jippretendix li l-funzjonijiet l-oħra tal-kitba jingħataw il-ġenb, hu neċessarju li l-ħila deskrittiva, anki jekk murija biss permezz ta' paragrafu jew hi integrata fil-pass tar-reviżjoni, ikollha parti mis-sillabu tal-kitba f'kull livell ta' tagħlim tal-istudenti kif propost. L-importanza tal-ħila deskrittiva, kif deher fil-kapitli ta' qabel dan, m'għandhiex tiġi sottovalutata għar-raġuni li ħafna drabi deskrizzjoni tħoll u torbot jekk kitba, hi ta' liema funzjoni hi, tkunx ta' kwalità jew le.

## 3.5. Ir-razzjonal

Il-Malti, huwa suġġett ewlieni u essenzjali fis-sistema edukattiva Maltija (Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni ta' Malta, 2021, p. 2). Il-Malti huwa mezz komunikattiv u interattiv li jgħaqqad flimkien komunità waħda b'realtajiet diversi, u jiġbor fih identità lingwistika u kulturali li l-poplu Malti sawwar u għadu qiegħed isawwar skont il-milja taż-żmien. Permezz tal-Malti, l-istudenti se jkomplu jwessgħu l-esperjenza skolastika tagħhom fl-iżvilupp personali, bħala individwi u bħala ċittadini Maltin u Ewropej (Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni ta' Malta, 2021, p. 3).

Il-qafas tal-kitba deskrittiva propost jindirizza lakuni preżenti fis-sillabu (ara Kapitlu 2). Id-deskritturi li għandhom x'jaqsmu mal-kitba deskrittiva huma vagi. Is-sillabu

Malti (Dipartiment tal-Kurrikulu, b.d.) juża frażijiet bħal "nikteb kitbiet deskrittivi", "nikteb kitbiet sempliċi" u "nikteb kitbiet kumplessi skont in-natura deskrittiva", fost oħrajn, u ma ssirx referenza għall-karatteristiċi u t-tekniki tal-kitba deskrittiva nnifisha, kif isir f'sillabi barranin (Australian Curriculum, Assessment and Reporting Authority, 2016; Department for Education: England, 2012; Department for Education: Canada, 2015). In-nuqqas ta' gwida mtarrġa ta' x'karatteristiċi u tekniki għandhom jiġu mgħallma sena b'sena jħalli impatt inqas pożittiv fuq it-tagħlim. Dan il-vojt iwassal għal fixla fost l-għalliema minħabba li jsibuha iebsa biex jaqtgħu linja sa fejn għandhom jaslu fit-tagħlim ta' din il-funzjoni ta' kitba. Dan jista' jwassal għal ripetizzjoni minn sena għal sena mingħajr ebda żviluppi. In-nuqqas ta' gwida jista' jwassal għal nuqqas ta' motivazzjoni u attitudni negattiva lejn is-suġġett, fost l-għalliema, u fost l-istudenti (OECD, 2018, p. 1).

Raġuni oħra għaliex inħass il-bżonn li jiġi żviluppat dan il-qafas kurrikulari hija r-riżultati li Malta tikseb f'eżamijiet ewlenin, bħal PISA u PIRLS, fejn tkun imqabbla ma' għadd ta' pajjiżi oħra. It-tendenza tar-riżultati li tikseb Malta fil-litteriżmu huma kklassifikati taħt il-medja (OECD, 2018, p. 1).

## 3.6. L-għanijiet

L-għan ewlieni tal-qafas kurrikulari propost hu li qabelxejn l-istudenti jiżviluppaw il-ħila deskrittiva tagħhom. Dan se jsir billi jitħarrġu fit-tekniki li titlob din il-ħila b'mod imtarraġ. B'dan il-mod, l-istudenti se jkunu qed jiżviluppaw għarfien ċar tal-ġeneri varji, bħal pereżempju komiks, kummentarji ta' logħob, reklami u poeżiji, fost oħrajn, li huma eqreb lejn il-kitba deskrittiva, kif ukoll itejbu l-għarfien tagħhom tal-proċess tal-kitba permezz ta' passi bħar-reviżjoni u l-editjar.

Barra minn hekk, mid-dokumenti kkonsultati, jidher li hemm din il-lakuna fejn tidħol din il-funzjoni ta' kitba. Il-kitba deskrittiva ma tingħatax l-importanza mistħoqqa fis-sillabi tal-lingwi nattivi, kemm f'dawk barranin (Australian Curriculum, Assessment and Reporting Authority, 2016; Department for Education: England, 2012; Department for Education: Canada, 2015), kif ukoll f'tal-istat Malti (Dipartiment tal-Kurrikulu, b.d). Il-kitba deskrittiva mhix biss deskrizzjoni ta' post jew persuna; hi ċ-ċavetta għall-kreattività li permezz tagħha tieħu l-ħajja l-kitba u allura tagħmel impatt kbir fuq il-livell tal-kitba b'mod ġenerali (Kramer, 2021). Dan il-qafas, allura, se jikkontribwixxi biex l-istudenti jibdew jitħarrġu, u sa tmiem iż-żmien tal-iskola obbligatorja jkunu tħarrġu sewwa, mhux biss fil-ġeneri tal-kitba deskrittiva, iżda fil-mod kif jużaw il-ħila deskrittiva bħala għodda (Gerth, 2018, p. 11; Kramar, 2021).

Permezz tal-kisbiet u s-suġġerimenti proposti, il-qafas se jgħin biex isir titjib fil-ħiliet tal-osservazzjoni u fil-ħsieb kritiku u fl-istess ħin se jħeġġeġ il-kreattività u l-esperimentazzjoni fil-kitba deskrittiva (Gerth, 2018, p. 101). Dan se jsir bit-tir li l-istudenti jieħdu xi ħaġa magħhom anki wara s-snin tal-iskola, fejn ikunu kapaċi jiffunzjonaw bħala membri fis-soċjetà, ikunu fejn ikunu.

F'dan kollu għandhom sehem kbir fih l-għalliema. Dan il-qafas huwa maħsub ukoll biex ikun gwida siewja għall-għalliema, biex ikollhom id-dettalji kollha neċessarji biex ikunu jistgħu jiggwidaw lill-istudenti tagħhom. Hu maħsub li l-għalliema jużaw il-kisbiet proposti f'dawn il-qafas bl-istess mod li jużaw il-kisbiet tas-sillabu (Dipartiment tal-Kurrikulu, b.d.), jiġifieri jikkonsultawhom qabel l-ippjanar tal-lezzjoni u jsejsu l-lezzjoni biex tilħaq l-għan tal-kisba.

## 3.7. It-tul ta' żmien

Minħabba li l-qafas tal-kitba deskrittiva hu indirizzat għall-istudenti nattivi mis-Snin Bikrin sa dawk tas-Sekondarja, hu maħsub li jinfirex fuq medda ta' ħdax-il sena. Dan hu msejjes fuq il-ħsieb li l-istudenti jibdew jiżviluppaw il-ħila deskrittiva mill-bidu tal-esperjenza tal-kitba tagħhom sa ma jilħqu maturità skolastika ħafna akbar, fl-aħħar sena tas-sekondarja.

## 3.8. Il-metodi ta' tagħlim

Il-metodu ta' tagħlim huwa l-ħolqa li tgħaqqad flimkien l-orjentament jew l-idea tat-tagħlim li jħaddmu l-għalliema mat-tekniki u l-istrateġiji differenti li huma jdaħħlu fil-klassi tagħhom b'risq tagħlim effettiv (Portelli, 2020, p. 103).

Parti mis-sabiħ tal-lingwa Maltija b'mod ġenerali – iżda wisq iżjed tal-kitba deskrittiva – hu li kollox jista' jintrabat mal-ambjent u l-ħajja. Minħabba f'hekk, hemm għadd ta' metodi ta' tagħlim u kuntesti li jistgħu jintużaw waqt il-lezzjonijiet tal-kitba deskrittiva.

Fejn tidħol il-kitba, jeżistu żewġ metodi ta' tagħlim prinċipali: il-metodu ta' tagħlim tal-kitba bħala proċess u l-metodu ta' tagħlim li jiffoka fuq it-tagħlim tal-ġeneri. L-ewwel metodu jenfasizza l-proċess tal-kitba nnifsu bil-għan li l-istudenti jsiru familjari mal-vjaġġ li jgħaddu minnu l-kittieba nfushom. (Graves, 1983; White & Arndt, 1981, p. 3; Atwell, 2015, p. 40; Calkins, 2021, p. 21). F'dan il-proċess l-għalliema ġeneralment jiggwidaw lill-istudenti b'mod li huma jkunu qegħdin fiċ-ċentru tat-tagħlim (Atwell, 2015, p. 40; Calkins, 2021, p. 21).

Min-naħa l-oħra, it-tieni metodu ta' tagħlim jenfasizza l-ġeneri ta' kitba differenti. Dan il-metodu joftoq il-ġeneru li jkun qed jiġi mgħallem, janalizza l-karatteristiċi tiegħu u jiġi kkupjat f'kitbiet l-istudenti. Minħabba l-istil ta' dan il-metodu ta' tagħlim, hu meqjus li jżomm l-għalliema fiċ-ċentru (White & Arndt, 1981, p. 4; Hyland, 2003, p. 18).

Iż-żewġ metodi ta' tagħlim jistgħu jkunu b'saħħithom. It-tagħlim tal-kitba bħala proċess jagħti spazju għall-kreattività u jħeġġeġ lill-istudenti jibnu l-istil tagħhom ta' kitba permezz tal-esperimentazzjoni (White & Arndt, 1981, p. 4; Calkins, 2021, p. 22). Il-metodu ta' tagħlim li jiffoka fuq it-tagħlim tal-ġeneri joffri miri speċifiċi u gwida ċara għall-istudenti-kittieba u b'hekk ikunu jafu sa fejn għandhom jaslu mingħajr wisq xkiel (White & Arndt, 1981, p. 6; Hyland, 2003, p. 19).

Minbarra dawn iż-żewġ metodi ta' tagħlim magħrufa l-iżjed għall-kitba, hemm familja sħiħa ta' metodi ta' tagħlim li jistgħu jiġu applikati skont l-għalliema jkunux qed jimxu fuq il-metodu ta' tagħlim ta' kitba bħala proċess jew il-metodu li jiffavorixxi l-ġeneri. Dan ifisser li dawn il-metodi ta' tagħlim jistgħu jitqiesu li jiġu wara li l-għalliema jagħżlu jimxux fuq il-metodu ta' tagħlim ta' kitba bħala proċess jew il-metodu li jiffavorixxi l-ġeneri u jistgħu jkunu metodi diretti jew metodi indiretti (Portelli, 2020, p. 103).

Metodu minn dawn, li hu wkoll element kruċjali fil-qafas kurrikulari propost, hu l-qari ta' testi varji, kemm ta' testi letterarji kif ukoll ta' testi informattivi bħala mudelli li l-istudenti mistennija li jimitaw. Dawn il-mudelli letterarji u mhux letterarji jintużaw biex l-istudenti jtejbu kitbiethom u jitgħallmu minnhom (Graham & Hebert, 2010, p. 11; Hillocks, 2010, p. 153).

Minbarra l-qari ta’ testi varji għall-ideat, l-għalliema jistgħu jagħtu ideat ukoll permezz ta’ wiri ta’ filmati qosra (Hillocks, 2010, p. 162) – pereżempju jsemmgħulhom il-kanzunetta ‘Fid-dar tan-Nanna’ ta’ Corazon Mizzi (2015). Għall-ideat, l-għalliema, fejn aċċessibbli, jistgħu jieħdu lill-istudenti fil-klassi tal-futur fejn jagħmlu użu minn simulazzjoni fuq il-kompjuter, jew realtà virtwali, biex jaraw xeni li tkun għażlet l-għalliema minn qabel. Din it-teknoloġija toffri esperjenza differenti lill-istudenti minħabba li x-xena ssir ħafna aktar realistika u tappella aktar għas-sensi (Kist, 2010, p. 101). Għażla oħra ta’ tagħlim hu l-improvizzar jew id-drama, fejn l-istudenti li jkunu fl-udjenza jridu jiktbu dwar karattru fix-xena li jkunu qed jaraw (Calkins, 2020, p. 41).

Dawn il-metodi ta’ tagħlim, flimkien mal-attivitajiet li jġibu magħhom, iħejju għal passi oħrajn fil-proċess tal-kitba fejn jistgħu jintużaw tekniki bħal brainstorming, biex l-istudenti joħorġu bl-ideat tagħhom, u mbagħad jgħaddu għal diskussjoni. Fl-istess ħin, l-istudenti jkunu qed jipparteċipaw f’tagħlim kollaborattiv fejn jistgħu jaqsmu l-ideat ma’ sħabhom tal-klassi (Mitchell & Sutherland, 2020, pp. 35-46). Għal aktar awtonomija, l-istudenti jistgħu anki jagħmlu tiftix b’mod indipendenti fil-librerija jew online (Camilleri Grima, 2020, p. 109).

Għar-reviżjoni u l-editjar, l-għalliema jistgħu jagħżlu li l-istudenti jaħdmu, waħidhom jew bejniethom, biex jiċċekkjaw ix-xogħlijiet ta’ xulxin u jimmarkaw fejn jista’ jsir xi tibdil u titjib. L-għalliema għandhom jgħinuhom waqt dan il-proċess b’xi rakkomandazzjonijiet. Permezz tal-ħidma bejn tnejn, l-għalliema jistgħu jfasslu xi attività li tista’ twassal lill-istudenti jirriflettu fuq il-proċess tar-reviżjoni. F’din l-attività, l-għalliema jitolbu lill-istudenti joqogħdu dahar ma’ dahar, fejn student wieħed jiddeskrivi u l-ieħor ipinġi (Calkins, 2020, p. 39). B’dak il-mod ikunu jistgħu jirriflettu fuq l-importanza tad-dettalji, kif ukoll jitgħallmu xi rqaqat għandhom iżidu biex

jispjegaw ruħhom aħjar. Għażla oħra hi li l-għalliema jilagħbu logħba mal-istudenti fejn jagħtu kelma u l-istudenti jridu jippruvaw jagħtu sinonima jew antonima tagħha. Dan jista' jsir ukoll bi pjattaformi diġitali bħal Kahoot, dejjem jekk din il-pjattaforma tkun aċċessibbli għall-għalliema u għall-istudenti.

Dawn mhumiex l-uniċi metodi ta' tagħlim li jistgħu jintużaw għal mal-qafas tat-tagħlim tal-kitba deskrittiva, iżda huma biss togħma ta' xi possibbiltajiet kreattivi li jistgħu jitħaddmu fil-klassi.

## 3.9. Il-qafas kurrikulari tal-kitba deskrittiva

Din it-taqsima se tiddiskuti l-ħsieb wara l-kontenut tal-qafas kurrikulari tal-kitba deskrittiva, kif ukoll tintroduċi l-qafas innifsu. L-ispjegazzjoni dwar il-kontenut se tibda mill-forma, jiġifieri mit-tip ta' qafas li hu, imbagħad se tgħaddi għall-komponenti li tqiesu bħala essenzjali għat-tagħlim tal-kitba deskrittiva. Dan se jħejji t-triq biex jiġu diskussi wkoll it-temi u l-ġeneri li huma ssuġġeriti għal mal-qafas. Il-qafas qiegħed imqassam f'ħames tabelli b'kollox – tabella għal kull livell. Kull tabella mbagħad fiha t-tekniki tal-kitba deskrittiva, flimkien mal-kisbiet li jridu jintlaħqu biex l-istudenti jitħarrġu fit-tekniki msemmija fil-livell rispettiv.

### *3.9.1. It-tip ta' sillabu*

Il-mod ta' kif inhu gradat il-qafas propost jixbah lis-sillabu spirall. Is-sillabu spirall (Bruner, 2009) jitlaq mill-premessa ta' x'suppost jafu l-istudenti f'dak il-livell u f'kull bidu ta' livell ieħor (Portelli & Camilleri Grima, 2002, p. 60). F'dan is-sillabu l-istudenti għandhom iduru fuq l-istess kunċett għadd ta' drabi f'livelli differenti, jidħlu fil-kunċett f'livell aktar fond u jduru kontinwament fuq l-għarfien tagħhom (Drew, 2019; Portelli &

Camilleri Grima, 2002, p. 67). Il-qafas kurrikulari propost addotta dawn il-karatteristiċi u żied ukoll li f'kull livell jiżdied xi materjal.

### *3.9.2. Il-ġeneri tal-qafas tal-kitba deskrittiva*

Fit-tagħlim tal-kitba hu meħtieġ li l-istudenti jiġu mgħallma l-ġeneri biex jesploraw tipi differenti ta' strutturi u għanijiet (Calkins, 2020, p. 32). Dan il-qafas kurrikulari jissuġġerixxi ġeneri li jpoġġu l-kitba deskrittiva f'kuntesti li jistgħu jiġu ttrattati b'mod li mhux 'il bogħod mid-dinja tat-tfal. Il-parti l-kbira  ta' dawn il-ġeneri ssemmew fis-sillabi barranin (Australian Curriculum, Assessment and Reporting Authority, 2016; Department for Education: England, 2014; Department for Education: Ontario, 2006), u wħud fis-sillabi tal-istat Malti (Dipartiment tal-Kurrikulu, b.d) li ġew analizzati. Il-ġeneri ssuġġeriti huma: captions, poeżiji, in-narrattiva (bħala ġeneru li juża l-kitba deskrittiva biex toħloq storja effettiva), ittri li jiddeskrivu, reċensjonijiet, deskrizzjonijiet ta' proċeduri, bijografiji, nekroloġji u kummentarji ta' logħob. Fil-qafas ġew issuġġeriti xi ġeneri addattati għal kull livell rispettiv li l-għalliema jistgħu jagħżlu li jkopru. Għażla oħra hi li l-istudenti jerġgħu jżuru ġeneru partikolari li jkun sar fis-snin ta' qabel imma jittrattawh f'aktar dettall u f'livell ogħla, ngħidu aħna l-ġeneru tad-djarju li hu msemmi għal-livell tal-Primarja A, jista' jibqa' jitħaddem sas-sekondarja imma jfanndu aktar fih.

### *3.9.3. Il-komponenti tal-qafas tal-kitba deskrittiva*

Mir-riċerka dwar il-kwalitajiet tal-kitba deskrittiva (ara Kapitlu 1), kif ukoll wara li ġie meqjus dak li qed isir fis-sistema edukattiva (ara Kapitlu 2), ġie deċiż li l-qafas se jkun fih dawn il-komponenti: il-vokabolarju, is-sensi, il-karattri, l-ambjent, il-qagħda emozzjonali, il-lingwa figurattiva u n-narrazzjoni.

Il-vokabolarju hu aspett integrali f'kull deskrizzjoni (McCarthy, 1998, p. 57; Gallagher, 2011; Gerth 2018, p. 12) u għalhekk, kien jeħtieġ li jagħmel parti mill-qafas. F'dan il-proġett, bħal kull komponent ieħor, il-vokabolarju huwa gradat skont il-livell tal-istudenti. Fis-Snin Bikrin u fil-Primarja A, il-vokabolarju hu mqassam b'mod li l-istudenti jibdew jitgħallmu kliem ġdid biex ikollhom firxa usa' ta' lessiku għad-deskrizzjonijiet tagħhom. F'dawn is-snin tal-bidu, l-istudenti jibdew jiġu mħeġġin jużaw l-aġġettivi u l-avverbji f'kitbiethom (Gerth, 2018, p. 12) kif ukoll jiġu esposti għat-teknika tal-onomatopea (Akerson & Young, 2005, pp. 40-41; Kramer, 2021). Fil-livelli ta' wara, l-istudenti jibdew jiġu mitluba jintegraw il-pass tar-reviżjoni biex ikunu jistgħu jtejbu l-vokabolarju użat. Ngħidu aħna, jekk jirrevedu paragrafu u jaraw li introduċew oġġett jew karattru mingħajr l-użu tal-aġġettivi u l-avverbji, iżiduhom f'dak il-pass (Gerth, 2018). Fil-livell tas-sekondarja, fit-taqsima tal-vokabolarju, l-istudenti jkollhom iċ-ċans li jesperimentaw bil-lessiku biex joħolqu kitbiet deskrittivi aktar effettivi. Ngħidu aħna, f'Kisba 5a mill-qafas tal-kitba deskrittiva propost fejn l-istudenti huma mitlubin jaqsmu attività waħda, pereżempju tnaddaf, f'partijiet iżgħar bħal taħsel, tfarfar u l-bqija (ara t-tabella tas-Sekondarja f'Appendiċi A). Xi ħaġa bħal din issir lejn il-livelli tal-aħħar, biex l-istudenti li jkunu laħqu l-bażi kollha tal-kitba deskrittiva jkunu jistgħu jirtokkjawha biex jilħqu livelli ogħla.

Is-sensi huma element ieħor li skont ir-riċerka jitqies essenzjali għall-kitba deskrittiva (Akerson & Young, 2005; Gerth, 2018; Kramer, 2021; Wolf & Bernhart, 2007). Fil-qafas propost, il-ħames sensi – il-ħars, is-smigħ, ix-xamm, it-tegħim, u l-mess – jiġu introdotti b'mod imtarraġ. L-ewwel il-ħars u s-smigħ, imbagħad ix-xamm u t-tegħim, u fl-aħħar il-mess. Dawn se jiġu introdotti mill-ewwel livell sa tmiem il-Primarja biex fil-livelli tal-Medja u s-Sekondarja jibda dieħel materjal aktar kumpless bħal-lingwa

figurattiva u n-narrazzjoni. Għalkemm mhux se jsir materjal ġdid b'rabta mas-sensi, dawn għandhom jibqgħu jiġu żviluppati tul il-livelli l-oħrajn kollha.

Ikunu kemm ikunu tajbin u oriġinali l-ideat u l-plott, is-saħħa tal-karattri jimbuttaw l-istorja 'l quddiem (Żahra, 2007, p. 27). Ngħidu aħna, parti kbira mis-suċċess tas-serje ta' Harry Potter hija dovuta għall-karattri li huma apparentement sempliċi iżda kumplessi, jew multi-dimensjonali, fil-qalba tagħhom (Żahra, 2007, p. 27). Plott interessanti b'karattri tal-kartun ma jista' qatt jissarraf f'xogħol ta' stoffa, waqt li plott sempliċi b'karattri b'saħħithom jista' jiżviluppa f'xogħol mill-aqwa (Żahra, 2007, p. 27). Għalhekk, meta l-istudenti – li fuq kollox fosthom hemm il-kittieba letterarji t'għada – ikunu qed jibnu l-karattri tar-rakkonti u tal-kitbiet kollha tagħhom, jeħtieġ li jduru fuq it-taħriġ tagħhom tat-tekniki deskrittivi biex jippruvaw joħolqu dawn il-karattri multi-dimensjonali (Żahra, 2007 p. 27). Il-karattri li ntgħażlu għal dan il-qafas huma: il-membri tal-familja, karattri li jidhru fuq programmi tat-tfal, karattri f'leġġendi, karattri fi ħrejjef, bloggers, karattri fantastiċi, karattri magħrufa u karattri traġiċi. Din l-għażla toffri bilanċ bejn karattri li huma viċin l-istudenti sa karattri kulturali li għad iridu jitgħallmu dwarhom.

L-ambjent huwa element ieħor li jeħtieġ li jiġi deskritt b'mod effettiv. Permezz ta' deskrizzjoni effettiva tal-ambjent, il-qarrejja jkunu jistgħu joħolqu rabtiet emozzjonali mal-kliem (Gerth, 2018, p. 18; Żahra, 2007, p. 32). L-ambjenti li ngħażlu għal dan il-qafas huma: il-kmamar tad-dar, il-klassi, it-triq tiegħi, ir-raħal, pajjiżi (Malta u Għawdex) u pajjiżi barra minn Malta. Dawn l-ambjenti jibdew minn dak immedjat bħad-dar u l-klassi, u jimirħu lil hinn sakemm jaslu barra l-gżejjer Maltin.

L-emozzjonijiet jakkumpanjaw il-bnedmin f'kulma jagħmlu. Ir-reazzjonijiet u l-qagħdiet emozzjonali ta' individwu, jew ta' karattru, huma essenzjali fid-deskrizzjoni tiegħu (Gerth, 2018, p. 11). Il-qafas jagħti l-opportunità li jiġu mistħarrġa s-sitt emozzjonijiet prinċipali: il-kuntentizza, id-dwejjaq, is-sorpriża, il-biża', u l-istmerrija (Ekman, 2003, p. 17; Gruber & Moskowitz, 2014, p. 13). Biex emozzjoni tiġi deskritta b'mod xieraq, minbarra l-espressjonijiet tal-wiċċ, fost oħrajn, għandhom jiġu kkunsidrati t-ton tal-vuċi u l-ġestikulazzjoni (Gerth, 2018, p. 11). B'hekk, dawn għandhom post fil-garżella tal-qagħda emozzjonali sabiex tingħatalhom l-attenzjoni xierqa.

In-narrazzjoni tista' toffri spunti deskrittivi partikolari li kapaċi joħolqu effett distint fil-kitbiet (Gerth, 2018, p. 53). Deskrizzjoni tista' tiġi introdotta permezz ta' monologu jew djalogu, biex toħloq suspans u kurżità fil-qarrejja li jkun aktar effettiv milli kieku kien jiġi introdott b'metodi oħra (Gerth, 2018, pp. 53-36).

L-aħħar garżella tal-komponenti deskrittivi hi dik tal-lingwa figurattiva. Din tagħti dimensjoni oħra lill-kitba deskrittiva (Akerson & Young, 2005; Friggieri 2010; Kramer, 2021; Spencer, 2005). L-aktar forom ta' lingwa figurattiva li jitħaddmu f'kitba deskrittiva huma: is-similitudnijiet, il-personifikazzjonijiet u l-metafori (Akerson & Young, 2005; Kramer, 2021; Spencer, 2005). Minħabba li l-qwiel u l-idjomi ħafna drabi jieħdu l-forma ta' xi metafora, dawn ukoll tqiesu bħala parti mil-lingwa figurattiva (Glucksberg, 2001, p. 68, Jensen, 2010, p. 12). Dawn il-forom tqassmu skont il-kumplessità tul il-livelli u huma mistennija fil-livelli l-aktar għoljin tal-istudenti minħabba li tkun intlaħqet maturità skolastika akbar.

Minħabba li l-qafas propost hu mfassal fuq il-prinċipji tal-litteriżmu bbilanċjat (Tompkins, 2021; L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, 2014-2019), it-tluq tal-kitba f'għadd ta' livelli jibda mill-qari ta' mudell. Dan bil-mod il-mod, iħejji t-triq għat-tagħlim u l-kitba b'mod indipendenti u awtonomu. Il-qari ta' mudell jgħin biex l-istudenti jitgħallmu minnu u jtejbu kitbiethom (Graham, Harris & Hebert, 2011, p. 14).

Il-komponenti li ttieħdu bħala essenzjali għall-kitba deskrittiva għandhom jitqiesu bħala katina, fejn ħolqa torbot m'oħra. Dan ifisser li kull garżella, bħal ngħidu aħna, l-ambjent, għandha torbot mal-oħrajn kollha, bħal pereżempju l-lingwa figurattiva, jiġifieri l-ambjent għandu jiġi deskritt bl-użu tal-lingwa figurattiva, u mhux bħala żewġ komponenti li huma 'l bogħod minn xulxin. Madankollu, ġaladarba se jiġu mgħallma ġeneri varji, hu mistenni li mhux dejjem se jkun hemm bżonn il-komponenti kollha fl-istess kitba.

## 3.10. L-assessjar tal-kitba deskrittiva

L-assessjar tal-kitba għandu jkun proċess ta' ġbir ta' informazzjoni li jipprovdi stampa ċara tal-istudenti bħala kittieba (Graham, Harris & Hebert, 2011, p. 6). Hemm tendenza li tingħata importanza akbar lill-evalwar summattiv li hu kkunsidrat biss bħala għodda biex jingħataw il-marki fl-eżamijiet ta' tmiem is-sena (Theall & Franklin, 2010, p. 113; Trumbull & Lash, 2013, p. 3). L-eżamijiet jgħinu lill-istudenti jorganizzaw u jippreparaw ruħhom, jimmotivawhom biex jistudjaw u joffrulhom opportunità biex juru x'jafu (Theall & Franklin, 2010, p. 113). Madankollu, jistgħu jkunu ta' xkiel minħabba li jimponu limiti fuq l-individwi u jżommu lill-istudenti milli jiżviluppaw il-kapaċitajiet kollha tagħhom (Theall & Franklin, 2010, p. 114). Din il-

limitazzjoni jista' jkun li tingħeleb bi tħaddim ta' assessjar formattiv (Theall & Franklin, 2010, p. 114; Williams, 2018, p. 38).

Il-kunċett ta' feedback kostruttiv bejn l-għalliema u l-istudenti, u bejn l-istudenti nfushom, isaħħaħ il-proċess tat-tagħlim għax jindirizza l-ħtiġijiet tal-istudenti (Portelli, 2020, p. 203; Williams, 2018, p. 41). Hu l-feedback li jagħti tifsira u jgħaqqad flimkien il-proċess ta' assessjar formattiv (Portelli, 2020, p. 203). B'hekk, is-sistema formattiva taqdi aħjar lill-istudenti għax tagħtihom rispons fuq xogħolhom (Williams, 2018, p. 41).

Hemm għażliet differenti ta' assessjar formattiv li jistgħu jixxierku mal-qafas tal-kitba deskrittiva. Għażla minnhom hi li jintuża portfolio li jaħżen fih ix-xogħlijiet tal-istudenti (Birgin & Baki, 2007, p. 84; Ambrose, Nancy, Susan, & Shaklee, 1997, p. 27). Il-portfolio hu ġabra mgħarbla bi skop ta' ħidmet l-istudenti li turi l-vjaġġ u l-iżvilupp edukattiv fuq medda ta' żmien (Portelli, 2020, p. 204).

Portfolio jsir f'żewġ stadji: il-portfolio tal-ħidma (working portfolio), dokument li fih jinġabru tentattivi varji u xi xogħol mitmum tal-istudenti matul perjodu; u l-portfolio tal-wiri (display/showcase portfolio), dokument imnaqqi biex juri l-aħjar xogħol magħdum jew l-aqwa kisbiet f'perjodu, u ppreżentat bil-ħsieb li juri l-grad ta' kompetenza milħuqa b'referenza għal xi għanijiet tal-programm tat-tagħlim (Portelli, 2020 p. 204). B'dan il-mod, kemm l-għalliema, kif ukoll l-istudenti, ikunu jistgħu jaraw l-iżvilupp li sar tul dawk l-aħħar xhur. Ix-xogħlijiet li jintużaw bħala kampjun m'hemmx għaliex li jkunu kollha kitbiet twal ta' xi ġeneru speċifiku, jiġifieri xogħol sħiħ. Jista' jkun xogħol fi stadji differenti tal-proċess tal-kitba. Dan hu dejjem xogħol rappreżentattiv tal-mixja tal-istudenti, ngħidu aħna, paragrafu li fih ikunu ntużaw għadd ta' idjomi u

espressjonijiet li wasslu għal deskrizzjoni tajba tal-ambjent, jew forsi ta' xi mind map li kien fiha għadd ta' ideat kreattivi.

Mod ieħor kif jistgħu jiġu assessjati l-istudenti hu bl-użu ta' rubrika, li tista' tintuża kemm għall-assessjar summattiv, iżda wkoll għall-assessjar formattiv tal-qafas propost. Ir-rubriki huma għodda magħrufa għall-assessjar summattiv iżda jistgħu jkunu għodda siewja għall-assessjar formattiv ukoll (McNamara, 2000; p. 26; Jackson & Larkin, 2002, p. 41). Rubrika tista' tkun ħolistika jew analitika (McNamara, 2000; Jackson & Larkin, 2002, p. 42). Jekk tkun ħolistika, tingħata marka waħda għall-prodott finali, li tkun imsejsa fuq l-impressjoni ġenerali li jieħdu l-għalliema fuq il-kitba tal-istudenti (Jackson & Larkin, 2002, p. 42). Fil-każ li tkun rubrika analitika, ikollha żewġ skali separati jew aktar u kull waħda tikkorrispondi għal kull dimensjoni indipendenti ta' kapaċità fil-kitba li qed tingħata marka (Jackson & Larkin, 2002, p. 42; Sowell, p. 273). Ir-rubriki ħolistiċi ħafna drabi jitqiesu bħala aktar effiċjenti għax aktar faċli li jinkitbu u jintużaw malajr (Theall & Franklin, 2010, p. 120). Ir-rubriki analitiċi jipprovdu aktar informazzjoni dettaljata, b'hekk jgħinu lill-istudenti jagħrfu dak li għandhom bżonn jaħdmu iżjed fuqu (Theall & Franklin, 2010, p. 120). Għalhekk, dawn ir-rubriki jagħtu rispons aħjar u jwasslu għal riżultati aktar validi (Theall & Franklin, 2010, p. 120).

Proċess li jimxi id f'id mal-proċess tal-kitba hu l-assessjar formattiv minħabba li l-istudenti jsiru aktar awtonomi u jieħdu sehem sħiħ waqt l-assessjar ta' xogħolhom (Graham, Harris & Herbert, 2011, p. 12). Waqt dan il-proċess irid ikun hemm interazzjoni bejn l-għalliema u l-istudenti filwaqt li jingħata rispons formattiv (Theall & Franklin, 2010, p. 120).

Ir-rubrika tista' tintuża fil-proċess tal-kitba biex tkompli tipprovdi stampa aktar sħiħa tal-progress milħuq mill-istudenti f'aspetti jew skont kriterji differenti. Dan minħabba li tiggwidahom biex bil-mod il-mod tressaqhom lejn il-prodott finali ħalli jiżviluppaw il-potenzjal kollu tagħhom (Jackson & Larkin, 2002, p. 47; Sowell, 2020, pp. 273-274). Biex dan jirnexxi, l-istudenti għandhom jinternalizzaw u jagħmlu użu tajjeb mil-lingwa tar-rubrika (Jackson & Larkin, 2002, p. 47; Sowell, 2020, pp. 273-274).

Il-qafas tal-kitba deskrittiva propost jgħin lill-proċess tal-assessjar formattiv. Il-kisbiet mit-tagħlim tal-kitba deskrittiva li hemm fil-qafas jagħtu destinazzjoni ċara għal fejn għandhom jaslu l-istudenti. Bl-istess mod kif il-kisbiet mit-tagħlim li hemm fis-sillabi tal-Istat jintużaw mill-għalliema biex isawru l-assessjar, hekk ukoll il-kisbiet issuġġeriti fil-qafas tal-kitba deskrittiva jistgħu, u għandhom, jintużaw biex jissawwar l-assessjar. Komponenti varji tal-qafas, ngħidu aħna l-vokabolarju, is-sensi, il-lingwa figurattiva u l-bqija, jistgħu jservu ta' gwida għat-tfassil ta' rubrika biex permezz tagħhom l-għalliema u l-istudenti jkunu jistgħu jagħrfu aħjar x'inhu meħtieġ f'kitba deskrittiva minħabba li l-istudenti jkunu jistgħu jieħdu sehem waqt l-assessjar ta' xogħolhom u jsiru aktar awtonomi (Graham, Harris & Hebert, 2015, p. 22). Aspett ieħor li jgħin fl-assessjar formattiv hu l-fatt li l-qafas hu mtarraġ, li jagħmilha aktar faċli biex jitkejjel il-progress tal-istudenti.

Dan il-qafas jirrakkomanda l-użu ta' rubriki analitiċi minħabba li jagħtu rispons aħjar lill-istudenti u jwasslu għal riżultati aktar validi (Theall & Franklin, 2010, p. 23). F'dan l-istudju tħejjew xi kampjuni (ara Appendiċi Ċ). Il-kategoriji tar-rubriki jirriflettu l-kategoriji ewlenin tal-qafas propost. Dawn ir-rubriki huma ġenerali. Jista' jkun li l-għalliema ma jkollhomx bżonn il-komponenti kollha li hawn imniżżlin. Minflok, dawn jistgħu jbiddluha skont it-topik tal-assessjar tagħhom.

## 3.11. Xi aspetti ta' differenzjar

It-tfal li jidħlu fil-klassijiet għandhom kwalitajiet li jirriflettu l-kultura, ir-reliġjon u l-ambjent tad-dar tagħhom. Mehmużin ma' dawn il-kwalitajiet, l-istudenti għandhom ilkoll stil ta' tagħlim (Bushie, 2015, p. 36), abbiltà (Bushie, 2015, p. 36), u interessi differenti (Bushie, 2015, p. 36; Reis & Renzulli, 2018, p. 88). Aktar kemm il-profil tal-klassi jkun fih diversità, aktar iridu jaħdmu l-għalliema biex jilħqu l-bżonnijiet tal-istudenti tagħhom (Reis & Renzulli, 2018, p. 88). L-għalliema għandhom jikkunsidraw varjazzjonijiet u jimplimentaw adattamenti li jinfluwenzaw il-proċess tat-tagħlim b'mod pożittiv (Portelli, 2020, p. 124).

Daqskemm id-differenzjar jinfluwenza lill-istudenti akkademikament, iħalli impatt fuqhom moralment u emozzjonalment ukoll (Keyes, Shmotkin & Ryff, 2002, p. 1010). Id-differenzjar jagħraf u jakkomoda l-bżonnijiet tal-istudenti, anki dawk li għandhom sfidi fit-tagħlim, u b'hekk jista' jintqal li jippromwovi l-inklużjoni (Panesi, Bocconi & Ferlino, 2020, p. 10). L-inklużjoni twassal għal relazzjonijiet pożittivi bejn l-għalliema u l-istudenti, u bejn l-istudenti nfushom. Dawn ir-relazzjonijiet pożittivi jikkontribwixxu għal klima pożittiva fil-klassi fejn l-istudenti jħossuhom siguri u rrispettati (Panesi, Bocconi & Ferlino, 2020, p. 10).

L-għalliema, b'mod prattiku, jistgħu jvarjaw l-attivitajiet u l-eżerċizzji li jingħataw lill-istudenti (Reis & Renzulli, 2018, p. 89; Portelli, 2020, p. 124). Dan jista' jsir permezz ta' assenjar ta' ħidmiet b'modalitajiet u ta' toqol differenti skont livelli ta' kompetenzi u preferenzi ta' tagħlim varji, ngħidu aħna karta tat-taħriġ b'eżerċizzji gradati (Portelli, 2020 p. 125). Minbarra dan, jista' jsir użu ta' lezzjoni f'lezzjoni għal studenti partikolari (Atwell, 2015, p. 35). Għażla oħra hi li waqt ħidma f'pari jew fi gruppi, l-

istudenti li għandhom xi sfidi fit-tagħlim, jitqiegħdu ma' studenti li jkunu jistgħu jgħinuhom (Reis & Renzulli, 2018, p. 89). Hemm diversi modi oħra kif l-għalliema jistgħu jiddifferenzjaw it-tagħlim tagħhom, fosthom billi: jagħmlu bidliet fil-metodi ta' tagħlim biex jolqtu intelliġenzi varji (Portelli, 2020, p. 125); jassessjaw it-tagħlim tal-istudenti permezz ta' proċessi formattivi (Weselby, 2022); jinvolvu lill-istudenti fit-tiswir tar-rubriki (Portelli, 2020, p. 125); u jistaqsu mistoqsijiet differenti kif jissuġġerixxi l-mudell ta' Bloom (Weselby, 2022).

Il-qafas tal-kitba deskrittiva jagħraf l-importanza tal-aspetti tad-differenzjar. Meta l-għalliema jkollha l-għan li tittratta parti mill-proċess, teknika jew ġeneru tal-kitba deskrittiva, tista' tagħżel li titlaq minn xi mudell eżemplari. Il-pass tal-qari qabel ma tibda l-kitba hu integrat fil-livelli kollha sa mis-snin tal-Primarja sas-Sekondarja. Dan il-mudell letterarju jew informattiv iservi biex l-istudenti jibdew bi gwida li bil-mod il-mod tgħin biex isawru l-istil u jiżviluppaw il-vuċi tagħhom. Għal dawk l-istudenti li għandhom sfidi fit-tagħlim, l-għalliema jistgħu jsawru karti tat-taħriġ gwidati li jkun fihom taħriġiet fejn iridu jimlew il-vojt b'xi kliem deskrittiv f'paragrafu minflok jiktbu l-paragrafu huma mill-bidu jew jiktbu b'mod kollaborattiv ma' sħabhom jew mal-għalliema.

Meta l-għalliema jkunu jixtiequ jiddiferenzjaw għal tfal li huma tajbin ħafna, jistgħu joffrulhom taħriġiet bi sfida akbar. Ngħidu aħna, jekk l-għan tal-lezzjoni jkun li jiddeskrivu ambjent partikolari, bħar-raħal tagħhom, lil dawn l-istudenti tista' tingħatalhom perspettiva differenti, pereżempju jiddeskrivu r-raħal tagħhom mill-għajnejn ta' gremxula. Element ieħor li jistgħu jvarjaw l-għalliema hu t-tip ta' feedback li jagħtu. Jekk hemm xi studenti tal-Primarja li huma tajbin ħafna, l-

għalliema jistgħu juruhom kif jużaw, ngħidu aħna, is-similitudnijiet, element li mhux propost li jiġi introdott fis-snin tal-Primarja.

Jekk l-għalliema jkunu jridu jiddifferenzjaw minħabba kulturi differenti, jistgħu jagħżlu li l-mudell li se jintuża għall-qari jdur ma' pajjiż b'kultura li mhix Maltija, karattri ta' nazzjonalità mhux Maltija, u forsi wkoll, reliġjon differenti. Din tgħodd ukoll għall-karattri li hemm fil-qafas. Ngħidu aħna, fejn jissemma Santa Klaws, jekk ikun hemm studenti li ma jemmnux bih, jew jemmnu f'xi ħadd ieħor, jistgħu jiktbu ittra lil min jixtiequ.

Fil-lezzjonijiet tal-kitba deskrittiva l-għalliema għandhom jesperimentaw b'modalitajiet differenti biex jilħqu l-istili tat-tagħlim differenti li jkun hemm fil-klassi (Weselby, 2022). Għandhom jitilqu mill-idea li t-tagħlim tal-kitba jsir biss permezz ta' karta u lapes jew pinna, ġieli wkoll l-użu tat-tastiera u l-kompjuter, u jintegraw kanzunetti, filmati, drama, teknoloġija u aktar fil-lezzjonijiet tagħhom.

## 3.12. Xi limitazzjonijiet tal-qafas kurrikulari tal-kitba deskrittiva

L-iżvilupp tal-qafas kurrikulari kien proċess li pprova jaħseb għal dak kollu li jista' jinqala' fil-prattika iżda hemm xi limitazzjonijiet li huma inevitabbli.

Il-kuntesti edukattivi jistgħu jvarjaw ħafna mill-att ta' kultura, ekonomija u fatturi soċjali. Qafas kurrikulari li hu żviluppat b'kuntest f'moħħ ir-riċerkatur jaf ma jkunx faċli li jiġi ttrasferit għal kuntest differenti peress li l-effettività u r-relevanza tiegħu kapaċi jinbidlu (Price & Murnan, 2004, p. 66). Dan iwassal għal limitazzjoni oħra: l-implimentazzjoni (Shipman, 2014, p. 120). It-twettiq ta' qafas kurrikulari jista' jiġi

influwenzat minn fatturi varji, ngħidu aħna d-disponibbiltà ta' riżorsi u t-taħriġ tal-għalliema (Shipman, 2014, p. 122).

Limitazzjoni oħra għandha x'taqsam man-natura tal-edukazzjoni (Price & Murnan, 2004, p. 66). Il-qasam edukattiv hu dinamiku u jiżviluppa kontinwament minħabba r-riċerka, it-teknoloġija u l-metodoloġiji differenti mħaddma. Dan il-fatt jista' jillimita r-relevanza u l-impatt fit-tul li kapaċi jkollu l-qafas propost.

## 3.13. Konklużjoni

Dan il-kapitlu ppreżenta l-qafas kurrikulari propost (ara Appendiċi A, B u Ċ) flimkien ma' għadd ta' metodi ta' tagħlim li jistgħu jitħaddmu biex jagħtu l-ħajja lill-qafas. Barra minn hekk, f'dan il-kapitlu ġie diskuss kif jista' jsir id-differenzjar għal studenti li jkollhom xi diffukaltajiet fit-tagħlim. Fl-aħħar, ġew irrikonuxxuti xi limitazzjonijiet li jistgħu jitilgħu fil-wiċċ meta dan il-qafas jitqiegħed fil-prattika.

# Kapitlu 4: Riflessjoni Personali fuq il-Proġett

## 4.1. L-importanza tar-riflessjoni fl-iżvilupp professjonali

Ir-riflessjoni hi pass kruċjali fil-proċess tar-riċerka (Finlay, 2008, p. 1). Permezz tar-riflessjoni, ir-riċerkaturi jkunu kapaċi janalizzaw dak li diġà għamlu, u jtejbu dak li ġej. L-għalliema u r-riċerkaturi għandhom jgħarblu l-esperjenza billi jfelluha, jifhmuha b'reqqa u jaraw x'jistgħu jitgħallmu minnha (Portelli, 2020 p. 218).

Ir-riflessjoni dwar ir-riċerka jew l-esperjenza tista' twassal biex jiġu identifikati l-elementi b'saħħithom tal-istudju u elementi li huma inqas b'saħħithom (Creswell, 2014, p. 54). Permezz tar-riflessjoni dwar dawn l-elementi, ir-riċerkaturi jistgħu jaħsbu f'modi kif jistgħu jtejbu r-riċerka tagħhom fil-futur (Creswell, 2014, p. 54). Għalkemm neċessarja, it-triq tar-riflessjoni mhix dejjem hi dritta u għall-wita (Portelli, 2020, p. 221; Zeichner & Liston, 2014 p. 8) iżda hi l-qofol tal-iżvilupp professjonali ta' min qed jirrifletti (Zeichner & Liston, 2014, p. 9).

## 4.2. Merti tal-qafas tal-kitba deskrittiva

It-tluq ta' dan il-proġett kien li jindirizza n-nuqqas li jinħass fis-Sillabi tal-Malti tal-Istat (ara Kapitlu 2) biex jindirizzaw b'mod sodisfaċenti kif l-istudenti għandhom jitgħallmu jiktbu kitba deskrittiva ta' livell tajjeb billi jużaw fost l-oħrajn is-sensi, il-lingwa figurattiva, u n-nomi u l-verbi preċiżi. Barra minn hekk, f'dawn id-dokumenti jinħass nuqqas ieħor b'rabta għall-metodi ta' tagħlim. Għalkemm issir referenza għal xi ġeneri u stadji mill-proċess tal-kitba, tal-ewwel huwa repetut minn sena għall-sena, u l-uniku stadju li ssir enfasi fuqu hu l-ippjanar. In-nuqqas ta' speċifikar u kisbiet jew sottoħiliet ċari jwasslu biex l-għalliema jaqbdu triq għalihom u jmexxu skont dak li jemmnu huma li huwa l-aħjar. L-għanijiet li hemm fis-sillabi jittennew u l-varjazzjoni bejn kull għan hu l-għadd ta' kliem li huma mistennija jiktbu l-istudenti. Minħabba

f'hekk, minn sena għall-oħra l-għalliema ma jkunux jafu x'għandhom jistennew mill-istudenti tagħhom u l-istudenti jista' jkun li jmorru pass lura u jirrepetu dak li jkunu għamlu diġà fis-snin ta' qabel.

Il-qafas tal-kitba deskrittiva propost (ara Appendiċi A) ipprova jnaqqas jew jelimina t-tensjoni permezz ta' kisbiet ċari li jittarrġu mis-Snin Bikrin sas-snin tas-Sekondarja, u allura jiggradwaw il-proċess tat-tagħlim. Il-qafas propost issejjes fuq riċerka (ara Kapitli 1, 2 u 3), jorbot mal-għanijiet ta' dokumenti kurrikulari varji Maltin, hu msawwar bl-intenzjonijiet li jkun faċli biex jifhmuh l-għalliema u biex jiġi implementat, jagħti importanza lid-differenzjar, jenfasizza t-tagħlim b'aktar minn modalità waħda u jipprovdi gwida għall-assessjar u l-evalwar. Il-proġett mhux biss ippropona gwida għall-assessjar u l-evalwar, iżda nisiġha fil-proċess innifsu.

L-għażla li nagħmel din ir-riċerka saret peress li ħadd ma kellu risposta ċara għal din it-tensjoni, bħallikieku l-kitba deskrittiva ftit jitkellmu dwarha, jew aħjar, ftit huma li jafu x'inhi eżatt u kif tista' tiġi mgħallma f'livelli differenti (ara d-Daħla). Dan il-proġett għaqqad oqsma tal-kitba, filosofija, retorika u stilistika flimkien, u b'hekk kixef il-kwalitajiet ewlenin ta' kitba deskrittiva. Din id-dissertazzjoni pprovat tissintetizza paradigmi li kultant huma 'l bogħod minn xulxin u tikxef dak li s-soltu ma jitkellem fuqu kważi ħadd, permezz ta' għadd ta' eżempji (ara Kapitlu 1 u Appendiċi A). Għalhekk, dan il-proġett kixef dak li s-soltu jitqies bħala inviżibbli.

## 4.3. Il-ħidma ta' entitajiet differenti b'risq il-kitba deskrittiva

L-ewwel ħidma b'risq it-tagħlim effettiv tal-kitba deskrittiva għandha tiġi mill-aġġornamenti f'dokumenti kurrikulari. *Il-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali* (Ministeru tal-Edukazzjoni u tax-Xogħol, 2012, p. 51) jisħaq li l-ħila tal-kitba, bħala parti mil-litteriżmu, hi parti essenzjali mill-pedament biex jitkompla. Meta jkun hemm reviżjoni fis-Sillabi tal-Malti, min ifassal is-sillabi tajjeb jikkunsidra u forsi jaddotta l-qafas tal-kitba desrittiva propost bħala mudell riċerkat biex ikun hemm titjib meħtieġ fis-sistema. Il-qafas propost jippreżenta kisbiet ċari u mtarrġa li juru lill-għalliema u lill-istudenti sa fejn għandhom jaslu sena wara sena. Dawn il-kisbiet jipproponu ġeneri differenti u kreattivi, kif ukoll taħriġ fil-proċess tal-kitba. Il-qafas propost joffri opportunità għall-esperimentazzjoni b'modalitajiet interattivi li jgħinu lill-Malti jibqa' relevanti u kkuntestwalizzat f'dinja mgħaġġla u moderna.

Kulma ġie propost f'din id-dissertazzjoni jista' jingħata l-ħajja permezz tar-rieda tal-għalliema. Fil-klassijiet l-għalliema għandhom jagħtu importanza lill-kitba deskrittiva, u fejn hu possibbli anki waqt lezzjonijiet ta' funzjonijiet ta' kitba oħra (Carter, 2015, p. 38). Ngħidu aħna, waqt kitba narrattiva l-għalliema jistgħu jikkummentaw fuq deskrizzjoni ta' karattru. L-għalliema jistgħu wkoll jaħdmu flimkien u jaqsmu l-ideat tagħhom fi grupp (Lingo, Barton-Arwood, & Jolivette, 2011, p. 6; Sparks, 2013 p. 28). Il-qasam edukattiv hu dinamiku u jiżviluppa kontinwament permezz tar-riċerka, it-teknoloġija u l-metodoloġiji differenti mħaddma (Price & Murnan, 2004, p. 66). Għalhekk, jeħtieġ li l-għalliema tal-Malti jaġġornaw il-pedagoġija tagħhom, fosthom b'rabta mat-tagħlim tal-kitba. Barra minn hekk, jistgħu jittieħdu xi inizjattivi b'risq il-

kitba deskrittiva bħat-tiswir ta' xi workshops jew klabbs tal-kitba li jsiru fil-breaks u jinqraw xi xogħlijiet deskrittivi tal-istudenti waqt l-assembly.

Il-ġenituri u l-kustodji wkoll jistgħu jagħtu sehemhom f'dan kollu. Ma' etajiet bikrin u żgħar, il-ġenituri jistgħu jħeġġu lil uliedhom jagħrfu s-sabiħ tal-kitba. Hemm għadd ta' modi kif isir dan ... L-imħabba għall-kitba tista' tibda mill-qari (Taylor, 2010). Jekk il-ġenituri u l-kustodji jibdew minn kmieni jaqraw ma' wliedhom u aktar 'il quddiem jagħtuhom kotba li jaħsbu li jieħdu pjaċir jaqraw, jeħduhom il-libreriji u l-ħwienet tal-kotba, hemm ċans li jsawrulhom attitudni pożittiva lejn il-qari. Il-ġenituri u l-kustodji jistgħu jagħtuhom xi djarju sabiħ (Taylor, 2010) biex iqanqlulhom l-interess. Inizjattiva oħra hi li jaqraw ma' wliedhom il-kitbiet li jkunu qed jiktbu għall-iskola. Dawn jistgħu jfaħħruhom u jagħtuhom l-opinjonijiet tagħhom biex jagħmlulhom il-kuraġġ jippruvaw aktar u jixprunawhom jiżviluppaw bħala kittieba żgħar.

## 4.4. Xi limitazzjonijiet ta' dan l-istudju

Bħal kull riċerka, għalkemm ir-riċerkatur jipprova jaħseb għal dak kollu li jista', inevitabbilment jitilgħu fil-wiċċ xi limitazzjonijiet. Madankollu, il-limitazzjonijiet jistgħu jiġu interpretati bħala bibien miftuħin għal studji ġodda (Shipman, 2014, p. 120).

Kull riċerka fiha element ta' suġġettività għax hi influwenzata mill-għarfien, mill-perspettivi, mill-valuri, mill-esperjenzi soċjali u mill-attitudnijiet tar-riċerkatur (Allen, 2017 p. 111). Fit-tiswir tal-qafas tal-kitba deskrittiva kellhom isiru għażliet ta' x'komponenti u x'suġġetti jidħlu fil-kontenut. Għalkemm l-għażliet huma kollha msejsin fuq ir-riċerka, ma jfissirx li kull riċerkatur kien jagħżel l-istess taħlita ta' elementi għall-qafas. F'dan il-qafas ntgħażlu l-elementi li tqiesu essenzjali u fundamentali f'xogħol li suppost jagħti direzzjoni u jkun ta' gwida infurmata.

Kull kuntest edukattiv għandu varjabbli li jagħmluh uniku u paradossalment simili għal oħrajn bħalu. Il-kuntesti edukattivi jistgħu jvarjaw ħafna mil-lat ta' kultura, ekonomija u fatturi soċjali. Qafas kurrikulari li hu żviluppat b'kuntest partikolari f'moħħ ir-riċerkatur jaf ma jkunx faċli li jiġi ttrasferit għal kuntest differenti mingħajr ma jinbidlu l-effettività u r-relevanza tiegħu (Price & Murnan, 2004 p. 66). Dan iwassal għal limitazzjoni oħra: l-implimentazzjoni (Shipman, 2014, p. 122). It-twettiq ta' qafas kurrikulari jista' jiġi influwenzat minn fatturi varji, bħad-disponibbiltà tar-riżorsi u t-taħriġ tal-għalliema (Shipman, 2014, p. 122). Ngħidu aħna, jekk l-għalliema ma jkunux imħarrġa fit-tagħlim tal-proċess tal-kitba, jaf ikollhom diffikultà fl-implimentazzjoni tal-kisbiet li jduru mal-kitba bħala proċess.

Minħabba n-natura tad-dissertazzjoni u ż-żmien li riedet issir fih, ma ġewx ipprovduti il-lezzjonijiet kollha meħtieġa biex tintlaħaq kull kisba tal-qafas. Minbarra n-natura tad-dissertazzjoni, ittieħdet din id-deċiżjoni wkoll biex ir-riċerka ma tkunx preskrittiva u tagħti opportunità lill-għalliema biex jippersonalizzaw dan il-qafas bl-istil individwali tagħhom.

## 4.5. Skop għal aktar riċerka

It-tmiem ta' studju jfisser il-bidu ta' oħrajn. Għad hemm għadd ta' studji x'jistgħu jsiru b'rabta' mat-tagħlim tal-kitba u tal-kitba deskrittiva. Se jinkitbu xi ssuġġerimenti li jistgħu jkunu t'għajnuna għal min jixtieq jagħmel riċerka fuq xi funzjoni tal-kitba jew fuq il-kitba deskrittiva.

Minħabba li hemm erba' funzjonijiet prinċipali tal-kitba, jistgħu jissawru oqfsa għaż-żewġ funzjonijiet l-oħra tal-kitba li għadhom ma ġewx irriċerkati b'dan il-mod: il-kitba

espożitorja u l-kitba argumentattiva. Flimkien, la jitlestew, joffru qafas irriċerkat u robust li għandu jirfed u jtejjeb it-tagħlim tal-kitba bil-Malti.

Tip ta' riċerka oħra li tista' ssir hi dik li għandha x'taqsam mal-assessjar u l-evalwar tal-kitba. Mill-karti tal-eżamijiet jistgħu jiġu analizzati l-mistoqsijiet u t-tweġibiet b'rabta mal-kitba deskrittiva. Jekk dawn jiġu trattati b'mod dettaljat, ikunu jistgħu jiġu identifikati aħjar in-nuqqasijiet u d-diffikultajiet li jsibu l-istudenti meta jiġu biex jiktbu komponiment deskrittiv. Minn dan l-għarfien tkun tista' titfassal strateġija li timpatta l-prattika b'mod immirat u pożittiv.

Dan l-istudju jiġi applikat fi skejjel varji biex tiġi analizzata l-effettività tal-qafas propost. Xi lehmiet kif jista' jsir dan se jiġu diskussi f'aktar dettall fit-taqsima li ġejja.

## 4.6. L-evalwazzjoni ipotetika tal-qafas tal-kitba deskrittiva

Din it-taqsima se toffri rendikont tal-proċess, jew aħjar tiddiskuti l-metodoloġija, li kieku kellha ssir evalwazzjoni prattika tal-qafas propost tal-kitba deskrittiva. Qed jiġu ssuġġeriti żewġ possibbiltajiet ta' evalwazzjoni – l-analiżi tal-opinjonijiet u l-feedback tal-għalliema, u oħra bi stħarriġ tax-xogħlijiet tal-istudenti.

Għall-evalwazzjoni li tinvolvi l-għalliema, l-epistemoloġija interpretivista tkun l-aktar paradigma adattata minħabba li l-għan tagħha hu l-osservazzjoni ta' kif in-nies jagħmlu sens mid-dinja u kif iġarrbuha (MacIntosh & O'Gorman, 2015, p. 62). L-epistemoloġija interprevista twassal għall-metodu ta' riċerka kwalitattiva permezz ta' intervisti bħala mezz ewlieni kif tinġabar l-informazzjoni (Ponterotto, 2005, p. 31).

L-intervisti għandhom isiru dwar il-qafas tal-kitba deskrittiva ma' varjetà ta' għalliema mil-livelli differenti. Idealment, qabel l-intervista, l-għalliema tajjeb li jkunu ngħataw kopja tal-qafas tal-kitba deskrittiva flimkien mal-kampjuni tal-lezzjonijiet, u forsi wkoll ikunu ppruvaw xi lezzjonijiet minnu fil-klassijiet tagħhom biex ikunu jistgħu jiddiskutu mill-esperjenza. Għall-intervisti, ir-riċerkaturi għandhom iħejju għadd ta' mistoqsijiet miftuħa biex l-għalliema jkollhom il-flessibbiltà li jelaboraw it-tweġibiet (Cohen, Manion & Morrison, 2007, p. 321). L-intervisti għandhom jiġu rrekordjati u jinżammu f'post sigur biex aktar tard fir-riċerka jiġu traskritti. Wara l-proċess tat-traskrizzjoni, ir-riċerkaturi għandhom jgħaddu għall-analiżi tar-riżultati.

Il-parteċipanti tar-riċerka għandhom jiġu rrispettati u għalhekk, f'kull riċerka, l-etika għandha tingħata importanza. Minbarra r-rispett, l-etika tassigura li r-riċerka tkun qed issir b'mod responsabbli, ġust u trasparenti (Gregory, 2003, p. 49). Għal din ir-riċerka, ir-riċerkaturi għandhom iħejju ittra ta' informazzjoni u formola ta' kunsens għall-għalliema. Fl-ittra tal-informazzjoni għandhom jiġu spjegati l-għan tar-riċerka u l-iskop tal-intervisti.

Min-naħa l-oħra, l-evalwazzjoni li tinvolvi l-analiżi tax-xogħlijiet tal-istudenti, tinvolvi aktar minn epistemoloġija waħda adattata. Ir-riċerkaturi jistgħu jagħżlu l-epistemoloġija pożittivista jekk jixtiequ li jqabblu x-xogħlijiet b'mod kwantitattiv (O'Gorman & MacIntosh, 2015, p. 61), ngħidu aħna jikkategorizzaw u forsi jgħoddu l-iżbalji, jew jużaw xi rubrika biex jgħarblu u/jew jagħtu marka lill-kitbiet li jkunu qed jistudjaw.

Suġġeriment ta' kif jista' jsir studju bħal dan hu li jintgħażlu żewġ gruppi ta' studenti, grupp minnhom li jkun qed isegwi l-lezzjonijiet tal-kitba deskrittiva li normalment isiru

u grupp ieħor li jkun qed isegwi l-lezzjonijiet kif proposti fil-qafas tal-kitba deskrittiva. Ir-riċerkaturi jistgħu mbagħad jaqbdu għadd ta' kitbiet taż-żewġ gruppi u jqabblu liema grupp ikollu l-aħjar kwalità ta' kitba. Biex ir-riċerka tkun ġusta kemm jista' jkun, iż-żewġ gruppi għandhom ikollhom studenti tal-istess età, kemm jista' jkun ikunu tal-istess livell u jingħataw l-istess titlu deskrittiv x'jiktbu.

Minħabba li r-riċerkaturi jkunu qed jistudjaw xogħlijiet ta' gruppi ta' studenti differenti, minbarra l-ittra ta' informazzjoni u formola ta' kunsens lilhom, dawn id-dokumenti għandhom jintbagħtu wkoll lill-ġenituri u l-kustodji tal-istudenti.

Wara dan kollu, ir-riċerkaturi għandhom jiġbru r-riżultati u s-suġġerimenti li ngħataw dwar il-qafas propost u janalizzawhom biex itejbu kemm joqormu kemm jista' jkun il-kontenut tal-qafas.

## 4.7. Mill-għatba 'l ġewwa

Li kieku nista' nreġġa' l-arloġġ lura, fost il-ħafna affarijiet li nagħmel, immur fuq dik it-tfajla bilqiegħda fuq il-bank imħażżeż ta' wara fil-klassi. Kont ngħidilha kemm kienet sejra żbaljata f'dak li qed taħseb.

Ngħidilha li bil-kitba deskrittiva tista' tpitter l-isbaħ xeni.

Ngħidilha li tista' tkabbar fjuri kkuluriti ta' kull qies minn ġol-kotba u tgħum f'ibħra taċ-ċikkulata, fejn il-ħut ikun kollu ħelu tal-ġuġù.

Ngħidilha li tista' tikteb dwar għasafar li jkantaw l-opri u dwar irwejjaħ li jtellgħuha l-ġenna.

Ngħidilha li tista' ssir ħabiba ta' lapes qsajjar u mgerrem li joqgħod jirrakkontalha minn xiex għadda, u ma' gomma li taqbżilha demgħa hekk kif tisma' dan kollu.

Ngħidilha li tista' ssawwar dawk l-ambjenti eċitanti tal-films u karattri li jibqa' jiftakarhom kulħadd.

Imma l-arloġġ, ma nistax inreġġgħu lura. Allura, se nħares lejn il-ġejjieni. Quddiemi se jkolli tfal li mingħalihom, kif kont mingħalija jien sa ftit snin ilu, li l-kitba deskrittiva ma nużawhiex fil-ħajja ta' kuljum daqs il-kitbiet l-oħra u li ma fihiex gost u struttura. Issa, lil dawn it-tfal, li għandhom fehma mhux għalkollox preċiża, naf kif nista' ngħallimhom, bil-galbu kollu l-ġmiel u s-seħer tal-kitba deskrittiva.

Permezz tar-riċerka li saret għat-tiswir ta' dan l-istudju, nista' nwieġeb il-mistoqsijiet li spiss ikunu fuq fomm l-għalliema u l-istudenti dwar il-kitba deskrittiva. Ir-riċerka (ara Kapitlu 1) uriet kif l-istudenti jistgħu jintwerew l-utilità u r-relevanza tal-kitba deskrittiva fil-ħajja ta' kuljum billi josservaw eżempji meħudin mir-reklamar (Tompkins, 2008; Torto, 2016, p. 48), mid-djarji (Rainer, 2004, p. 42), mill-ġurnaliżmu (Foroux, 2017; Cnox, 2018) u mil-letteratura (Wolf & Bernhart, 2007; Friggieri, 2010). Permezz tal-qafas propost, l-għalliema jistgħu jsegwu kisbiet ċari u mtarrġin sena wara sena. Il-qafas (Appendiċi A), u l-kampjuni tal-lezzjonijiet (Appendiċi B) juru kif il-kitba deskrittiva tista' tiġi mgħallma minn perspettivi differenti.

B'din id-dissertazzjoni nħossni kbirt bħala persuna, kittieba, riċerkatriċi, u fuq kollox, bħala għalliema tal-Malti. Minn suġġett li qatt ma stajt nifhmu biżżejjed, mill-oqsma differenti li ltqajt magħhom fil-kors tal-edukazzjoni – psikoloġija, filosofija, soċjoloġija, metodoloġija tal-lingwa, u studji tal-edukazzjoni – it-tagħlim tal-kitba sar wieħed mill-aktar għal qalbi. Mil-lum 'il quddiem dak li meta kont għadni iżgħar kien jiċċassani, illum sar xi ħaġa li ngħożż u li ħerqana aktar minn qatt qabel li naqsam dak kollu li tgħallimt dwaru, b'pass meqjus, mal-istudenti tiegħi.

# Il-biblijografija


Akerson, V., & Young, T. (2011). Science the “write” way. *Science & Children*, *43*(3), pp. 5-23.

Alkin, M., Linden, M., Noel, J., & Ray, K. (1992). *Encyclopaedia of Educational Research* (is-6$^{tt}$ ed.). Macmillan.

Allen, M. (2017). *The SAGE Encyclopedia of Communication Research Methods* (ir-4$^{ba'}$ vol.). SAGE Publications.

Ambrose, R., Nancy, B., Susan, H., & Shaklee, B. (1997). *Designing and Using Portfolios.* Allyn & Bacon.

Aquilina, J. (1972). *A Comparitive Dictionary of Maltese Proverbs.* University of Malta.

Aquilina, J. (1999). *English-Maltese Dictionary* (it-2$^{ni}$ vol.). Midsea Books.

Aristotle. (2005). *The Art of Rhetoric.* (H. Lawson-Tancred, Ed.). Penguin Books.

Ashman, H., & Menken, A. (1991). Be our guest [kanzunetta]. *Beauty and the Beast* [film]. Walt Disney Studios.

Atwell, N. (2015). *In the Middle: New Understandings about Writing, Reading, and Learning.* Heinemann.

Australian Association for the Teaching of English. (2014). *Review of the Australian Curriculum: Final Report.* Australian Government Department of Education.

Australian Curriculum, (2016). *What is Literacy?* Moqri fil-11 [ta'] Diċembru, 2022. Misjub fis-sit: https://www.australiancurriculum.edu.au/resources/national-literacy-and-numeracy-learning-progressions/national-literacy-learning-progression/what-is-literacy/?searchTerm=what+is+literacy#dimension-content.

Badger, R. (2002). *Product, Process and Genre: Approaches to Writing in EAP.* University of Stirling.

Badger, R., & White, G. (2000). A process genre approach to teaching writing. *English Language Teaching Journal*, *54*(2), pp. 153-160.

Birgin, O., & Adnan, B. (2007). The use of portfolio to assess student's performance. *Journal of Turkish Science Education*, *4*(2), pp. 75-90.

Bowkett, S. (2009). *Countdown to Non-Fiction Writing: Step by Step Approach to Writing Techniques for 7-12 years*. Routledge.

Bremer, J. (2005). *Plato's Ion: Philosophy as Performance.* BIBAL Press.

Bruner, J. S. (2009). *The Process of Education*. Harvard University Press.

Bushie, C. (2015). Differentiation in education. *British University Journal of Graduate Studies in Education, 7*(2), pp. 35-42.

Calkins, L. (2020). *Teaching Writing.* Heinemann.

Cambridge Dictionary (2023). *Description*. Moqri fid-9 [ta'] Settembru, 2022. Misjub fis-sit: https://dictionary.cambridge.org/dictionary/english/description.

Camilleri Grima, A. (Ed.). (2001). *Skaluni għat-Tagħlim tal-Malti fis-Sekondarja.* University of Malta.

Camilleri Grima, A. (2020). *Bil-Kelma t-Tajba: Prinċipji u Kreattività fil-Pedagoġija tal-Lingwa.* Klabb Kotba Maltin.

Carter, K. (2015). Teaching descriptive writing through visualization and the five senses. *English Teaching Forum 53*(2), pp. 37-40.

Clark, M. D. (2015). *Creative Writing in the Digital Age.* Bloomsbury Publishing.

Cnox, D. (2018). *Writing Descriptions for Media*. Misjub fis-sit: https://livingarchives.eu/describing-media/index.html

Cohen, L., Manion, L., & Morrison, K. (2007). *Research Methods in Education* (it-8[in] ed.). Routledge.

Cremin, T. (2022). *Teaching English Creatively.* Routledge.

Creswell, J. W. (2014). *A Concise Introduction to Mixed Methods Research*. SAGE Publications.

Crowther, K., Curtright, L., & Gilbert, N. (2020). *Rhetorical Modes of Writing*. Pressbooks.

Crystal, D. (2011). *A Dictionary of Linguistics and Phonetics*. John Wiley & Sons.

Dee Fink, L. (2013). *Creating Significant Learning Experiences: An Integrated Approach to Designing College Courses.* Jossey-Bass.

Department for Education, England. (2012). *English Programmes of Study: Key Stages 1 and 2.* Department for Education, England.

Dombey, H. (2016). *Writing Should be Taught as a Creative Art, not Just a Grammar Exercise*. Misjub fis-sit: https://www.theguardian.com/.

Ekman, P. (2003). *Emotions Revealed: Recognizing Faces and Feelings to Improve Communication and Emotional Life.* Henry Holt and Company.

Farrugia, K. (2019). *L-Idjomi Maltin: Analiżi Strutturali u Ġabra Kunċettwali.* University of Malta.

Finlay, L. (2008). Reflecting on 'Reflective Practice'. *Practice-based Professional Learning Paper 52, (*pp. 1-27). The Open University.

Foroux, D. *3 Rules for Writing Effective Articles.* Misjub fis-sit: https://dariusforoux.com/writing-effective-articles/

Friggieri, O. (2010). *Dizzjunarju ta' Termini Letterarji: Teorija, Metrika, Stilistika b'Eżempji mil-Letteratura Maltija* (it-2ni ed.). Klabb Kotba Maltin.

Gaines, R. N. (Ed.). (2000). *Rereading Aristotle's Rhetoric*. Southern Illinois University.

Gallagher, K. (2011). *Write Like This: Teaching Real-World Writing Through Modeling & Mentor Texts*. Stenhouse Publishers.

Gerth, S. (2018). *Show, Don't Tell: How to Write Vivid Descriptions, Handle Backstory, and Describe Your Characters' Emotions.* Ylva Publishing.

Glucksberg, S. (2001). *Understanding Figurative Language: From Metaphors to Idioms.* Oxford University Press.

Graham, D. (2012). *The Five-Paragrah Essay is Bad for Writing*. Misjub fis-sit: https://www.theatlantic.com/education/archive/2012/06/the-five-paragraph-essay-is-bad-for-writing/258293/.

Graham, S. (2019). Changing how writing is taught. *Review of Research in Education*, *43*(1), pp. 277-303.

Graham, S., & Herbert, M. (2010). *Writing to Read: Evidence for How Writing Can Improve Reading.* Alliance for Excellent Education.

Graham, S., & Perin, D. (2007). *Writing Next: Effective Strategies to Improve Writing of Adolescents in Middle and High Schools.* Alliance for Excellent Education.

Graham, S., Harris, K., & Hebert, M. (2011). *Informing Writing: The Benefits of Formative Assessment. A Carnegie Corporation Time to Act Report.* Alliance for Excellent Education.

Graves, D. (1983). *Writing: Teachers & Children at Work.* Heinemann.

Graves, D. (1994). *A Fresh Look at Writing.* Heinemann.

Gregory, I. (2003). *Ethics in Research.* A&C Black.

Grossmann, D. (2009). *The Process Approach to Writing.* University of Birmingham.

Gruber, J. M. (2014). *Positive Emotion: Integrating the Light Sides and Dark Sides.* Oxford University Press.

Harper, D. (2001-2022). *Description*. Moqri fid-9 ta' Settembru, 2022. Misjub fis-sit: https://www.etymonline.com/.

Harris, M. B. & Parkes, J. (2002). The purposes of a syllabus. *College Teaching*, *50*(2), pp. 55-61.

Hattie, J. (2008). *Visible Learning: A Synthesis of Over 800 Meta-Analyses Relating to Achievement.* Routledge.

Hillocks, G. (2010). *Teaching Writing as Reflective Practice.* Teachers College Press.

Hyland, K. (2002). *Teaching and Researching Writing.* Pearson Publication.

Hyland, K. (2003). Genre-based pedagogies: A social response to process. *Journal of second language writing*, *12*(1), 17-29. Elsevier.

Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni ta' Malta (2021). *ĊES 22 Sillabu: Il-Malti.* Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni ta' Malta.

Inglis, F., & Aers, L. (2008). *Key Concepts in Education.* SAGE Publications.

Jackson, C. W., & Larkin, M. J. (2002). Teaching students to use grading rubrics. *Teaching Exceptional Children*, *35*(1), pp. 40-45.

Jacobs, H. H. (2006). *Active Literacy Across the Curriculum.* Routledge.

Jensen, L. (2010). *Aspects of Figurative Language: Metaphors, Idioms and Proverbs in Foreign Language Teaching.* GRIN Publishing.

Johannessen, L. R. (1995). *Teaching Descriptive/Narrative Writing: Strategies for Middle and Secondary Students.* Saint Xavier University.

Keyes, C. L., Shmotkin, D., & Ryff, C. D. (2002). Optimizing well-being: the empirical encounter of two traditions. *Journal of Personality and Social Psychology*, *82*(6), pp. 66-76.

Kille, L. W. (2009). Committee of Concerned Journalists: The Principles of Journalism. Pew Research Centre.

King, S. (2010). *A Memoir of the Craft: On Writing.* Scribner.

Kist, W. (2010). *The Socially Networked Classroom: Teaching in the New Media Age.* Corwin Press.

Kramer, L. (2021). *How to Take Descriptive Writing to the Next Level*. Moqri fit-3 ta' Novembru, 2022. Misjub fis-sit: https://www.grammarly.com/blog/descriptive-writing/.

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (2019). *L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd f'Malta u Għawdex.* Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (2021-2030). *L-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd f'Malta u Għawdex.* (Dokument ta' konsultazzjoni). Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol.

Lapp, D., & Flood, J. (1993). Issues and trends: Are there 'real' writers living in your classroom? Implementing a writer-centered classroom. *The Reading Teacher*, *47*(3), pp. 254-258.

Lingo, A. S., Barton-Arwood, S. M., & Jolivette, K. (2011). Teachers working together: Improving learning outcomes in the inclusive classroom-practical strategies and examples. *Teaching Exceptional Children*, *43*(3), pp. 6-13.

Lipton, L., & Hubble, D. (2008). *More than 100 Ways to Learner-Centred Literacy.* SAGE Publications.

Longinus. (2011). *Longinus on the Sublime.* (W. R. Roberts, Ed.) Cambridge University Press.

Longknife, A., & Sullivan, K. D. (2012). *Art of Styling Sentences*. Simon and Schuster.

Lynch, E. (2018). *Components of Balanced Literacy and Strategies for the Classroom*. Moqri fil-15 ta' Diċembru, 2021. Misjub fis-sit: https://www.sadlier.com/school/ela-blog/overview-of-balanced-literacy-components-strategies.

MacIntosh, R., & O’Gorman, K. (2015). 'Mapping Research Methods'. F’MacIntosh, & K. O’Gorman, *Research Methods for Business and Management* (It-2ni ed.) (pp. 50-74). Goodfellow Publishers.

McCarthy, T. (1998). *Descriptive Writing.* Scholastic.

McGarth, M. (2019). *Digital Literacy in Ontario’s Schools: Is it Enough?* Moqri fid-9 ta' Novembru, 2022. Misjub fis-sit: https://www.tvo.org/article/digital-literacy-in-ontarios-schools-is-it-enough.

McKenna, M. C., & Robinson, R. D. (2010). Content literacy: A definition and implications. *Journal of Reading*, *34*(3) pp. 184-186.

McNamara, T. (2000). *Language Testing.* Oxford University Press.

Mejlak, P. (2009). *Qed Nistenniek Nieżla max-Xita*. Merlin Publishers.

Micallef, S. (2013). *Raġel Irrappurtat Nieqes*. Moqri fl-4 ta' Jannar, 2023. Misjub fis-sit: https://tvmnews.mt/news/ragel-irrapurtat-nieqes/.

Mifsud, I. (2021). *Paramm, Paramm.* Klabb Kotba Maltin.

Miles, T., & Howell, J. (2008). *Creating Writers in the Primary Classroom.* Routledge.

Mitchell, D., & Sutherland, D. (2020). *What Really Works in Special and Inclusive Education: Using Evidence-Based Teaching Strategies*. Routledge.

Mizzi, C. (2015). *Fid-Dar tan-Nanna* [kanzunetta]. Corazon Mizzi.

Mueller, F. (2014). *English in Review of the Australian Curriculum: Supplementary Material.* Australian Government Department of Education .

National Association for the Teaching of English (2015). *About the Key Stages.* Moqri fid-9 ta' Novembru, 2022. Misjub fis-sit: https://www.nate.org.uk/.

Nilson, L. (2010). *Teaching at Its Best: A Research-Based Resource for College Instructors* (it-3et ed.). Jossey-Bass.

OECD. (2018). *PISA Results - Country Note: Malta.* OECD.

Oliver-Federici, T. (2009). *Developing Writing Skills in Italian.* Routledge.

Ministry of Education, Ontario (2006). *The Ontario Curriculum.* Misjub fis-sit: https://www.edu.gov.on.ca/eng/curriculum

Panesi, S., Bocconi, S., & Ferlino, L. (2020). Promoting students' well-being and inclusion in schools through digital technologies: Perceptions of students, teachers, and school leaders in Italy expressed through SELFIE piloting activities. *Frontiers in psychology*, *30*(11), pp. 1550 - 1563.

Pantuso, T., LeMire, S., & Anders, K. (2020). *Informed Arguments: A Guide to Writing and Research.* Texas A&M University.

Peacock, C. (1986). *Teaching Writing*. Croom Helm.

Perry, K. H. (2012). What is literacy? A critical overview of sociocultural perspectives. *Journal of Language and Literacy Education*, *8*(1), pp. 50-71.

Plato. (2005). *Phaedrus.* (C. J. Rowe, Ed.). Penguin Publishing.

Ponterotto, J. G. (2005). Qualitative research in counseling psychology: A primer on research paradigms and philosophy of science. *Journal of Counseling Psychology*, *52*(2), pp. 120-126.

Portelli, T. (2012). *Ward ta' Kull Staġun: 1500 Xrara għall-Kitba fil-Livell Sekondarju u f'dak Postsekondarju*. Klabb Kotba Maltin.

Portelli, T. (2020). *L-Esperjenza tat-Tagħlim: Tħejjija, Twettiq, Tgħarbil*. Horizons.

Portelli, T. (Ed.). (2021). *Mill-Ġabra ta' Ward* (it-2ni vol.) (it-2ni ed.). Klabb Kotba Maltin.

Price, J. H., & Murnan, J. (2004). Research limitations and the necessity of reporting them. *American Journal of Health Education*, *35*(4), pp. 35-66.

Quintilian. (2016). *Quintilian on the Teaching of Speaking and Writing.* (J. J. Murphy, & H. C. Wiese, Edi.) Southern Illinois University Press.

Rainer, T. (2004). *The New Diary.* TarcherPerigee.

Ramsdan, P. (2003) *Learning to Teach in Higher Education.* Routledge.

Reis, S. M., & Renzulli, J. S. (2018). The five dimensions of differentiation. *International Journal for Talent Development and Creativity*, *6*(2), pp. 87-94.

Richards, J. (2007). *Rhetoric.* Routledge.

Romano, T. (2015). *Write What Matters for Yourself, for Others.* Zigzag Publishing.

Savage, J., & Fautley, M. (2013). *A-Z of Teaching.* Open University Press.

Scicluna, K., Agius, S. S., & Giordano, C. (2018). *Inħaddem il-Malti Tajjeb.* BDL Publishing.

Serracino-Inglott, E. (1975). *Il-Miklem Malti* (ir-4[ba'] vol.). Klabb Kotba Maltin.

Shipman, M. (2014). *The Limitations of Social Research.* Routledge.

Sparks, D. (2013). Strong teams, strong schools. *Journal of Staff Development*, *34*(2), pp. 28-30.

Specialfinds (2022). *Dar għall-bejgħ*. Moqri fl-4[ta'] Jannar, 2023. Misjub fis-sit: https://specialfinds.com/mt/listings/round-home-for-sale/.

Spencer, L. (2005). *A Step-By-Step Guide to Descriptive Writing.* Rosen Central.

Taylor, M. *Encouraging Your Child to Write*. Moqri fil-15 [ta'] Mejju, 2023. Misjub fis-sit: https://imaginationsoup.net/the-love-of-writing-came-from-love-of-reading/.

The Oxford Dictionary (2021). *The Oxford English Dictionary*. Oxford University Press.

Theall, M., & Franklin, J. (2010). Assessing Teaching Practices and Effectiveness for Formative Purposes. F'K. Gillespie, & R. Douglas (Edi.), *A Guide to Faculty Development* (pp. 110-145). Jossey-Bass.

Tompkins, G. (2021). *Literacy for the 21st Century: A Balanced Approach* (is-7[ba'] ed). Pearson.

Torto, R. (2016). An analysis of descriptive features in the English used in an advertising text. *International Journal of Linguistics and Communication*, *4*(2), pp. 47-55.

Trumbull, E., & Lash, A. (2013). *Understanding Formative Assessment: Insights from Learning Theory and Measurement Theory.* WestEd.

UNESCO. (b.d). *Literacy in Society*. Moqri fil-11 [ta'] Diċembru, 2021. Misjub fis-sit: https://uis.unesco.org/en/glossary-term/literacy.

University of Greenwich: Learning and Teaching Department (2020). *Formative vs Summative*. Moqri fid-19 [ta'] Frar, 2022. Misjub fis-sit: https://www.gre.ac.uk/.

Vasquez, V. M., & Felderman, C. B. (2013). *Technology and Critical Literacy in Early Childhood.* Routledge.

Vermeulen, A., Vandebosch, H., & Heirman, W. (2018). #Smiling, #venting, or both? Adolescents' social sharing of emotions on social media. Computers in Human Behavior *84*(4), pp. 211-219.

Warburton, N. (2006). *The Basics of Essay Writing.* Routledge.

Werner, A. (2021). *How to Teach Descriptive Writing.* Moqri fid-19 [ta'] Diċembru, 2021. Misjub fis-sit: https://www.teachwriting.org/612th/2021/9/22/teaching-descriptive-writing.

Weselby, C. (2022). *What is Differentiated Instruction? Examples of How to Differentiate Instruction in the Classroom*. Moqri fit-3ta' April, 2023. Misjub fis-sit: https://resilienteducator.com/classroom-resources/examples-of-differentiated-instruction/.

Wharton-McDonald, R., Rankin, J., & Mistretta, J. (1997). Effective primary-grades literacy instruction equals balanced literacy instruction. *The Reading Teacher*, *50*(6), pp. 500-518.

White, R., & Arndt, V. (1991). *Process Writing.* Longman.

Williams, D. (2018). *Embedded Formative Assessment.* Solution Tree Press.

Wolf, W., & Bernhart, W. (2007). *Description in Literature and Other Media.* BRILL.

Yan, G. (2005). A process genre model for teaching writing. *English Teaching Forum, 43*(3), pp. 18-26.

Yilmaz, R. (2019). *Handbook of Research on Narrative Advertising.* IGI Global.

Żahra, T. (1990). *Mid-Djarju ta' Qattusa.* Merlin Publishers.

Żahra, T. (2007). *Il-Kitba Kreattiva.* Merlin Publishers.

Zammit, M. A. (2021). *Fir-Razzett* [kanzunetta] [Irrekordjata minn M. Zammit]. L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu.

Zeichner, K., & Liston, D. (2014). *Reflective Teaching: An Introduction.* Routledge.

# Appendiċi A: Il-qafas kurrikulari tal-kitba deskrittiva

## Il-ħoloq kurrikulari

Il-qafas tal-kitba deskrittiva jorbot ma' livelli differenti tas-sistema mis-Snin Bikrin sas-Snin Sekondarji skont il-*Qafas tal-Kurriku Nazzjonali għal Kulħadd* (2012) u *l-Istrateġija Nazzjonali tal-Litteriżmu għal Kulħadd* (2021). Il-qafas għat-tagħlim tal-kitba deskrittiva jorbot mal-għanijiet ta' dawn l-oqfsa u hu mfassal ukoll fuq il-prinċipji tal-litteriżmu bbilanċjat (Tompkins, 2021). Barra minn hekk, il-kisbiet tal-qafas propost huma mfasslin b'rabta mal-Ħiliet tas-Seklu 21 (Tompkins, 2021).

## L-udjenza

Dan il-qafas hu mfassal għall-istudenti mis-Snin Bikrin sas-Snin Sekondarji. Dawn l-istudenti jkollhom bejn ħames snin u sittax-il sena. Dawn tqassmu f'dawn it-taqsimiet:

| Il-livell | L-età | Is-snin fis-sistema edukattiva Maltija |
|---|---|---|
| **Is-Snin Bikrin** | 5-7 snin | L-ewwel u t-tieni sena |
| **Il-Primarja A** | 7-9 snin | It-tielet u r-raba' sena |
| **Il-Primarja B** | 9-11-il sena | Il-ħames u s-sitt sena |
| **Il-Medja** | 11-13-il sena | Is-seba' u t-tmien sena |
| **Is-Sekondarja** | 13-16-il sena | Id-disa', l-għaxar u l-ħdax-il sena |

## Ir-razzjonal

Il-kitba deskrittiva, funzjoni waħda mill-erba' funzjonijiet ewlenin tal-kitba, tiġi mgħallma għax:

i. tgħin lill-istudenti jikkomunikaw b'mod effettiv fil-komunità;
ii. tħeġġeġ l-osservazzjoni u l-ħsieb kritiku, kemm dwar il-lingwa li jużaw l-istudenti, kif ukoll dwar id-dinja ta' madwarhom;
iii. tħeġġeġ il-kreattività waqt il-kitba; u
iv. tgħin lill-istudenti jiżviluppaw il-vuċi u l-istil tagħhom fil-kitba.

## L-għanijiet

Sa tmiem dan il-programm ta' tagħlim l-istudenti ser:

i. jiżviluppaw il-ħila komunikattiva u l-ħila deskrittiva tagħhom;
ii. jiżviluppaw għarfien ċar ta' għadd ta' ġeneri li jxeqilbu lejn il-kitba deskrittiva;
iii. itejbu l-għarfien tagħhom tal-proċess tal-kitba fil-kuntest tal-kitba deskrittiva;
iv. itejbu l-ħiliet tal-osservazzjoni, tal-ħsieb kritiku u tar-riflessjoni li aktar 'il quddiem jgħinuhom biex jiffunzjonaw bħala membri indipendenti u responsabbli fis-soċjetà;
v. jaħsbu minn perspettivi differenti u b'mod kreattiv; u
vi. jiżviluppaw il-vuċi u l-istil individwali tagħhom bħala kittieba awtonomi.

## Il-kontenut

Dan il-qafas jistrieħ fuq il-prinċipju li l-istudenti jibdew jitħarrġu fil-kitba deskrittiva minn ċkunithom u jibqgħu jirrevedu u jikkonsolidaw dak li tgħallmu, kif ukoll iżidu materjal u tekniki aktar kumplessi kull sena (Hattie, 2008; Bruner, 2009). Il-qafas propost jixbah lis-sillabu spirall.

Il-qafas tal-kitba deskrittiva magħmul minn dawn il-komponenti: il-vokabolarju, is-sensi, il-karattri, l-ambjent, il-qagħda emozzjonali, in-narrazzjoni, u l-lingwa figurattiva.

| Il-komponent | L-ispjegazzjoni |
|---|---|
| Il-vokabolarju | Fis-Snin Bikrin u fil-Primarja A, il-lessiku hu mqassam b'mod li l-istudenti jibdew jitgħallmu kliem ġdid biex ikollhom firxa usa' ta' vokabolarju għad-deskrizzjonijiet tagħhom, u fl-istess ħin jiġu esposti għat-teknika tal-onomatopea (Akerson & Young, 2005; Kramer, 2021). Fil-livelli ta' wara, l-istudenti jibdew jintalbu jintegraw il-pass tar-reviżjoni biex ikunu jistgħu jtejbu l-lessiku użat. Fil-livell tas-sekondarja, fit-taqsima tal-vokabolarju, l-istudenti jkollhom iċ-ċans li jesperimentaw bil-kliem biex joħolqu kitbiet deskrittivi aktar effettivi. |
| Is-sensi | Il-ħames sensi – il-ħars, is-smigħ, ix-xamm, it-tegħim, u l-mess – jiġu introdotti b'mod imtarraġ sal-livell tal-Primarja B biex imbagħad fil-livelli tal-Medja u s-Sekondarja jiżdied materjal aktar kumpless bħal-lingwa figurattiva u n-narrazzjoni. |
| Il-karattri | Meta l-istudenti jibdew jibnu l-karattri tar-rakkonti u tal-kitbiet kollha tagħhom, jeħtieġ li jduru fuq it-taħriġ tagħhom tat-tekniki deskrittivi biex jippruvaw joħolqu karattri ċatti u tondi (Żahra, |

| | |
|---|---|
| | 2007). Il-karattri li ntgħażlu għal dan il-qafas huma: il-membri tal-familja; karattri li jidhru fuq programmi tat-tfal; karattri f'leġġendi; karattri fi ħrejjef; bloggers; karattri fantastiċi; karattri magħrufa; u karattri traġiċi. Dawn il-karattri joffru bilanċ bejn karattri li huma viċin l-istudenti għal karattri kulturali sa karattri msawra mill-istudenti stess. |
| **L-ambjent** | Permezz ta' deskrizzjoni effettiva tal-ambjent, il-qarrejja jkunu jistgħu jagħmlu rabtiet emozzjonali mal-kliem (Jenkins, 2016). L-ambjenti li ntgħażlu għal dan il-qafas huma: il-kmamar tad-dar; il-klassi; it-triq tiegħi; ir-raħal; pajjiżi (Malta u Għawdex); u pajjiżi barra minn Malta. Dawn l-ambjenti jibdew mill-ambjenti immedjati tal-istudenti bħad-dar u l-klassi u jimirħu lil hinn sakemm jaslu barra l-pajjiż. |
| **Il-qagħda emozzjonali** | Ir-reazzjonijiet u l-qagħdiet emozzjonali ta' karattru huma essenzjali fid-deskrizzjoni tiegħu (Gerth, 2018). Il-qafas jitlob li jiġu mistħarrġa s-sitt emozzjonijiet prinċipali: il-kuntentizza, id-dwejjaq, is-sorpriża, il-biża', u l-istmerrija (Ekman, 2003; Gruber & Moskowitz, 2014). |
| **In-narrazzjoni** | In-narrazzjoni tista' toffri spunti deskrittivi partikolari li kapaċi joħolqu effett distint fil-kitbiet (Gerth, 2018). Deskrizzjoni tista' tiġi introdotta permezz ta' monologu jew djalogu, biex toħloq suspans u kurżità fil-qarrejja li jkun aktar effettiv milli kieku kien jippreżenta ruħu b'metodi oħra (Gerth, 2018). |
| **Il-lingwa figurattiva** | Fil-qafas jiġu introdotti l-aktar forom komuni ta' lingwa figurattiva għall-kitba deskrittiva: is-similitudnijiet, il-personifikazzjonijiet, u l-metafori. Minħabba li l-qwiel u l-idjomi ħafna drabi jieħdu l-forma ta' metafora, dawn ukoll tqiesu bħala parti mil-lingwa figurattiva (Glucksberg, 2001; Jensen, 2010). |

## It-tul ta' żmien

Firxa ta' ħdax-il sena biex jirriflettu l-ħsieb prevalenti ta' żvilupp tal-ħila deskrittiva mill-bidu sa tmiem l-iskola formali.

## Ir-riżorsi

Hemm għadd ta' riżorsi li jistgħu jintużaw għal mal-qafas tal-kitba deskrittiva. Xi riżorsi ssuġġeriti huma: il-gazzetti elettroniċi u stampati, il-kotba tal-qari, is-siltiet mużikali, l-applikazzjonijiet, il-pupazzi u l-posters.

## Il-metodi ta' tagħlim

Il-metodu ta' tagħlim prinċipali b'rabta ma' dan il-qafas hu t-taħlit bejn il-metodu ta' tagħlim tal-kitba bħala proċess u l-metodu ta' tagħlim li jagħfas fuq it-tagħlim tal-kwalitajiet tal-ġeneri.

## L-evalwar u l-assessjar

Dan huwa qafas li jħaddem iż-żewġ forom ewlenin ta' dak li bihom jiddeskrivu l-kapaċitajiet tal-istudenti: l-assessjar formattiv u l-evalwar summattiv. Fil-kuntest ta' assessjar formattiv, il-qafas jissuġġerixxi l-użu ta' rubriki analitiċi għax jipprovdu informazzjoni aktar dettaljata u b'hekk jgħinu lill-istudenti jagħrfu dak li għandhom bżonn jaħdmu iżjed fuqu (Theall & Franklin, 2010). Xi kampjuni ta' dawn ir-rubriki jinsabu fl-aħħar ta' Appendiċi A. Qed jiġu pprovduti wkoll kampjuni ta' rubriki għall-istudenti biex jiggwidawhom aħjar (Amador, Assof, Fisher & Frey, 2018). Dawn iż-żewġ forom ewlenin jistgħu jingħaqdu wkoll permezz tal-kunċett tal-portfolio.

## Xi aspetti ta’ differenzjar

L-aspetti ta’ differenzjar li qed jiġu proposti huma bidliet fil-kontenut, fil-metodi ta’ tagħlim u fil-mod tal-assessjar u l-evalwar (Tompkins, 2021) skont kif jitlob il-kuntest tat-tagħlim.

# Is-Snin Bikrin

## Il-Kisbiet tal-Kitba Deskrittiva

| Il-kontenut | Il-kisba |
|---|---|
| **Il-vokabolarju** | 1a. Nitgħallem il-ħsejjes li jagħmlu l-annimali, il-partijiet differenti tal-wiċċ, u l-kuluri tal-qawsalla.<br>1b. Nuża aġġettivi li jiddeskrivu d-daqs u d-dehra ta' xi annimali u membri tal-familja. |
| **Is-sensi** | 1ċ. Nipprattika kif nuża s-sens tal-ħars f'kitbieti billi ninnota kuluri differenti permezz ta' oġġetti murija f'xi leħħiet, stampi u/jew filmati.<br>1d. Nikteb il-ħsejjes tal-annimali f'sentenzi. |
| **Il-karattri** | 1e. Niddeskrivi l-wiċċ ta' xi membri tal-familja f'sentenza qasira. |
| **L-ambjent** | 1f. Nikteb tikketti li jiddeskrivu kmamar differenti fid-dar tiegħi. |
| **Il-qagħda emozzjonali** | 1ġ. Nagħraf li l-wiċċ jirrifletti l-emozzjonijiet bażiċi permezz ta' wċuħ murija f'xi leħħiet, stampi u/jew filmati. |

## Noti għall-għalliema

| Il-kontenut | Il-kisba |
|---|---|
| **Il-vokabolarju** | 1a. Il-ħsejjes li jagħmlu l-annimali jinkludu kliem onomatopejku bħal kwakk-kwakk, muu-muu u klakk-klakk, kif ukoll verbi bħal tlaqlaq, jinbaħ, jgħanni, tqaqi, jiżher, jidden u jnewwaħ. |
| **Is-sensi** | 1ċ. Eżempju ta' filmat li jista' jintuża f'dan l-istadju hu *Fir-Razzett*, imħejji mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (2021). |
| **Il-karattri** | 1e. L-istudenti jistgħu l-ewwel ipinġu l-membru tal-familja li jixtiequ jiddeskrivu u mbagħad jiktbu s-sentenza taħt. Eżempju ta' sentenza: Għajnejn il-mamà huma kannella. |
| **L-ambjent** | 1f. L-istudenti jistgħu l-ewwel ipinġu l-kmamar tad-dar tagħhom u mbagħad jiktbu t-tikketta. Eżempju ta' tikketta: Il-kamra tas-sodda jew Din hi l-kamra tas-sodda. |
| **Il-qagħda emozzjonali** | 1ġ. Jistgħu jitħejjew leħħiet ta' persuna tifraħ, ta' persuna tibki u ta' persuna tirrabja. Jistgħu jintużaw emojis. Għandha tingħata attenzjoni lejn l-espressjonijiet tal-wiċċ, ngħidu aħna x-xofftejn, il-ħuġbejn, u l-lewn tal-wiċċ. |

# Il-Primarja A

## Il-Kisbiet tal-Kitba Deskrittiva

| Il-kontenut | Il-kisba |
|---|---|
| Il-vokabolarju | 2a. Nuża aġġettivi f'sentenzi biex isaħħu d-deskrizzjoni.<br>2b. Nuża f'sentenzi verbi effettivi biex niddeskrivi l-ħsejjes li jagħmlu l-affarijiet. |
| Is-sensi | 2ċ. Nimmarka, bil-għajnuna tal-għalliema, xi partijiet deskrittivi f'siltiet mil-letteratura Maltija li jużaw is-sensi tal-ħars, tas-smigħ, tax-xamm u tat-tegħim.<br>2d. Nuża xi eżempji mis-siltiet letterarji biex intejjeb kitbieti. |
| Il-karattri | 2e. Niddeskrivi l-ilbies ta' karattru li nara fuq il-programm favorit tiegħi.<br>2f. Nikteb ittra lil Santa Klaws biex niddeskrivi dak li nixtieq għall-Milied. |
| L-ambjent | 2ġ. Nikteb djarju fejn niddeskrivi l-klassi l-ġdida tiegħi.<br>2g. Niddeskrivi l-ikel li jagħmluli n-nanniet. |
| Il-qagħda emozzjonali | 2għ. Nagħraf li t-ton tal-vuċi jvarja skont l-emozzjoni tal-persuna.<br>2ħ. Niddeskrivi karattru kuntent billi nagħmel referenza għall-espressjonijiet tal-wiċċ u t-ton tal-vuċi. |
| Il-lingwa figurattiva | 2h. Nuża f'sentenzi idjomi li għandhom x'jaqsmu mal-kuluri. |

## Noti għall-għalliema

| Il-kontenut | Il-kisba |
|---|---|
| **Il-vokabolarju** | 2a. Xi aġġettivi li tajjeb jiġu introdotti huma *ċar* u *skur* biex l-istudenti jibdew bil-mod il-mod jitgħallmu kif jintensifikaw aġġettiv.<br><br>2b. Xi eżempji ta' verbi huma: tbaqbaq, itektek, issaffar, ifexfex, iżaqżaq u tperper. |
| **Is-sensi** | 2ċ. Xi eżempji ta' kotba li jistgħu jittieħdu siltiet minnhom:<br>• 'Lupu Lupettu ma Jridx Jimxi Aktar' ta' Clare Azzopardi (2015, BDL Publishing);<br>• 'Borma Minestra' ta' Trevor Żahra (1999, Merlin Publishers); u<br>• 'Żbrixx' ta' Mary Puli (2004, Wise Owl Publications). |
| **Il-karattri** | 2f. F'każ ta' diversità kulturali jew nuqqas ta' twemmin f'Santa Klaws, l-istudenti jistgħu jiktbu ittra lil min jemmnu fih huma.<br><br>Tista' tintuża silta mill-ktieb 'Luke u r-Rigal ta' Santa Klaws' ta' Victor Fenech (2016, Horizons) għal xi ideat u deskrizzjoni ta' Santa Klaws. |
| **L-ambjent** | 2g. Id-deskrizzjoni tal-ikel tan-nanniet għandha tappella għas-sensi, tuża verbi effettivi u tagħmel referenza għall-emozzjoni tat-tfal meta jiġu biex jieklu dan l-ikel. |
| **Il-qagħda emozzjonali** | 2għ. Attività għal din il-kisba tista' tkun li l-għalliema jaqraw sentenza waħda b'tonalitajiet differenti u jimitaw persuna rrabjata/kuntenta/imdejqa. |
| **Il-lingwa figurattiva** | 2h. Eżempji ta' idjomi huma: aħmar peprin, ikħal nir, aħdar ħaxix u isfar lellux, iswed tuta, abjad karti, abjad silġ, kif ukoll l-idjoma *kulur* jgħajjat. |

# Il-Primarja B

## Il-Kisbiet tal-Kitba Deskrittiva

| Il-kontenut | Il-kisba |
|---|---|
| Il-vokabolarju | 3a. Nuża f'sentenzi avverbji biex isaħħu d-deskrizzjoni.<br>3b. Nuża f'sentenzi verbi effettivi biex niddeskrivi l-ħsejjes li tagħmel persuna. |
| Is-sensi | 3ċ. Nimmarka xi partijiet deskrittivi f'siltiet mil-letteratura Maltija, kif ukoll minn testi mhux letterarji li jużaw is-sensi tal-ħars, tas-smigħ, tax-xamm, tat-togħma u tal-mess.<br>3d. Nikteb reklam ta' prodott billi ssir referenza għal aktar minn sens wieħed.<br>3e. Nisma' u niddeskrivi silta li timita ħsejjes ta' oġġetti differenti. |
| Il-karattri | 3f. Infassal komik dwar karattri f'leġġenda.<br>3ġ. Niddeskrivi karattri fi ħrafa. |
| L-ambjent | 3g. Nikteb poeżija b'għan li tiddeskrivi ħanut fit-triq jew fir-raħal tiegħi.<br>3għ. Nikteb ittra lill-ħabib/a tiegħi li jgħixu barra minn Malta li fiha niddeskrivi t-triq li ngħix fiha. |
| Il-qagħda emozzjonali | 3ħ. Niddeskrivi karattru mdejjaq billi nagħmel referenza għall-espressjonijiet tal-wiċċ u t-ton tal-vuċi. |
| Il-lingwa figurattiva | 3h. Nuża idjomi li għandhom x'jaqsmu ma' kwalitajiet fiżiċi fid-deskrizzjonijiet. |

## Noti għall-għalliema

| Il-kontenut | Il-kisba |
|---|---|
| Il-vokabolarju | 3b. Xi eżempji ta' verbi huma: tgerger, tħanxar, tlablab, tmeċlaq, teqred, issabbat, issammar, tibki, tpaċpaċ, ittektek, tonħor u tgedwed. |
| Is-sensi | 3ċ. Siltiet li jistgħu jintużaw għall-qari huma xi leġġendi u ħrejjef. Tista' tingħata ħarsa lejn xi leġġendi u ħrejjef ta' barra minn xtutna. Xi eżempji ta' ġabriet huma:<br>• 'Ħrejjef mill-Polonja' ta' Immanuel Mifsud (2013, Klabb Kotba Maltin);<br>• 'Ħrejjef u Leġġendi minn Imkejjen Differenti' ta' George Cassola (2010, Wise Owl Publications);<br>• 'Ix-Xitan b'Denbu Aħmar u Ħrejjef Oħra għat-Tfal u l-Adolexxenti' ta' Mario Azzopardi (2016, Horizons); u<br>• 'Il-Qanpiena tal-Kastell ... u Ħrejjef Oħra' ta' Natalie Portelli (2004, Wise Owl Publications).<br>3e. Eżempju ta' silta hi l-poeżija *X'se naqbad indoqq?* ta' Trevor Żahra mis-sensiela *Dawwarli Poeżija* miġbura mill-Aġenzija tal-Litteriżmu. |
| L-ambjent | 3g. Bħala eżempju jew introduzzjoni għal-lezzjoni, tista' tintwera l-poeżija 'Fil-Ħanut tal-Arluġġar' ta' Trevor Żahra mis-sensiela *Dawwarli Poeżija* miġbura mill-Aġenzija tal-Litteriżmu. |
| Il-lingwa figurattiva | 3h. Xi eżempju ta' idjomi huma: jiekol minn fuq ras xi ħadd; għadma u ġilda; qisu kobba ħwejjeġ; dritt xemgħa; mgħawweġ ganċ; ma fih xejn; u niexef għuda. |

# Il-Medja

## Il-Kisbiet tal-Kitba Deskrittiva

| Il-kontenut | Il-kisba |
| --- | --- |
| Il-vokabolarju | 4a. Nuża f'sentenzi verbi effettivi biex niddeskrivi l-ħsejjes tan-natura.<br>4b. Nirrevedi l-kitba tiegħi u nżid aġġettivi u avverbji aktar effettivi għad-deskrizzjonijiet tiegħi. |
| Il-karattri | 4ċ. Niddeskrivi l-bloger favorit/a tiegħi.<br>4d. Niddeskrivi karattru fantastiku.<br>4e. Nikteb reċensjoni ta' esperjenza kulturali li fiha dehru wħud mill-karattri jew atturi favoriti tiegħi. |
| L-ambjent | 4f. Nikteb artiklu li fih niddeskrivi r-raħal tiegħi biex jidher fuq il-fuljett ta' jum ir-raħal.<br>4ġ. Niddeskrivi l-festa tar-raħal tiegħi.<br>4g. Nikteb kummentarju ta' logħba. |
| In-narrazzjoni | 4għ. Nintroduċi karattru permezz ta' deskrizzjoni fi djalogu. |
| Il-qagħda emozzjonali | 4ħ. Niddeskrivi karattru sorpriż billi nagħmel referenza għall-espressjonijiet tal-wiċċ, il-ġestikulazzjoni u t-ton tal-vuċi.<br>4h. Niddeskrivi karattru mbeżża' billi nagħmel referenza għall-espressjonijiet tal-wiċċ, il-ġestikulazzjoni, u t-ton tal-vuċi. |
| Il-lingwa figurattiva | 4i. Nanalizza, bl-għajnuna tal-għalliema, xi partijiet deskrittivi meħudin mil-letteratura Maltija u minn testi informattivi li jagħmlu użu mis-similitudnijiet u mill-personifikazzjonijiet.<br>4j. Nuża personfikazzjonijiet għad-deskrizzjonijiet ta' persuni u ta' oġġetti fil-kitbiet tiegħi.<br>4k. Nuża similitudnijiet għad-deskrizzjonijiet ta' persuni u ta' oġġetti fil-kitbiet tiegħi. |

## Noti għall-għalliema

| Il-kontenut | Il-kisba |
|---|---|
| Il-vokabolarju | 4a. Xi eżempji ta' verbi huma: ivenven, igelgel, traxxax, iċafċaf, jaħbat, u jriegħdu. |
| Il-karattri | 4e. Ir-reċensjoni tista' tkun dwar ktieb, film, dramm jew board game. |
| L-ambjent | 4f. L-istudenti jistgħu jiktbu l-kitba f'forma ta' fuljett diġitali jew impinġi. L-artiklu jista' jinkiteb għall-Kunsill Lokali jew għall-iskola,<br>4ġ. Qabel il-kitba jistgħu jintwerew xi siltiet mużikali bħal:<br>• 'Village Festa' ta' Charles Camilleri (2007); u<br>• 'Festa' ta' Mary Rose Mallia (2010).<br>4g. Fl-introduzzjoni tal-kummentarju għandu jiġi deskritt l-ambjent li fih qed tintlagħab il-logħba. |
| Il-lingwa figurattiva | 4i. F'dan l-istadju jistgħu jintużaw siltiet deskrittivi informattivi meħudin mill-gazzetti, ngħidu aħna reklami u rapporti, fost oħrajn.<br>Xi eżempji ta' xogħlijiet letterarji li jistgħu jintużaw biex jittieħdu siltiet deskrittivi minnhom huma:<br>• 'Noti Blu' ta' Jacqueline Mizzi (2021, Horizons);<br>• 'Fra Mudest u ċ-Ċagħaq' ta' Charles Casha (2019, Merlin Publishers);<br>• 'Amina' ta' Antoinette Borg (2018, Merlin Publishers); u<br>• 'Irvin Vella: Il-Każ Manduca' ta' John A. Bonello (2015, Merlin Publishers). |

# Is-Sekondarja

## Il-Kisbiet tal-Kitba Deskrittiva

| Il-kontenut | Il-kisba |
|---|---|
| Il-vokabolarju | 5a. Naqsam attività waħda f'partijiet iżgħar f'sentenzi li jiddeskrivu l-għemil ta' xi ħaġa.<br>5b. Nirrevedi l-kitba tiegħi u nżid nomi u verbi aktar effettivi għad-deskrizzjonijiet tiegħi. |
| Il-karattri | 5ċ. Nikteb bijografija ta' karattru magħruf.<br>5d. Niddeskrivi karattru traġiku.<br>5e. Nikteb nekroloġju għal xi ħadd għażiż jew magħruf. |
| L-ambjent | 5f. Niddeskrivi t-tajjeb, is-sabiħ, il-ħażin u l-ikrah ta' pajjiżi.<br>5ġ. Nikteb deskrizzjoni ta' xi statwi jew monumenti li rajt. |
| In-narrazzjoni | 5g. Nintroduċi karattru permezz ta' deskrizzjoni f'monologu. |
| Il-qagħda emozzjonali | 5għ. Niddeskrivi karattru mistmerr billi nagħmel referenza għall-espressjonijiet tal-wiċċ, il-ġestikulazzjoni u t-ton tal-vuċi. |
| Il-lingwa figurattiva | 5ħ. Nanalizza xi partijiet deskrittivi mil-letteratura Maltija u minn testi informattivi li jagħmlu użu mill-metafori.<br>5h. Nuża metafori fid-deskrizzjonijiet tiegħi.<br>5i. Nuża similitudnijiet għad-deskrizzjonijiet ta' persuni u ta' oġġetti fil-kitbiet tiegħi.<br>5j. Nirrevedi l-kitba tiegħi u nżid lingwa figurattiva biex nagħmel il-kitba tiegħi aktar effettiva. |

## Noti għall-għalliema

| Il-kontenut | Il-kisba |
|---|---|
| Il-vokabolarju | 5a. Xi eżempji ta' verbi huma: tnaddaf u tiekol li jistgħu jinqasmu fi tfarfar, timsaħ u togħrok u tomgħod u tibla' rispettivament. |
| Il-karattri | 5e. Il-kwalitajiet ta' nekroloġju huma: l-isem tal-persuna, id-data tat-twelid, id-data ta' meta ħalliena, xi preġji f'xi stadji tal-ħajja u forsi xi merti ta' ħajtu għal-lokalità u/jew għan-nazzjon. |
| L-ambjent | 5ġ. L-għalliema jistgħu jagħżlu li jaraw minn fejn huma l-istudenti u juruhom ritratti ta' statwi u monumenti li jinsabu fil-lokalitajiet tagħhom. Jistgħu jagħżlu li jiddeskrivu statwi mid-djar tagħhom jew tan-nanniet u vari tal-festi, fost oħrajn. |
| Il-lingwa figurattiva | 5ħ. F'dan l-istadju, minbarra analiżi tal-kliem, għandha ssir ukoll analiżi tal-istampi magħżula għal mal-kitba, ngħidu aħna l-istampa f'reklam ta' xi ikel meta mqabbel ma' ritratt fir-realtà.<br>Xi eżempji ta' xogħlijiet letterarji li jistgħu jintużaw biex jittieħdu siltiet deskrittivi minnhom huma:<br>• 'Il-Kulur tal-Lellux' ta' Rita Saliba (2021, BDL Publishing);<br>• 'Gramma' ta' Leanne Ellul (2015, Merlin Publishers);<br>• '(Ri)ġenerazzjoni' ta' Antoinette Borg (2018, Merlin Publishers);<br>• 'Termini U Kundizzjonijiet Japplikaw' ta' Roberta Bajada (2017, Merlin Publishers);<br>• 'Il-Professur Għasfur' ta' Ġorġ Mallia (2015, Merlin Publishers); u<br>• 'X'Aħna Smart!' ta' Stephen Lughermo (2014, Horizons). |

# Appendiċi B: Il-lezzjonijiet

# Lezzjoni 1

**Il-livell**: Is-Snin Bikrin

**It-titlu**: Mawra sar-razzett

**Il-kisba tal-kitba deskrittiva**: 1a. Nitgħallem il-ħsejjes li jagħmlu l-annimali, il-partijiet differenti tal-wiċċ u l-kuluri.

**Il-metodi ta' tagħlim**: Il-kitba bħala proċess u qari kollaborattiv.

**Ir-riżorsi**: Il-filmat *Fir-Razzett* tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu, il-preżentazzjoni għall-għalliema, kopja tal-karta tat-taħriġ għal kull student/a.

**Il-kliem ġdid**: tqaqi, jiżher, jidden, tnewwaħ, jinħaq, jinbaħ u tlaqlaq.

**Id-daħla**: L-għalliema se turi l-filmat *Fir-Razzett* lill-istudenti. Wara li jarawh kollu, l-għalliema se tistaqsi lill-istudenti: "Xi smajtu f'din il-kanzunetta?" L-istudenti għandhom iwieġbu b'xi ħoss ta' annimal partikolari jew inkella jgħidu, "il-ħsejjes tal-annimali". L-għalliema mbagħad għandha tispjega lill-istudenti li llum se jitgħallmu l-ħsejjes tal-annimali.

**L-ewwel pass**: L-għalliema għandha terġa' tibda l-filmat u twaqqaf fejn ikun hemm ħoss ta' annimal. Kull darba li twaqqaf il-filmat għandha tistaqsi lill-istudenti: "X'inhu dan l-annimal?" Wara li l-istudenti jwieġbu għandha tistaqsi "u x'ħoss qed jagħmel?".

**It-tieni pass**: L-għalliema se turi u taqra l-preżentazzjoni lill-istudenti. Għandha tispjega li f'kull paġna hemm stampa ta' annimal, il-kelma bil-ħoss li qed jagħmel (il-

verb eż. tlaqlaq) u l-ħoss (eż. kwakk-kwakk). Hi se tispjegalhom li se jimitaw flimkien il-ħoss ta' kull annimal.

**It-tielet pass**: L-għalliema se tqassam il-karta tat-taħriġ lill-istudenti. Għandha tispjega li fl-eżerċizzju ta' fuq l-istudenti għandhom jimlew il-vojt skont il-kaxxi u l-eżempju li hemm maħdum, u tagħtihom eżempju għas-sentenza li jridu jimlew.

**Ir-raba' pass**: L-għalliema se tispjega li l-karta se jaħdmuha f'pari. Waqt l-attività, l-għalliema għandha ddur mal-istudenti biex tara jekk hemmx bżonn xi għajnuna. Għandha tipprovdi feedback lill-istudenti: għandha tfaħħarhom għat-tweġibiet it-tajbin u tiggwidahom biex jaslu għal xi tweġiba li jaf ikunu sabu ta' sfida.

**Il-ħames pass**: L-istudenti għandhom imorru lura f'posthom u jiddiskutu t-tweġibiet flimkien mal-għalliema.

**L-għeluq**: L-għalliema se terġa' turi l-filmat lill-istudenti u titlobhom jiktbu l-ħoss favorit tagħhom. Wara li jiktbuh, l-għalliema titlobhom jaqsmuh mal-klassi billi jirreċtaw il-ħoss.

**Ix-xogħol għad-dar**: Tista' tingħata lista tal-ħsejjes tal-annimali biex l-istudenti jirrevedu dak li jkunu għamlu fil-klassi.

**L-assessjar**: Il-karta tat-taħriġ. L-għalliema se tikkummenta b'mod orali.

### Xi varjazzjonijiet:

Ġenerali: Il-preżentazzjoni tista' tintuża wkoll bħala leħħiet billi l-għalliema jqasqsu l-annimal minn mal-verb u l-ħoss. Dan, imbagħad, jista' jieħu l-forma ta' eżerċizzju ta' tqabbil, fejn il-qari jwitti t-triq għall-kitba.

Għal xi studenti bi sfidi: Fil-karta tat-taħriġ, minflok il-kitba tal-kliem kollu, l-għalliema tista' titlob biss għall-kitba ta' xi ittri mill-kelma (eż. tlaqlaq – tl_ql_q).

Għal xi studenti tajbin ħafna: Jiktbu sentenzi sħaħ minflok kelmiet.

## Lezzjoni 1 - Riżorsi

---

### Il-filmat *Fir-Razzett*

Il-ħolqa: https://youtu.be/-Pg_htYb_eI

### Il-preżentazzjoni











# XI ĦSEJJES SMAJNA?

## IL-PAPRA

tlaqlaq

🔊 kwakk-kwakk



## IS-SERDUK

jidden

🔊 qu, qu, qu, qu



# IT-TIĠIEĠA

tqaqi

klakk-klakk



# IL-ĦMAR

jinħaq

ħi, ħo, ħi, ħo



## IL-KELB

jinbaħ

baw-waw



## IL-QATTUS

jingħi

mjaw-mjaw




LIEMA ĦOSS
GĦOĠBOK L-IKTAR?

Il-karta tat-taħriġ



L-isem: ______________ Id-data: ____________________

# Nikteb il-ħsejjes tal-annimali

**A. Imla l-vojt bħall-eżempju.**
**Uża l-kliem li hemm fil-kaxxi t' isfel biex jgħinek.**

| | |
|---|---|
| tqaqi | qu, qu, qu, qu |
| jidden | kwakk-kwakk |
| tnewwaħ | ħi, ħo, ħi, ħo |
| jinħaq | mjaw-mjaw |
| jinbaħ | klakk-klakk |
| tlaqlaq | baw-waw |

1. Il-papra tlaqlaq kwakk-kwakk
2. It-tiġieġa __________ __________
3. Il-ħmar __________ __________
4. Il-kelb __________ __________
5. Is-serduk __________ __________
6. Il-qattus __________ __________

L-annimal favorit tiegħi hu ________________.
Il-ħoss li jagħmel hu ________________.



©Anthea Enriquez

## Lezzjoni 2

**Il-livell**: Il-Primarja A

**It-titlu**: L-ilbies jagħmlek nies

**Il-kisba tal-kitba deskrittiva**: 2e. Niddeskrivi l-ilbies ta' karattru li nara fuq il-programm favorit tiegħi.

**Il-metodi ta' tagħlim**: Il-kitba bħala proċess, ħidma kollaborattiva u ħidma individwali.

**Ir-riżorsi**: Żewġt ikpiepel (idealment differenti, eż. wieħed ta' furban u l-ieħor ta' cowboy), il-karattru favorit ta' kull student (mitlub lill-istudenti minn qabel il-lezzjoni), kopja tal-karta tan-nota bit-taħriġ għal kull student/a u karti bojod.

**Il-kliem ġdid**: furban/pirata – ħalliel tal-baħar

**Id-daħla**: L-għalliema se tagħżel żewġ studenti u tlibbishom kpiepel differenti. Għandha titlob lill-kumplament tal-klassi biex jiddeskrivuhom. L-istudenti għandhom isemmu li għandhom kappell. F'każ li l-istudenti ma jsemmux dettalji, l-għalliema għandha tgħinhom b'mistoqsijiet biex jispjegaw ruħhom, ngħidu aħna: "It-tnejn għandhom kappell, kif se nkun naf li wieħed differenti mill-ieħor?" L-istudenti, flimkien mal-għalliema għandhom jaslu għall-għan tal-lezzjoni, jiġifieri li jiddeskrivu l-ilbies.

**L-ewwel pass**: L-għalliema għandha tniżżel xi kliem ewlieni mid-deskrizzjonijiet tal-istudenti fuq il-bord, ngħidu aħna kappell kbir iswed bi skeletru fuqu, u tiddiskutihom

mal-istudenti. Ngħidu aħna, “Għaliex taħsbu li aħjar li niktbu hekk milli ‘kappell kbir’ biss?”

**It-tieni pass**: L-għalliema tqassam il-karta tat-taħriġ u tistaqsi lil xi studenti biex jaqrawha b’leħen li jinstema’. Hi għandha tispjegaha pass pass.

**It-tielet pass**: L-għalliema għandha titlob lill-istudenti joħorġu l-karattru tagħhom li ħejjew u jimlew il-pjan fl-ispazju mogħti.

**Ir-raba’ pass**: L-istudenti se jiktbu d-deskrizzjoni. L-għalliema għandha tikteb kumment pożittiv fuq kartini kkuluriti, kif ukoll billi timmarkalhom b’xi stilla jew wiċċ jitbissem fejn ikollhom punti b’saħħithom.

**Il-ħames pass**: L-istudenti issa joqogħdu dahar ma’ dahar. Student minnhom jaqra d-deskrizzjoni u l-ieħor ipinġiha. L-għalliema se titlob lill-istudenti joqogħdu f’pari skont kif tindikalhom hi u tagħtihom karta kull wieħed.

**Is-sitt pass**: Wara din l-attività, l-għalliema se titlob lill-istudenti biex jagħmlu r-reviżjonijiet li hemm bżonn billi jżidu l-aġġettivi biex il-kitba tiġi aktar speċifika (Gerth, 2018).

**L-għeluq**: L-għalliema se titlob lill-istudenti jaqraw sentenza li kellha xi elementi deskrittivi neqsin, bħall-aġġettivi, u jgħidu x’beħsiebhom iżidulha biex itejbuha (Gerth, 2018).

**Ix-xogħol għad-dar**: Ir-reviżjoni tal-kitba.

**L-assessjar**: Il-karta tat-taħriġ. L-għalliema se tikkummenta b'mod orali u bil-kitba fuq xi kartini. L-istudenti se jassessjaw lilhom infushom waqt l-attività ta' 'Dahar ma' dahar'. L-għalliema għandha tiġbor il-karta tat-taħriġ u tħalli xi suġġerimenti u kummenti.

**Xi varjazzjonijiet**:

Ġenerali: Jistgħu jintużaw stampi jew ritratti ta' nies lebsin b'mod differenti minflok tagħti kpiepel, jew xi lbies ieħor, għall-introduzzjoni; waqt l-attività ta' 'Dahar ma' dahar' l-istudenti jistgħu jassessjaw lil sħabhom bl-għajnuna ta' rubrika.

Għal xi studenti bi sfidi: Jista' jingħata pjan aktar gwidat jew lest.

Għal xi studenti tajbin ħafna: Jiddeskrivu aktar minn karattru wieħed.


IL-PRIMARJA A
L-ILBIES
JAGĦMLEK
NIES
© Anthea Enriquez

L-isem: ________________________ Id-data: ________________________

# NIDDESKRIVU L-ILBIES

Meta niddeskrivu xi ħaġa jeħtieġ li nagħtu d-**dettalji**.

Kif nistgħu nagħtu d-dettalji dwar l-ilbies?

Nużaw l-**aġġettivi**
eż. flokk *imqatta'*
qmis *imkemmxa*
qalziet ______________

Nużaw is-**sensi**
eż. riħa ta' sapun
dublett iħaxwex
__________ __________

Nużaw l-**idjomi**
eż. aħmar peprin
roża jgħajjat
__________ __________





## A. Ikteb il-pjan għad-deskrizzjoni tiegħek






© Anthea Enriquez

L-isem: ______________________ Id-data: ________________________

# B. NIDDESKRIVU L-ILBIES

**B1. L-ilbies ta' min se tiddeskrivi?**

**B2. Pinġi stampa tal-ilbies tal-karattru tiegħek**

**B3. L-ilbies ta' ________________**

_________________________________________________

_________________________________________________

_________________________________________________

_________________________________________________

_________________________________________________

_________________________________________________

_________________________________________________

_________________________________________________

_________________________________________________

_________________________________________________

_________________________________________________

_________________________________________________

© Anthea Enriquez

## Lezzjoni 3

**Il-livell**: Il-Primarja B

**It-titlu**: Iktibli poeżija

**Il-kisba tal-kitba deskrittiva**: 3g. Nikteb poeżija bil-għan li tiddeskrivi ħanut fit-triq jew fir-raħal tiegħi.

**Il-metodi ta' tagħlim**: Is-smigħ ta' poeżija, ħidma individwali u l-kitba bħala proċess.

**Ir-riżorsi**: Il-filmat 'Fil-Ħanut tal-Arluġġar' ta' Trevor Żahra mis-sensiela *Dawwarli Poeżija* miġbura mill-Aġenzija tal-Litteriżmu, kopja tal-karta tan-nota bit-taħriġ għal kull student/a, il-Padlet.

**Il-kliem ġdid**: arluġġar – persuna li taħdem fuq l-arloġġi; vers – linja f'poeżija u; strofa – taqsima ta' poeżija.

**Id-daħla**: L-għalliema se ssemma' u turi l-poeżija 'Fil-Ħanut tal-Arluġġar' ta' Trevor Żahra. Wara se titlob lill-istudenti jniżżlu tliet aġġettivi u elementi oħrajn li jiddeskrivu l-ħanut, ngħidu aħna, stampi, kliem onomatopejku u ħsejjes.
Wara l-attività, l-istudenti u l-għalliema jiddiskutu għala dawn it-tekniki huma effettivi. L-għalliema għandha tintroduċi l-għan tal-lezzjoni, li hu li jiktbu poeżija deskrittiva dwar ħanut fit-triq jew fir-raħal tagħhom.

**L-ewwel pass**: L-għalliema tqassam il-karta tan-nota lill-istudenti u xi wħud jaqraw is-silta mill-poeżija b'leħen li jinstema' quddiem sħabhom.

**It-tieni pass**: Permezz ta' xi mistoqsijiet, l-għalliema għandha tislet mingħand l-istudenti xi kwalitajiet tal-ġeneru tal-poeżija, pereżempju li xi kliem jinstema' l-istess. Xi tweġibiet jistgħu jinkludu li jkun hemm kliem li jirrima u jkun hemm kliem effettiv.

**It-tielet pass**: L-għalliema għandha tfisser il-kliem 'vers' u 'strofa'. L-istudenti jimmarkaw vers u strofa fuq il-poeżija tan-nota.

**Ir-raba' pass**: L-istudenti flimkien mal-għalliema jaqsmu l-kliem immarkat f'aġġettivi, f'verbi u f'sensi. Wara, jiktbu xi kliem li beħsiebhom jużaw fil-poeżija deskrittiva tagħhom, kif hemm indikat fuq il-karta.

**Il-ħames pass**: L-istudenti se jiktbu deskrizzjoni. L-għalliema għandha timmarkalhom b'xi stilla jew wiċċ jitbissem fejn ikollhom punti b'saħħithom.

**Is-sitt pass**: Wara din l-attività, l-għalliema titlob lill-istudenti biex jagħmlu r-reviżjonijiet li hemm bżonn biex itejbu l-kitba tagħhom.

**Is-seba' pass**: L-istudenti se jittajpjaw il-poeżija tagħhom fil-Padlet. Permezz tal-ħolqa, il-poeżiji kollha se jidhru fuq il-bord interattiv.

**L-għeluq**: L-għalliema titlob lil xi studenti jaqraw il-kitba tagħhom. Hi se tħeġġeġ lil sħabhom biex jikkummentaw fuq il-poeżija (peer assessment).

**Ix-xogħol għad-dar**: Jittajpjaw il-poeżija u jżejnuha biex titwaħħal fil-klassi.

**L-assessjar**: Il-karta tat-taħriġ. L-għalliema se tikkummenta b'mod orali u bil-kitba; l-istudenti se jassessjaw lil sħabhom; l-għalliema tħalli xi suġġerimenti u kummenti fuq il-Padlet.

## Xi varjazzjonijiet:

Ġenerali: Jaħdmu fuq il-poeżija f'pari; jaqraw mill-ktieb ta' *Dawwarli Poeżija* minflok jaraw il-filmat.

Għal xi studenti bi sfidi: Jingħata kliem li jirrima jew xi ġabra ta' kliem li jistgħu jagħżlu minnha.

Għal xi studenti tajbin ħafna: Jiddeskrivu aktar minn ħanut wieħed; iqabblu (jużaw similitudnijiet).

# Lezzjoni 3 - Riżorsi

## Il-filmat *Fil-Ħanut tal-Arluġġar*

Il-ħolqa: https://www.youtube.com/watch?v=K23LF9nPVIo&ab_channel=L-A%C4%A1enzijaNazzjonalital-Litteri%C5%BCmu

Il-karta tan-nota bit-taħriġ



L-isem: ____________________ Id-data:____________________

# POEŻIJA LI TIDDESKRIVI ĦANUT FIT-TRIQ JEW RAĦAL TIEGĦI



## Inħarsu lejn mudell



**Fil-Ħanut tal-Arluġġar**
(Silta)
Trevor Żahra

Hemm arloġġi kbar u żgħar
fil-ħanut tal-arluġġar,
kollha jtektku bla waqfien
biex iżommu l-ħin flimkien!

Hemm arloġġ jurik x'ħin hu
bit-tisfira tal-kukù.
Ma nafx kemm-il wieħed rajt
mill-arloġġi ta' mal-ħajt.

TINN, TANN, TONN bla telf ta' żmien
ma' kull kwarta lkoll flimkien.
Wieħed kellu dehra antika
b'anġlu jdur ma' kull tektika.



**L-aġġettivi**
Eż. ____________________
________________
________________
________________

**Il-verbi**
Eż. ____________________
________________
________________
________________

**Is-sensi**
Eż. ____________________
________________
________________
________________

**Ikteb xi kliem li tixtieq tuża fid-deskrizzjoni tiegħek**
____________________________________________
____________________________________________
____________________________________________
____________________________________________



© Anthea Enriquez 

L-isem: ___________________ Id-data:_________________

# NILBSU L-KAPPELL TA' POETA...

A. Il-ħanut li se nikteb dwaru hu________________

Nota ċkejkna dwar il-poeżiji

**F'poeżija:**

a. linja tissejjaħ **vers**

b. ħafna linji flimkien jissejħu **strofa**




## B. Ikteb il-poeżija deskrittiva tiegħek.

It-titlu ________________

______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________
______________________________________________

Il-poeżija

Tinsiex **terġa taqra** l-kitba tiegħek biex tara li għamilt użu tajjeb mill-aġġettivi, mis-sensi u minn xi idjomi.

© Anthea Enriquez

## Il-Padlet

Il-ħolqa: https://padlet.com/antheaenriquez2000/iktibli-poe-ija-jm1lhp0r95wofngd



## Lezzjoni 4

**Il-livell**: Il-Medja

**It-titlu**: Ara ġejja l-festa

**Il-kisba tal-kisba deskrittiva**: 4ġ. Niddeskrivi l-festa tar-raħal tiegħi.

**Il-metodi ta' tagħlim**: Il-kitba bħala proċess; is-smigħ ta' silta mużikali.

**Ir-riżorsi**: Is-silta mużikali 'Festa' ta' Mary Rose Mallia; il-Learning App, kopja tal-karta tan-nota bit-taħriġ, ir-rubrika għall-għalliema

**Il-kliem ġdid**: bradella – armar li jiddendel fit-toroq.

**Id-daħla**: L-għalliema ssemma' s-silta mużikali u titlob lill-istudenti jniżżlu xi strumenti li qed jisimgħu. Wara l-attività ssir diskussjoni ta' dak li niżżlu. L-għalliema tistaqsi: "X'ġiekom f'moħħkom meta smajtu din is-silta?" It-tweġiba għandha tkun, "il-festa tar-raħal". L-għalliema tgħin b'xi mistoqsijiet oħra jekk meħtieġ. L-għalliema tistaqsi lill-istudenti x'jaħsbu li se jkunu qed jagħmlu llum u flimkien jaslu għall-għan tal-lezzjoni li hu li jiddeskrivu l-festa tar-raħal tagħhom.

**L-ewwel pass**: Wara diskussjoni qasira, permezz tal-Learning App, l-istudenti se jqabblu l-attivitajiet tal-festa.

**It-tieni pass**: L-għalliema tqassam il-karta tan-nota bit-taħriġ u titlob lil xi studenti jaqraw l-ewwel parti. Bl-għajnuna tal-istudenti, hi għandha tispjega dak li jkun qed

jinqara. Għandhom jiddiskutu l-importanza tat-tħejjija għall-kitba u l-effett tas-similitudnijiet u l-personifikazzjonijiet għall-kitbiet deskrittivi.

**It-tielet pass**: L-istudenti se jibdew iħejju u jiktbu d-deskrizzjoni. L-għalliema ddur u tikteb kummenti kostruttivi jew suġġerimenti fuq ix-xogħol.

**Il-ħames pass**: L-għalliema se tispjega l-aħħar attività. Xi studenti jaqraw quddiem il-klassi l-kitba bħala ġurnalisti li qed jiddeskrivu l-ambjent tal-festa għal programm televiżiv. Hi għandha titlob lill-istudenti li se jkunu qed jarawhom biex jiktbu xi sentenzi li jolqtuhom mid-deskrizzjonijiet ta' sħabhom.

**L-għeluq**: L-għalliema għandha tagħżel lil xi studenti biex jitkellmu dwar x'ħadu pjaċir jiddeskrivu mill-festa tar-raħal tagħhom.

**Ix-xogħol għad-dar**: L-istudenti għandhom ikomplu l-kitba b'mod individwali u jiktbu madwar 250-300 kelma.

**L-Assessjar**: Il-korrezzjoni tax-xogħol se ssir b'rubrika.

**Xi varjazzjonijiet:**

Ġenerali: Tista' tintuża l-kanzunetta 'Village Festa' ta' Charles Camilleri (0.00-02.00min); preżentazzjoni fuq il-festi minflok il-Learning App, speċjalment jekk ikun hemm xi studenti li ma jkunx soltu tagħhom jattendu l-festi.

Għal xi studenti bi sfidi: Jingħata pjan gwidat jew lest u jitnaqqas l-għadd ta' kliem.

Għal xi studenti tajbin ħafna: Jiddeskrivu minn perspettiva differenti, pereżempju, bħala l-kampnar tal-knisja fil-ġurnata tal-festa.

Għal studenti b'kulturi differenti: Tinfetaħ diskussjoni dwar il-festi f'pajjiżi differenti.

# Lezzjoni 4 - Riżorsi

## Is-silta mużikali 'Il-Festa'

Il-ħolqa:

https://www.youtube.com/watch?v=GtwGN9npl_Y&ab_channel=TheMaltesecross

## Il-Learning App

Il-ħolqa: https://learningapps.org/watch?v=p3a17n1mn23

Il-karta tan-nota bit-taħriġ



l-isem:____________________ Id-data:____________________

# Niddeskrivi l-festa tar-raħal

## Il-kitba deskrittiva

1. Meta niddeskrivu, aħna nkunu qegħdin inpinġu stampa f'moħħ il-qarrejja tagħna. Bl-istess mod kif pittur iżejjen it-tpinġija tiegħu bil-kuluri, hekk ukoll irridu nagħmlu aħna bil-kliem.

2. Hemm tekniki li jgħinuna nagħmlu dan:
   a. L-aġġettivi
   b. Is-sensi **kollha**
   ċ. Il-lingwa figurattiva



**Ir-raħal tiegħi hu (lokalità) ____________________ u se niddeskrivi l-festa ta' (qaddis/patrun) ____________________**

## A. Nippjanaw



**1. Liema partijiet tal-festa se tiddeskrivi?**

L-ikel,
____________________
____________________
____________________
____________________
____________________

**2. Liema aġġettivi tista' tuża?**

____________________
____________________
____________________
____________________
____________________
____________________

**3. Għid liem huma s-sensi li se tuża u ikteb xi eżempji**

Ix-xamm: Ir-riħa t'għaraq u xorb tispikka fil-marċi tal-festa,
____________________
____________________
____________________
____________________

**4. Niżżel xi personifikazzjonijiet li tista' tuża**

Ir-riħ jilgħab mal-bnadar,
____________________
____________________
____________________
____________________
____________________

**5. Niżżel xi similitudnijiet li tista' tuża**

Il-kampnari donnhom għassiesa
____________________
____________________
____________________
____________________
____________________

© Anthea Enriquez 

L-isem:____________________

It-titlu

Waħħal xi stampa/ritratt li għandhom x'jaqsmu mad-deskrizzjoni

Waħħal xi stampa/ritratt li għandhom x'jaqsmu mad-deskrizzjoni

© Anthea Enriquez

# Il-festa tagħna!

L-isem tal-istudent/a/i:______________________________________________

Il-klassi:__________ Id-data:____________________________________

| Il-komponent | Ħażin | Mhux Ħażin | Tajjeb |
|---|---|---|---|
| **Il-kwalità tal-ideat**<br><br>**(5 marki)** | Il-kitba fiha ftit ideat li jirrepetu ruħhom bi ftit rabta mat-tema. | Il-kitba fiha għadd ta' ideat marbutin mat-tema. | Il-kitba fiha ħafna ideat ċari, oriġinali, kreattivi u interessanti marbutin mat-tema. |
| | 0 1 | 2 3 | 4 5 |
| **L-għażla tal-kliem**<br><br>**(5 marki)** | Il-kitba għandha vokabolarju limitat li ma jikkomunikax jew li ma jqanqalx lill-qarrejja. | Il-kitba għandha vokabolarju li jikkomunika b'mod ċar iżda ma jqanqalx lill-qarrejja. | Il-kitba għandha vokabolarju preċiż li jikkomunika b'mod ċar, jinteressa u jqanqal lill-qarrejja. |
| | 0 1 | 2 3 | 4 5 |
| **Is-sensi**<br><br>**(5 marki)** | Il-kitba tagħmel referenza għal sens wieħed. | Il-kitba tagħmel referenza għal żewġ jew tliet sensi. | Il-kitba tagħmel referenza għal erba' jew għall-ħames sensi. |
| | 0 1 | 2 3 | 4 5 |
| **Il-lingwa figurattiva**<br><br>**(5 marki)** | Il-kitba ma fiha ebda similitudni jew personifikazzjoni; jew jekk fiha, tużahom b'mod mhux preċiż. | Il-kitba fiha tal-anqas similitudni jew personifikazzjoni waħda użata b'mod effettiv. | Il-kitba fiha għadd ta' similitudnijiet u personifikazzjonijiet użati b'mod effettiv. |
| | 0 1 | 2 3 | 4 5 |
| **Total** | _________ minn 20 | | |

Xi kummenti oħra:

## Lezzjoni 5

**Il-livell:** Is-Sekondarja

**It-titlu:** Bejni u bejn ruħi

**Il-kisba tal-kitba deskrittiva:** 5g. Nintroduċi karattru permezz ta' deskrizzjoni f'monologu.

**Il-metodi ta' tagħlim:** Il-kitba bħala proċess; ħidma individwali; u r-reċtar.

**Ir-riżorsi:** Il-karta tan-nota bit-taħriġ; ballun; xi props bħal kappell u stikka (taparsi bastun).

**Il-kliem ġdid:** monologu – diskors li jingħad minn persuna waħda.

**Id-daħla:** L-għalliema tikteb il-kelma "monologu" fuq il-bord flimkien mat-tifsira tagħha u tispjegaha. Wara, għandha tirreċta parti deskrittiva minn monologu li jintroduċi karattru. L-istudenti flimkien mal-għalliema għandhom jaslu għall-għan tal-lezzjoni li hu li jiddeskrivu karattru permezz ta' monologu.

**L-ewwel pass:** L-għalliema tqassam il-karta tan-nota bit-taħriġ lill-istudenti u titlob lil xi studenti jaqraw l-ewwel parti. L-għalliema tispjega t-teknika "show don't tell" li tintuża fil-kitba li tgħin biex monologu jkun aktar effettiv.

**It-tieni pass:** L-għalliema titlob lil xi studenti biex jaqraw l-eżempju tal-monologu li hemm fin-nota u jibdew janalizzawh billi jħarsu lejn in-narrazzjoni, l-aġġettivi u l-użu tal-punteġġjatura.

**It-tielet pass:** L-għalliema tispjega li minbarra l-karattri f'monologu jista' jissemma l-ambjent ukoll. Hi għandha tagħti eżempju ta' dan.

**Ir-raba' pass:** L-għalliema mbagħad tispjega li l-istudenti ħa jaħdmu fuq monologu u wara se joħorġu jirreċtawh.

**Il-ħames pass:** L-istudenti jippjanaw u jiktbu d-deskrizzjoni. Waqt l-eżerċizzju l-għalliema ddur mal-istudenti u tgħaddilhom xi kummenti u suġġerimenti dwar kif jistgħu jtejbu l-monologu u jirreċtawh.

**Is-sitt pass:** L-għalliema tibda ssejjaħ lill-istudenti biex jirreċtaw il-monologu tagħhom. Għandha tipprovdi xi props lill-istudenti li jkunu jixtiquhom u tħeġġeġ lill-kumplament tal-klassi biex jagħtu l-feedback kostruttiv (peer assessment).

**L-għeluq:** L-għalliema għandha tagħmel rikapitulazzjoni permezz ta' logħba. Għandha taqbad il-ballun u tqassmu lil student/a u ssaqsi: "Għaliex użajna monologu?" L-għalliema tirrepeti dan il-pass ma' studenti differenti u tistaqsi mistoqsijiet differenti bħal: "X'tekniki nistgħu nużaw f'deskrizzjoni permezz ta' monologu?" u "liema kienet it-teknika favorita tiegħek?" B'dan il-mod, l-għalliema għandha tiġbor ukoll feedback dwar il-lezzjoni.

**Ix-xogħol għad-dar:** L-istudenti jridu jiktbu monologu ieħor biex ikollhom aktar prattika.

**Assessjar:** Il-kummenti b'mod orali waqt il-kitba fil-klassi; il-kummenti tal-istudenti waqt ir-reċtar; is-suġġerimenti u l-kummenti biex ikomplu jtejbu l-ħila tal-kitba tagħhom.

### Xi varjazzjonijiet:

Ġenerali: Minflok reċta mill-għalliema, jista' jintuża filmat; minflok reċtar mill-istudenti, jista' jinqara l-monologu b'leħen li jinstema'.

Għal xi studenti bi sfidi: Jingħata pjan gwidat jew lest; jingħataw għadd ta' mistoqsijiet bħala gwida.

Għal xi studenti tajbin ħafna: Jingħataw aktar ideat kif jesperimentaw bil-lingwa figurattiva.


Is-Sekondarja
Bejni u Bejn Ruħi
© Anthea Enriquez

L-isem ____________________ Id-data ______________________

# Niddeskrivi f'monologu

Kitba tkun aktar effettiva jekk **nuru** dak li għandna f'moħħna mingħajr ma ngħiduh b'mod ovvju. Mod kif nistgħu nagħmlu dan hu permezz ta' **monologu**. Monologu kapaċi joffri l-qarrejja perspettiva unika.

## A. Nanalizzaw żewġ mudelli



**1.** 'Il-ħajja sabiħa. Kull ġurnata li tgħaddi naraha avventura. Ħafna nies jgħiduli li jien wisq ottimista, imma ma naħsibx li jeżisti wisq ottimiżmu. Nieħu pjaċir niltaqa' ma' nies ġodda u nisma' l-istejjer ta' ħajjithom. Naf li l-ħajja mhix faċli, imma x'hemm faċli? Trid tibqa' tissielet u fl-aħħar mill-aħħar, dak kollu li tiżra' jagħmillek il-frott.'

**2.** 'Ara, dik il-karozza, ħamra. Ħamra l-ewwel waħda li ħarġet. Ħomor biss jogħġbuni jiena. Kemm tiġri. Jien erbgħa u għoxrin għandi. Ħafna jagħmluni ta' sebgħa u għoxrin. Għandi klijenta għandha sebgħin sena. Moħħha biex tgħidli biex insuq bil-mod.'



**3. Niżżel xi tekniki deskrittivi li ħaddmu dawn il-mudelli u kkummenta dwar l-effett li jħallu fuq il-qarrejja.**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## B. Ikteb il-monologu tiegħek

TINSIEX!

F'monologu tista' tesperimenta bil-punteġġjatura, bil-lingwa figurattiva, bis-sensi u bl-aġġettivi.



©Anthea Enriquez

# Appendiċi Ċ: Kampjuni ta’ rubriki b’rabta mal-kitba deskrittiva

## Ċ1. Rubrika għall-istudenti fi skola primarja

**L-isem:** ______________________

**Xi kummenti:** ________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

| | |
|---|---|
|  | M’għamiltx hekk |
|  | Irnexxieli ftit |
|  | Irnexxieli ħafna! |

| **Jiena…** | **X’naħseb?** | | |
|---|---|---|---|
| 1. Użajt **kliem differenti**.   |  |  |  |
| 2. Ktibt dak li **rajt**.  |  |  |  |
| 3. Ktibt dak li **smajt**.  |  |  |  |
| 4. Semmejt **postijiet differenti**.  |  |  |  |

## Ċ2. Rubrika għall-istudenti fi skola sekondarja

L-isem: ______________

It-titlu tal-kitba: _________

__________________________

| | |
|---|---|
| ★★★★★ | Trid taħdem iżjed ... |
| ★★★★★ | Ċapċap u saffar kemm tiflaħ! |

| **Jiena…** | **Kif inħoss li mort?** |
|---|---|
| Ktibt ħafna ideat kreattivi u/jew interessanti skont is-suġġett. | ★★★★★ |
| Għażilt l-aktar kliem effettiv li stajt. | ★★★★★ |
| Irreferejt għal tliet sensi jew aktar. | ★★★★★ |
| Użajt xi similitudnijiet f'kitbieti. | ★★★★★ |
| Użajt xi personifikazzjonijiet f'kitbieti. | ★★★★★ |
| Erġajt qrajt il-kitba biex nara jekk hemmx xi tibdiliet li nista' nagħmel biex intejjeb il-kitba tiegħi. | ★★★★★ |
| Editjajt il-kitba tiegħi wara li rrevedejtha. | ★★★★★ |

Xi kummenti: ______________________________________________

__________________________________________________________

__________________________________________________________

## Ċ3. Rubrika għall-għalliema fi skola primarja

L-isem tal-istudent/a/i:______________________________________________

Il-klassi:____________ Id-data:_____________________________________

| Il-komponent | Ħażin | Mhux Ħażin | Tajjeb |
|---|---|---|---|
| **L-għażla tal-kliem** | Il-kitba fiha lessiku limitat li ma jikkomunikax b'mod ċar. | Il-kitba fiha lessiku mifrux li f'waqtiet ma jikkomunikax b'mod ċar. | Il-kitba fiha lessiku mifrux li jikkomunika b'mod ċar. |
| | 0 1 2 3 4 5 | 6 7 8 9 10 | 11 12 13 14 15 |
| **Id-dettalji sensorji** | Il-kitba ma tagħmilx referenza għas-sensi. | Il-kitba fiha sens wieħed. | Il-kitba fiha ż-żewġ sensi mistennija. |
| | 0 1 2 3 4 5 | 6 7 8 9 10 | 11 12 13 14 15 |
| **Il-karattri** | Id-deskrizzjoni ma tagħmel ebda referenza għall-partijiet tal-wiċċ. | Id-deskrizzjoni tagħmel referenza għal parti jew tnejn tal-wiċċ. | Id-deskrizzjoni tagħmel referenza għall-partijiet differenti tal-wiċċ. |
| | 0 1 2 3 4 5 | 6 7 8 9 10 | 11 12 13 14 15 |
| **L-ambjent** | Id-deskrizzjoni ma tagħmel ebda referenza għall-kmamar tad-dar b'mod ċar. | Id-deskrizzjoni tagħmel referenza għal kamra waħda tad-dar b'mod ċar. | Id-deskrizzjoni tagħmel referenza għall-kmamar tad-dar b'mod ċar. |
| | 0 1 2 3 4 5 | 6 7 8 9 10 | 11 12 13 14 15 |
| **Total** | ________ minn 60 | | |

## Ċ4. Rubrika għall-għalliema fi skola sekondarja

L-isem tal-istudent/a/i:______________________________________________

Il-klassi:___________ Id-data:_______________________________________

| Il-komponent | Ħażin | Mhux Ħażin | Tajjeb |
|---|---|---|---|
| Il-kwalità tal-ideat | Il-kitba fiha ftit ideat li jirrepetu ruħhom bi ftit rabta mat-tema. | Il-kitba fiha għadd ta' ideat marbutin mat-tema. | Il-kitba fiha ħafna ideat ċari, oriġinali, kreattivi u interessanti marbutin mat-tema. |
| | 0 1 2 3 4 5 | 6 7 8 9 10 | 11 12 13 14 15 |
| L-għażla tal-kliem | Il-kitba għandha vokabolarju limitat li ma jikkomunikax jew li ma jqanqalx lill-qarrejja. | Il-kitba għandha vokabolarju li jikkomunika b'mod ċar iżda ma jqanqalx lill-qarrejja. | Il-kitba għandha vokabolarju preċiż li jikkomunika b'mod ċar, jinteressa u jqanqal lill-qarrejja. |
| | 0 1 2 3 4 5 | 6 7 8 9 10 | 11 12 13 14 15 |
| In-narrazzjoni | In-narrazzjoni mhix ċara u effettiva u ma tħaddimx tekniki deskrittivi bħall-użu tal-monologu u/jew id-djalogu. | In-narrazzjoni mhix ċara u effettiva għalkollox iżda tħaddem tekniki deskrittivi bħall-użu tal-monologu u/jew id-djalogu. | In-narrazzjoni hi waħda ċara u effettiva li tħaddem tekniki deskrittivi bħall-użu tal-monologu u/jew id-djalogu. |
| | 0 1 2 3 4 5 | 6 7 8 9 10 | 11 12 13 14 15 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Il-qagħda emozzjonali** | Id-deskrizzjoni tal-emozzjonijiet ma tagħmel ebda referenza għall-espressjonijiet tal-wiċċ jew il-ġestikulazzjoni jew it-ton tal-vuċi. | Id-deskrizzjoni tal-emozzjonijiet tagħmel referenza għall-espressjonijiet tal-wiċċ jew il-ġestikulazzjoni jew it-ton tal-vuċi. | Id-deskrizzjoni tal-emozzjonijiet tagħmel referenza għall-espressjonijiet tal-wiċċ, il-ġestikulazzjoni u t-ton tal-vuċi. |
| | 0 1 2 3 4 5 | 6 7 8 9 10 | 11 12 13 14 15 |
| **Il-qagħda emozzjonali** | Il-kitba ma fiha ebda similitudni, personifikazzjoni jew metafora; jew jekk fiha, tużahom b'mod mhux preċiż. | Il-kitba fiha tal-anqas similitudni, personifikazzjoni jew metafora waħda użata b'mod effettiv. | Il-kitba fiha għadd ta' similitudnijiet, personifikazzjonijiet u metafori użati b'mod effettiv. |
| | 0 1 2 3 4 5 | 6 7 8 9 10 | 11 12 13 14 15 |
| **Total** | ________ minn 75 | | |

Xi kummenti: ____________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________